**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0162/2020**

22.9.2020

*****I**

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")
(COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Jytte Guteland

Rapporteur għal opinjoni (*):
Zdzisław Krasnodębski, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura



*Magħquda fid-diversità*

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................79

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ........82

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .....................................136

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI ..........................................177

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI...........210

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .............................................................258

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI......260

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")**
**(COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0080),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0077/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Lulju 2020[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta' Lulju 2020[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0162/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-	wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), inkluż l-SDG 3 "Saħħa u Benesseri Globali",*** |

**Emenda 2**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-	wara li kkunsidra l-konsegwenzi drammatiċi tat-tniġġis tal-arja għas-saħħa tal-bniedem li, skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, jikkawża 400 000 mewta prematura fis-sena,*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa -1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1)	It-theddida eżistenzjali mit-tibdil fil-klima tirrikjedi ambizzjoni msaħħa u azzjoni klimatika akbar min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri. L-Unjoni hija impenjata li ssaħħaħ l-isforzi sabiex tindirizza t-tibdil fil-klima u li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima wara l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi")[1a] fuq il-bażi tal-ekwità u tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, filwaqt li tagħti s-sehem ġust tagħha għall-isforz globali sabiex iż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 1,5° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.*** |

[1a] ***ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. ***Fl-istess ħin, din*** it-tranżizzjoni trid tkun ***waħda*** ġusta u inklużiva ***li ma tħalli 'l ħadd*** lura. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir ***sostenibbli*** li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ***aktar sana,*** ġusta u għanja b'ekonomija moderna, ***sostenibbli,*** effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva ***internazzjonalment, u b'impjiegi ta' kwalità għolja,*** fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva***, tirrestawra*** u ssaħħaħ il-kapital naturali***, l-ekosistemi marini u terrestri u l-bijodiversità*** tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. ***Dik*** it-tranżizzjoni trid tkun ***ibbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika indipendenti. Fl-istess ħin, trid tkun soċjalment*** ġusta u inklużiva***, u tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u l-isforz kollaborattiv fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla*** lura***, timmira wkoll li toħloq tkabbir ekonomiku, impjiegi ta' kwalità għolja u ambjent prevedibbli għall-investiment, u ssegwi l-prinċipju "tagħmel l-ebda ħsara"***. |
| [19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). | [19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra[20] jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES)[21] wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità.[22] | (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra[20] jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied ***malajr*** l-azzjoni klimatika ***u ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima***. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp ***u li jintlaħqu l-punti kritiċi***. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES)[21] wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità.[22] ***Wera wkoll li huwa stmat li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jipprovdu 37 % tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima sal-2030. It-tibdil fil-klima għandu impatt qawwi fuq l-ekosistemi marini u terrestri li jaġixxu bħala bjar essenzjali għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-karbonju b'assorbiment gross ta' madwar 60 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi globali fis-sena.*** |
| [20] Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1.5°C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5°C above pre-industrial levels and related global | [20] An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5°C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global |

| | |
|---|---|
| greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)]. | response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)]. |
| [21] Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services". | [21] Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services". |
| [22] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea). | [22] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea). |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex ***nimxu*** b'mod ġust ***u*** kosteffettiv ***lejn il-mira*** b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). | (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni ***ġusta*** tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi ***ta' kwalità għolja***, ***għall-welfare soċjali,*** għat-tkabbir ***sostenibbli*** u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex ***tintlaħaq*** b'mod ***rapidu,*** ġust***, effiċjenti,*** kosteffettiv ***u soċjalment ġust mingħajr ma ħadd jitħalla lura l-mira*** b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Ix-xjenza wriet ir-rabta bejn il-kriżi tas-saħħa, ambjentali u klimatika, b'mod partikulari b'rabta mal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Il-kriżijiet tas-saħħa u sanitarji bħall-COVID-19 jistgħu jimmultiplikaw fid-deċennji li ġejjin u jirrikjedu li l-Unjoni, bħala attur globali, timplimenta strateġija globali bil-għan tal-prevenzjoni tal-iżvilupp ta' sitwazzjonijiet bħal dawn, billi tindirizza l-kwistjonijiet f'ras il-għajn, u tippromwovi approċċ integrat ibbażat fuq l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Skont id-WHO, it-tibdil fil-klima jaffettwa l-fatturi determinanti soċjali u ambjentali tas-saħħa – l-arja nadifa, l-ilma tax-xorb sikur, is-suffiċjenza alimentari u l-kenn sikur – u kull sena bejn l-2030 u l-2050 huma mistennija 250 000 mewta addizzjonali, kaġun ta' malnutrizzjoni, malarja, dijarea u stress mis-sħana, flimkien ma' temperaturi tal-arja estremament għoljin li jikkontribwixxu b'mod dirett għall-imwiet, partikolarment fost l-anzjani u l-individwi vulnerabbli. Permezz tal-għargħar, il-mewġiet ta' sħana, in-nixfiet u n-nirien, it-tibdil fil-klima għandu impatti konsiderevoli fuq is-saħħa tal-bniedem, fosthom in-nuqqas ta' nutrizzjoni, il-mard kardjovaskulari u respiratorju u l-infezzjonijiet li jiġu trażmessi minn vettur.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3c) Il-preambolu tal-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi d-dritt għas-saħħa bħala dritt fundamentali. Skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Partijiet kollha tagħha jenħtieġ li jużaw metodi xierqa, pereżempju valutazzjonijiet tal-impatt, ifformulati u determinati fil-livell nazzjonali bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq l-ekonomija, fuq is-saħħa pubblika u fuq il-kwalità tal-ambjent, ta' proġetti jew miżuri mwettqa minnhom biex itaffu t-tibdil fil-klima jew jadattaw għalih.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3d) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet inaljenabbli taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-ħajja u għal ambjent sikur, kif rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jirrikjedi li l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali rispettivament biex jindirizzaw ir-riskji reali u immedjati, kemm għall-ħajjiet kif ukoll għall-benesseri tan-nies u għad-dinja naturali li jiddependu minnha, irrappreżentati mill-emerġenza klimatika globali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun iffukat fuq in-nies u l-għan tiegħu jenħtieġ li jkun li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***impatti relatati mal-ambjent.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi l-għan fit-tul li ***ż-żieda*** fit-temperatura globali ***tinżamm ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex din tinżamm taħt il-1,5 °C*** 'il fuq mil-livelli preindustrijali[23], ***u jenfasizza l-importanza li nadattaw ruħna*** għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima[24] u li ***nagħmlu*** l-flussi finanzjarji konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima[25]. | (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi l-għan fit-tul li ***jsiru sforzi biex iż-żieda*** fit-temperatura globali ***tiġi limitata għal 1,5 °C*** 'il fuq mil-livelli preindustrijali[23], ***li tiżdied il-kapaċità ta' adattament*** għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima[24] u li l-flussi finanzjarji ***jsiru*** konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima[25]. ***Bħala l-qafas ġenerali għall-kontribut tal-Unjoni għall-Ftehim ta' Pariġi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri jikkontribwixxu bis-sħiħ biex jintlaħqu dawk it-tliet objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.*** |
| [23] L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi.<br>[24] L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi.<br>[25] L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi. | [23] L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi.<br>[24] L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi.<br>[25] L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l- | (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, ***l-ekonomija,*** is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u |

| | |
|---|---|
| objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. | biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. ***F'dan id-dawl, l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-prinċipju ta' prekawzjoni, mill-prinċipju "min iniġġes iħallas", mill-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u mill-prinċipju "tagħmel l-ebda ħsara".*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Bis-saħħa tal-qafas regolatorju li ġie stabbilit mill-Unjoni u l-isforzi mwettqa mill-industriji Ewropej, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni naqsu bi 23 % bejn l-1990 u l-2018, filwaqt li l-ekonomija kibret b'61 % matul l-istess perjodu, u dan juri li huwa possibbli li t-tkabbir ekonomiku jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Jenħtieġ*** li s-setturi ekonomiċi kollha ***jkunu obbligati jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija ***li tkun*** sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd u | (6) ***Il-kisba tan-newtralità klimatika tirrikjedi*** li s-setturi ekonomiċi kollha***, inklużi dawk tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu, inaqqsu malajr l-emissjonijiet tagħhom għal qrib iż-żero. Il-prinċipju "min iniġġes iħallas" jenħtieġ li jkun fattur ewlieni f'dak ir-rigward***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal- |

li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika.

produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija ***effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq is-sorsi rinnovabbli,*** sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd***, filwaqt li jitnaqqas il-faqar enerġetiku,*** u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. ***Il-kontribut tal-ekonomija ċirkolari għan-newtralità klimatika jenħtieġ li jiġi estiż billi tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u billi jiżdied l-użu ta' materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju filwaqt li jiġu promossi l-evitar tal-iskart u r-riċiklaġġ.*** It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp***, li jirrikjedu finanzjament addizzjonali,*** ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. ***L-Unjoni u l-Istati Membri se jkollhom bżonn jadottaw oqfsa regolatorji ambizzjużi u koerenti biex jiżguraw il-kontribut tas-setturi kollha tal-ekonomija għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni.***

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6a) L-emissjonijiet totali kumulattivi antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra matul iż-żmien u l-konċentrazzjoni korrispondenti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera huma partikolarment rilevanti għas-sistema klimatika u ż-żidiet fit-temperatura. Ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tisħin Dinji ta' 1,5 °C u l-bażi ta' data tax-xenarji sottostanti tiegħu jipprovdu l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-evidenza xjentifika l-aktar riċenti dwar il-baġit ta' gassijiet b'effett ta' serra globali li jkun għad fadal sabiex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm, fis-seklu 21, għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Sabiex ikun hemm konsistenza mal-impenji tal-Unjoni li*** |

| | |
|---|---|
| | ***tkompli bl-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, jeħtieġ li jiġi stabbilit sehem ekwu tal-Unjoni mill-baġit globali li jkun għad fadal tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-baġit tal-gassijiet b'effett ta' serra huwa wkoll għodda importanti biex jiżdiedu t-trasparenza u l-akkontabbiltà tal-politiki tal-Unjoni dwar il-klima. Fl-analiżi approfondita tagħha b'appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 intitolata "Pjaneta Nadifa għal kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", il-Kummissjoni tindika li baġit tal-karbonju tal-UE-28 kompatibbli mal-mira ta' 1,5 °C għall-2018-2050 jammonta għal 48 Gt ta' $CO_2$. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi baġit nett għall-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE-27, espress f'ekwivalenti ta' $CO_2$ abbażi tal-aħħar kalkoli xjentifiċi użati mill-IPCC, li jirrappreżenta s-sehem ekwu tal-Unjoni tal-emissjonijiet globali li jkun għad fadal, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra jenħtieġ li jiggwida l-istabbiliment tat-trajettorja tal-Unjoni lejn emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2050, b'mod partikulari l-miri futuri tagħha tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 u l-2040.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-Unjoni ***ilha żmien issegwi politika ambizzjuża b'rabta mal-azzjoni klimatika, u*** implimentat qafas regolatorju biex tikseb il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li | (7) L-Unjoni implimentat qafas regolatorju biex tikseb il-mira ***attwali*** tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 ***li ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Pariġi***. Fost il-leġiżlazzjoni li |

timplimenta din il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], li tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], li jitlob lill-Istati Membri jibbilanċjaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija.

[26] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[27] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

[28] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

timplimenta din il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], li tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], li jitlob lill-Istati Membri jibbilanċjaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija.

[26] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[27] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

[28] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet hija pedament tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-għodda ewlenija tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod kosteffettiv.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[29], l-Unjoni ilha żmien issegwi programm ***ambizzjuż*** ta' dekarbonizzazzjoni, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE[30] u (UE) 2018/2001[31] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. | (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[29], l-Unjoni ilha żmien issegwi programm ta' dekarbonizzazzjoni, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE[30] u (UE) 2018/2001[31] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. |
| [29] COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016. | [29] COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016. |
| [30] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1). | [30] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1). |
| [31] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82). | [31] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82). |

[32] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[32] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Il-Kummissjoni żviluppat u adottat diversi inizjattivi leġiżlattivi fis-settur tal-enerġija, b'mod partikulari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Dawk l-inizjattivi jifformaw pakkett taħt it-tema globali "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u t-tmexxija globali tal-Unjoni fl-enerġija rinnovabbli. Dawk l-inizjattivi jenħtieġ li jitqiesu fil-progress nazzjonali fit-tul fil-ħidma lejn il-mira ta' newtralità klimatika tal-2050 sabiex jiġu żgurati sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa se twassal għal sistema tal-enerġija li fiha l-provvista tal-enerġija primarja tiġi l-aktar minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, li ttejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-provvista, tnaqqas id-dipendenza enerġetika u tippromwovi l-impjiegi f'livell nazzjonali.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(9c) It-tranżizzjoni enerġetika ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u tnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dak it-tibdil strutturali lejn ekonomija aktar effiċjenti bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli fis-setturi kollha mhux se jkun ta' benefiċċju biss għall-bilanċ kummerċjali iżda se jsaħħaħ ukoll is-sigurtà enerġetika u l-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(9d) Sabiex tiżgura s-solidarjetà u tippermetti tranżizzjoni enerġetika effettiva, il-politika tal-Unjoni dwar il-klima trid tfassal perkors ċar biex in-newtralità klimatika tinkiseb sal-2050. L-Unjoni jenħtieġ li tibqa' realistika dwar il-kosteffiċjenza u l-isfidi tekniċi u tiżgura li sorsi tal-enerġija aġġustabbli li jibbilanċjaw il-punti massimi u minimi tad-domanda fis-sistema tal-enerġija, bħat-teknoloġiji tal-idroġenu, ikunu disponibbli u affordabbli.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9e (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(9e) Il-protezzjoni tal-klima tipprovdi opportunità biex l-ekonomija tal-Unjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tintensifika l-azzjoni tagħha u tgawdi l-benefiċċji tal-vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel billi tkun minn ta' quddiem fit-teknoloġiji nodfa. Tista' tgħin biex tassigura t-tmexxija tal-industrija tagħha fl-innovazzjoni globali. L-innovazzjonijiet fil-produzzjoni sostenibbli jistgħu jippromwovu l-qawwa industrijali tal-Unjoni f'oqsma ewlenin tas-suq u b'hekk jipproteġu u joħolqu l-impjiegi.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9f) Jeħtieġ li jiġi stabbilit appoġġ għall-investimenti meħtieġa f'teknoloġiji sostenibbli ġodda li huma essenzjali biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. F'dak ir-rigward, huwa importanti li tiġi rispettata n-newtralità teknoloġika filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe effett ta' lock-in. Kif iddikjarat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2020 intitolata "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima", l-idroġenu jista' wkoll ikollu rwol fl-appoġġ tal-impenn tal-Unjoni biex tikseb in-newtralità tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050, speċjalment fis-setturi intensivi fl-enerġija.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Unjoni ***hija*** mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li tgħin biex tiżdied l- | (10) L-Unjoni ***għandha kemm ir-responsabbiltà kif ukoll il-mezzi biex tibqa' tkun*** mexxejja globali fit- |

ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ ***it-tweġiba*** globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima.

tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika***,*** u hija deċiża li ***tiksibha b'mod ġust, soċjalment ekwu u inklużiv kif ukoll li*** tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ ***ir-reazzjoni*** globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima***, il-kummerċ, l-investiment u l-politiki industrijali. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ id-diplomazija ambjentali tagħha fil-fora internazzjonali kollha rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet internazzjonali dwar il-klima, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.***

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Parlament Ewropew appella ***għat-tranżizzjoni*** meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali[34]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li ***rrikonoxxa l-fatt*** li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. | (11) Il-Parlament Ewropew appella ***lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni klimatika biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni*** meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima ***mill-aktar fis possibbli u*** sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali[34]. ***Appella ripetutament ukoll lill-Unjoni biex iżżid il-mira klimatika tagħha għall-2030, u biex dik il-mira akbar tkun parti mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[34a].*** Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li ***tkun ibbażata fuq l-ekwità u tranżizzjoni ġusta, u filwaqt li jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri, kif ukoll li jiġi rikonoxxut*** li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall- |

| | |
|---|---|
| | istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. |
| [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). | [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). |
| [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). | [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). |
| | ***[34a] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Madrid, Spanja (COP 25) (2019/2712(RSP)).*** |
| [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). | [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Unjoni ***timmira*** li, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, ***sal-2050 tilħaq*** bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ***ġo fiha***. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha ***jaħdmu flimkien biex*** jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex | (12) Jenħtieġ li l-Unjoni ***u l-Istati Membri jimmiraw*** li, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, ***sa mhux aktar tard mill-2050 jilħqu*** bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ***fi ħdanha u fil-livell tal-Istati Membri***. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu |

| | |
|---|---|
| jinkiseb dan l-objettiv. | jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. ***Wara l-2050, l-Unjoni u l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet biex jiżguraw li l-assorbimenti ta' gassijiet b'effett ta' serra jaqbżu l-emissjonijiet antropoġeniċi.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Kull Stati Membri għandu r-responsabbiltà li jikseb in-newtralità klimatika individwalment sa mhux aktar tard mill-2050. Bħala kwistjoni ta' ġustizzja u solidarjetà, u sabiex tiġi assistita t-trasformazzjoni enerġetika tal-Istati Membri b'punti tat-tluq differenti, jenħtieġu mekkaniżmi ta' appoġġ u finanzjament suffiċjenti tal-Unjoni bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta previst fir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u mekkaniżmi ta' finanzjament rilevanti oħra.*** |
| | ______________ |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU ...).*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) Il-preambolu tal-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha, inklużi l-oċeani. Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima*** |

***tisħaq li l-Partijiet għaliha għandhom jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli, u l-konservazzjoni u t-titjib tal-bjar u tar-riżervi tal-gassijiet b'effett ta' serra kollha, inklużi l-bijomassa, il-foresti u l-oċeani kif ukoll ekosistemi terrestri, kostali u marini oħra. Jekk ma jintlaħqux l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, it-temperatura tista' taqbeż il-punt kritiku li lil hinn minnu l-oċean ma jkunx jista' jibqa' jassorbi daqstant karbonju u jkollu sehem fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.***

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12c) Il-bjar naturali tal-karbonju għandhom rwol importanti fit-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima. Il-Kummissjoni qed teżamina l-iżvilupp ta' qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Ekonomija Ċirkolari u mal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt". L-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-inizjattivi inklużi fiha se jkollhom rwol importanti fir-restawr tal-ekosistemi degradati, b'mod partikulari dawk bl-akbar potenzjal li jaqbdu u jaħżnu l-karbonju u li jipprevjenu u jnaqqsu l-impatt tad-diżastri naturali. Ir-restawr tal-ekosistemi jgħin fiż-żamma, il-ġestjoni u t-titjib tal-bjar naturali u jippromwovi l-bijodiversità filwaqt li jiġġieled it-tibdil fil-klima.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12d) Sabiex tiġi pprovduta aktar ċarezza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta definizzjoni ta' bjar tal-karbonju naturali u ta' tip ieħor.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12e (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12e) Fit-tranżizzjoni tagħha lejn in-newtralità klimatika, l-Unjoni jeħtiġilha tippreserva l-kompetittività tal-industrija tagħha, b'mod partikulari l-industrija intensiva fl-enerġija, inkluż billi tiżviluppa miżuri effettivi biex tindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod li jkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO u toħloq sitwazzjoni b'kundizzjonijiet ekwi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, sabiex tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC. | (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, ***b'mod partikulari billi tgħin lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, permezz tal-politika tagħha dwar l-azzjoni esterna u l-iżvilupp,*** sabiex tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi |

| | |
|---|---|
| | r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC***, il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP), l-IPBES u l-Kunsill Ewropew għat-Tibdil fil-Klima (ECCC)***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) L-ekosistemi, in-nies u l-ekonomiji fl-Unjoni se jiffaċċjaw impatti enormi mit-tibdil fil-klima jekk l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ma jiġux immitigati b'mod urġenti jew ma jkun hemm ebda adattament għat-tibdil fil-klima. L-adattament għat-tibdil fil-klima jimminimizza aktar l-impatti inevitabbli b'mod kosteffettiv, b'kobenefiċċji konsiderevoli mill-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) L-effetti avversi tat-tibdil fil-klima jistgħu potenzjalment jisbqu l-kapaċitajiet ta' adattament tal-Istati Membri. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex jevitaw, jimminimizzaw u jindirizzaw it-telf u l-ħsara, kif previst fl-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament. | (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament ***u jenħtieġ li l-Kummissjoni tgħin fil-monitoraġġ tal-progress dwar l-adattament billi tiżviluppa indikaturi***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Meta jkunu qed jadottaw l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-oqsma l-aktar milquta. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-bijodiversità tiġi promossa, konservata u restawrata sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha għar-regolazzjoni tal-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament jinkoraġġixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u adattament ibbażat fuq l-ekosistemi li jikkontribwixxi għar-restawr u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, iqisu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet territorjali u l-għarfien lokali, u jistabbilixxu wkoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***miżuri konkreti biex jipproteġu l-ekosistemi marini u kostali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-attivitajiet li jxekklu l-ħila tal-ekosistemi li jadattaw għat-tibdil fil-klima jitneħħew biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-servizzi tal-ekosistema u l-bijodiversità.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14b) Jenħtieġ li l-istrateġiji ta' adattament jinkoraġġixxu wkoll bidla fil-mudell fiż-żoni milquta, abbażi ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi u bbażati fuq in-natura. Jenħtieġ li dawn jiżguraw għajxien sostenibbli biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar, inklużi agrikoltura sostenibbli u lokali, ġestjoni sostenibbli tal-ilma u enerġiji rinnovabbli, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, sabiex ikun hemm trawwim kemm tar-reżiljenza tagħhom kif ukoll tal-protezzjoni tal-ekosistemi tagħhom.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika ***għall-benesseri*** taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati | (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika ***għas-saħħa, il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri*** taċ-ċittadini, ***għall-ġustizzja soċjali,*** għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija***, inklużi kompetizzjoni ġusta u*** |

Membri u fi ħdanhom filwaqt li ***jqisu*** l-kapaċità ekonomika ***tagħhom***, ***iċ-ċirkustanzi*** nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa ***li jkun hemm il-konverġenza*** maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u ***l-progress*** li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

***kundizzjonijiet ekwi fuq livell globali***; ***Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu wkoll kwalunkwe burokrazija jew ostaklu leġiżlattiv ieħor li possibbilment ifixklu lill-atturi ekonomiċi jew lis-setturi milli jissodisfaw l-għanijiet klimatiċi; il-kostijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' nuqqas ta' azzjoni jew ta' azzjoni insuffiċjenti; il-fatt li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat mit-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; il-ħtieġa li jiġu promossi modi ta' għajxien sostenibbli; il-massimizzazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi,*** is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel***, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***; il-ġustizzja u s-solidarjetà ***u kundizzjonijiet ekwi*** fost l-Istati Membri ***kollha*** u fi ħdanhom filwaqt li ***jitqiesu*** l-kapaċità ekonomika, ***iċ-ċirkostanzi*** nazzjonali ***u l-punti ta' tluq differenti*** tagħhom***,*** u l-ħtieġa ***ta' konverġenza*** maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta ***skont il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-2015 għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet ambjentalment sostenibbli għal kulħadd***; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC ***u tal-IPBES***; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima ***u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima*** jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar ***filwaqt li jiġi żgurat li l-politiki tal-Unjoni jkunu reżistenti għall-klima***; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza ***abbażi tal-ekwità***; ***il-ħtieġa ta' mmaniġġjar, preservazzjoni u restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità marini u terrestri; l-istatus tal-infrastruttura attwali u l-ħtiġijiet possibbli għall-aġġornament tal-***

| | |
|---|---|
| | ***infrastruttura tal-Unjoni u għall-investimenti fiha; il-progress*** li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni***; il-kapaċità tad-diversi partijiet ikkonċernati li jinvestu fit-tranżizzjoni b'mod soċjalment vijabbli; u r-riskju potenzjali tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-miżuri biex din tiġi evitata.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ ***bidliet*** fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ***ekonomiċi*** kollha u ***tas-setturi kollha tas-soċjetà***, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. | (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ ***bidla trasformattiva*** fl-ispettru kollu tal-politika***, finanzjament ambizzjuż u sostnut*** u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi kollha ***tal-ekonomija*** u ***tas-soċjetà, inklużi l-avjazzjoni u t-trasport marittimu***, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Is-setturi ewlenin kollha tal-ekonomija se jkollhom jaħdmu flimkien sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika, b'mod partikolari dawk tal-enerġija, tal-industrija, tat-trasport, tal-bini u tat-tisħin*** |

| | |
|---|---|
| | ***u t-tkessiħ, tal-agrikoltura, tal-iskart u tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija. Jenħtieġ li s-setturi kollha, kemm jekk koperti mill-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) kif ukoll jekk le, jagħmlu sforzi komparabbli biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni. Sabiex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw prevedibbiltà, fiduċja u jkunu involuti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi gwida għas-setturi tal-ekonomija li jistgħu jikkontribwixxu l-aktar biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. Jenħtieġ li l-gwida jkun fiha trajettorji indikattivi għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra f'dawk is-setturi fil-livell tal-Unjoni. Dan jipprovdilhom iċ-ċertezza biex jieħdu l-miżuri xierqa u jippjanaw l-investimenti meħtieġa, u għalhekk jgħinhom jibqgħu fit-triq tat-tranżizzjoni. Fl-istess ħin dan iservi wkoll bħala mekkaniżmu tal-impenn tas-setturi fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet tan-newtralità klimatika.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tirrikjedi li s-setturi kollha jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari u tkompli tappoġġa alternattivi rinnovabbli li jistgħu jissostitwixxu l-prodotti u l-materjali bbażati fuq il-fjuwils fossili. L-użu ulterjuri ta' prodotti u materjali rinnovabbli jkollu benefiċċju kbir ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u jibbenefika lil ħafna setturi differenti.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16c) Filwaqt li jitqies ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-ħidma ssoktata sabiex din tinżamm jenħtieġ li jkunu tranżizzjoni ekoloġika reali, iwasslu għal tnaqqis reali fl-emissjonijiet, u mhux joħolqu riżultat falz ibbażat fl-Unjoni, għaliex il-produzzjoni u l-emissjonijiet ikunu ġew rilokati barra l-Unjoni. Sabiex dan jinkiseb, jenħtieġ li l-politiki tal-Unjoni jitfasslu b'tali mod li jimminimizzaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jesploraw soluzzjonijiet teknoloġiċi.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16d) Jenħtieġ li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika ma teskludix is-settur agrikolu, l-uniku settur produttiv li kapaċi jaħżen id-dijossidu tal-karbonju. Il-ħżin fit-tul huwa ggarantit b'mod partikolari mill-forestrija, il-mergħat fit-tul u l-uċuħ tar-raba' pluriennali b'mod ġenerali.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16e) Sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika, irid jitqies ir-rwol speċjali tal-agrikoltura u l-forestrija, peress li*** |

| | |
|---|---|
| | ***agrikoltura u forestrija vitali u produttivi biss kapaċi jfornu lill-popolazzjoni ikel ta' kwalità għolja u sikur fi kwantitajiet suffiċjenti u bi prezzijiet affordabbli, kif ukoll materja prima rinnovabbli għall-finijiet kollha tal-bijoekonomija.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16f) Il-foresti għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Il-ġestjoni tal-foresti sostenibbli u qrib in-natura hija kruċjali għall-assorbiment kontinwu tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-atmosfera u tippermetti wkoll il-provvista ta' materja prima rinnovabbli u li ma tagħmilx ħsara lill-klima għal prodotti tal-injam, li jaħżnu l-karbonju u li jistgħu jaġixxu ta' sostitut għal materjali u fjuwils ibbażati fuq il-fossili. Ir-"rwol triplu" tal-foresti (bjar, ħżin u sostituzzjoni) jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-rilaxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-atmosfera, filwaqt li jiżgura li l-foresti jkomplu jikbru u jipprovdu ħafna servizzi oħra.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16 g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16g) Jenħtieġ li d-dritt tal-Unjoni jippromwovi l-afforestazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-Istati Membri li ma għandhomx riżorsi forestali sinifikanti, permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u l-għarfien espert industrijali.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. ***Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni tirrevedi l-mira*** tal-Unjoni ***għall-2030 b'rabta mal-klima u*** li ***din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030***, ***abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima*** li ***jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill[36]. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk*** jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif ***tkun trid tiġi emendata*** l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira ***sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990***. | (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. ***Fid-dawl tal-għan*** tal-Unjoni li ***tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050***, ***huwa essenzjali*** li ***l-azzjoni klimatika tissaħħaħ aktar*** u ***b'mod partikolari*** li ***l-mira klimatika*** tal-Unjoni għall-2030 ***tiżdied għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 60 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990***. ***Konsegwentement,*** jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif ***ikunu jridu jiġu emendati b'mod korrispondenti*** l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira ***miżjuda u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari***. |

[36] *Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Biex tiżgura li l-Unjoni u l-Istati Membri kollha jibqgħu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika, u biex tiżgura l-prevedibbiltà u l-fiduċja għall-atturi ekonomiċi kollha, inklużi l-impriżi, il-ħaddiema u t-trade unions, l-investituri u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora l-possibilitajiet għall-istabbiliment ta' mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 u tressaq proposti leġiżlattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn ikun xieraq.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) Sat-30 ta' Ġunju 2021, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid u tipproponi li tirrevedi, fejn neċessarju, kull politika u strument rilevanti għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kisba tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). F'dan ir-rigward, il-miri miżjuda tal-Unjoni jirrikjedu li l-EU ETS tkun idonea. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid rapidament id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u ssaħħaħ il-Fond ta' Innovazzjoni fl-ambitu ta' din id-Durettiva biex tkompli toħloq inċentivi finanzjarji għal teknoloġija ġdida, issaħħaħ it-tkabbir, il-kompetittività u l-appoġġ għal teknoloġiji ġodda, u tiżgura li t-tisħiħ tal-Fond ta' Innovazzjoni jikkontribwixxi għall-proċess ta' Tranżizzjoni Ġusta.*** |
| | ______________ |
| | ***[1a] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17c) Biex turi l-importanza u l-kritikalità tal-politika dwar it-tibdil fil-klima u biex tagħti lill-atturi politiċi l-informazzjoni neċessarja fil-proċess leġiżlattiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-leġiżlazzjoni futura kollha minn lenti ġdida, li fiha l-klima u l-konsegwenzi fuq il-klima jiġu inklużi, u tiddetermina l-effett li kwalunkwe leġiżlazzjoni proposta jkollha fuq il-klima u l-ambjent fl-istess livell bħalma tivvaluta l-bażi ġuridika, is-sussidjarjetà u l-proprozjonalità.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17d) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura wkoll li l-industrija tkun mgħammra biżżejjed biex tgħaddi mit-tranżizzjoni sinifikanti lejn in-newtralità klimatika u l-miri ambizzjużi ħafna għall-2030 u l-2040 permezz ta' qafas regolatorju dettaljat u riżorsi finanzjarji proporzjonati mal-isfidi. Jenħtieġ li dak il-qafas regolatorju u finanzjarju jiġi vvalutat b'mod regolari, u adattat jekk meħtieġ, biex jiġu evitati r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-għeluq tal-industriji, it-telf tal-impjiegi u kompetizzjoni internazzjonali inġusta.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17e) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtiġijiet tal-impjiegi, inklużi r-rekwiżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp tal-ekonomija u l-istabbiliment ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17f) Sabiex l-Unjoni tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-miri klimatiċi intermedji għall-2030 u l-2040, jenħtieġ li*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri kollha, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2025, ikunu neħħew gradwalment is-sussidji diretti u indiretti kollha fuq il-fjuwils fossili. Jenħtieġ li t-tneħħija gradwali ta' dawk is-sussidji ma jkollhiex impatt fuq l-isforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Biex ikun żgurat li ***l-Unjoni u*** l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika*** u ***biex*** jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew b'rabta mal-adattament ma ***jkunx*** biżżejjed jew f'każ li ***l-miżuri*** tal-Unjoni ma ***jkunux*** konsistenti ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew ma ***jkunux adegwati*** biex ***itejbu l-kapaċità*** ta' adattament, biex ***isaħħu r-reżiljenza*** jew biex ***inaqqsu l-vulnerabbiltà***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. | (18) Biex ikun żgurat li l-Istati Membri ***kollha*** jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu ***l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** u jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress ***li jkun sar minn kull Stat Membru u l-progress*** kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu ***l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** jew b'rabta mal-adattament ma ***jkunux*** biżżejjed jew f'każ li ***kwalunkwe miżura*** tal-Unjoni ma ***tkunx*** konsistenti ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** jew ma ***tkunx adegwata*** biex ***ittejjeb il-kapaċità*** ta' adattament, biex ***isaħħaħ ir-reżiljenza*** jew biex ***tnaqqas il-vulnerabbiltà***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. ***Jenħtieġ li meta tiġi għall-adozzjoni l-Kummissjoni tippubblika dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Il-kisba tan-newtralità klimatika hija possibbli biss jekk l-Istati Membri kollha jaqsmu l-piż u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Kull Stat Membru għandu l-obbligu li jilħaq il-miri interim u finali u jekk il-Kummissjoni tqis li dawn l-obbligi ma ntlaħqux, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tieħu miżuri kontra l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-miżuri jkunu proporzjonati, xierqa u konformi mat-Trattati.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18b) L-għarfien espert xjentifiku u l-aqwa evidenza aġġornata disponibbli, flimkien ma' informazzjoni dwar it-tibdil fil-klima li tkun kemm fattwali kif ukoll trasparenti huma fundamentali u jeħtieġ li jsejsu l-azzjoni u l-isforzi klimatiċi tal-Unjoni biex tinkiseb newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima jaqdu rwol importanti fl-informar tal-pubbliku u fil-kontribut għad-dibattitu ta' orjentazzjoni rigward it-tibdil fil-klima f'dawk l-Istati Membri fejn jeżistu. Għalhekk, l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan, huma mħeġġa jistabbilixxu korp konsultattiv nazzjonali dwar il-klima, li jikkonsisti minn xjentisti magħżula abbażi tal-għarfien espert tagħhom fil-qasam tat-tibdil fil-klima u dixxiplini oħra rilevanti għall-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. F'kooperazzjoni ma' dawn*** |

***il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima, jenħtieġ li l-Kummissjoni twaqqaf bord konsultattiv xjentifiku indipendenti dwar it-tibdil fil-klima, il-Kunsill Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ECCC), li għandu jikkomplementa l-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), u l-aġenziji u l-istituzzjonijiet tar-riċerka eżistenti tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-missjonijiet tiegħu jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni mal-missjoni tal-IPCC fil-livell internazzjonali. Jenħtieġ li l-ECCC jkun magħmul minn kumitat xjentifiku, li jkun jikkonsisti f'esperti għolja magħżula, u appoġġat minn bord maniġerjali li jiltaqa' darbtejn fis-sena. L-għan tal-ECCC huwa li kull sena jipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni valutazzjonijiet tal-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tagħha dwar il-klima. L-ECCC għandu jivvaluta wkoll l-azzjonijiet u l-mogħdijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u biex jiġi identifikat il-potenzjal ta' sekwestru tal-karbonju.***

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni ***objettiva*** soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. | (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni ***oġġettiva*** soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC**,** |

| | |
|---|---|
| Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. | ***il-UNEP, l-IPBES, l-ECCC u, fejn possibbli, il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima tal-Istati Membri***. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Minħabba li ċ-ċittadini u ***l-komunitajiet*** għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ***ffaċilitata*** parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tikkollabora*** mas-setturi kollha tas-soċjetà biex ***tippermettilhom*** jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex ***tagħtihom*** is-setgħa jagħmlu dan, fosthom ***billi tniedi*** Patt Klimatiku Ewropew. | (20) Minħabba li ċ-ċittadini***, il-komunitajiet*** u ***r-reġjuni*** għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ***kemm imħeġġa kif ukoll iffaċilitata*** parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika ***fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali***. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ***u l-Istati Membri jikkollaboraw*** mas-setturi kollha tas-soċjetà ***b'mod trasparenti għalkollox*** biex ***jippermettulhom*** jieħdu azzjoni favur soċjetà ***soċjalment ġusta, b'bilanċ bejn il-ġeneru,*** newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex ***jagħtuhom*** is-setgħa jagħmlu dan, fosthom ***bit-tnedija ta'*** Patt Klimatiku Ewropew. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi*** trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050***. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[37]***. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati,*** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati***. | (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, ***l-SMEs,*** il-ħaddiema ***u t-trade unions***, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri u tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tivvaluta l-għażliet għall-istabbiliment*** ta' trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050 ***u jenħtieġ li, jekk ikun xieraq, tressaq proposti leġiżlattva quddiem*** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jenħtieġ li l-istrumenti tal-Unjoni marbutin mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jkunu koerenti bejniethom biex il-Kummissjoni tkompli żżomm mal-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex ***jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika***, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-objettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valuazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'sekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-objettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti. | (22) Jenħtieġ li l-istrumenti tal-Unjoni marbutin mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jkunu koerenti bejniethom biex il-Kummissjoni tkompli żżomm mal-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex ***jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni***, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-objettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valuazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'sekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-objettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ssupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni ***sal-***2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill- | (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ssupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni ***u fl-Istati Membri kollha sa mhux aktar tard mill-*** |

| | |
|---|---|
| Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi**,** | 2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi**.** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Unjoni bħalissa hija responsabbli għal 10 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra. L-objettiv tan-newtralità klimatika huwa limitat għall-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-Unjoni. Politika dwar it-tibdil fil-klima koerenti tinvolvi wkoll il-kontroll tal-emissjonijiet li jirriżultaw mill-konsum u l-importazzjonijiet tal-enerġija u r-riżorsi.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) L-impronta klimatika tal-konsum tal-Unjoni hija għodda essenzjali li jenħtieġ li tiġi żviluppata sabiex titjieb il-konsistenza ġenerali tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23c) Politika tal-Unjoni dwar il-klima li tkun kompletament effiċjenti jenħtieġ li tindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tiżviluppa l-għodod xierqa, bħal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, biex tindirizza din il-problema u tipproteġi l-istandards tal-Unjoni u l-atturi ewlenin tal-industriji tal-Unjoni.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23d) L-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel minn pajjiżi terzi żdiedu b'mod kontinwu f'dawn l-aħħar snin.*** |
| | ***Dik it-tendenza tiddetta li jenħtieġ li ssir valutazzjoni ta' liema prodotti importati minn pajjiżi terzi għandhom jiġu soġġetti għal rekwiżiti komparabbli ma' dawk applikabbli għall-bdiewa tal-Unjoni fejn l-oriġini ta' dawn ir-rekwiżiti tinsab fl-objettivi tal-politiki tal-Unjoni biex jitnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima.*** |
| | ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport u komunikazzjoni dwar dak is-suġġett lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2021.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23e) Fil-Komunikazzjoni tagħha, "Il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa tal-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti bħala politika ta' prijorità lejn in-netwralità klimatika. Sabiex tiżgura t-tranżizzjoni lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti, il-Kummissjoni indikat li se tadotta strateġija komprensiva dwar il-mobilità sostenibbli u intelliġenti fl-2020 b'miżuri ambizzjużi mmirati biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' sustanzi niġġiesa fil-modi kollha tat-trasport, inkluż billi tagħti spinta lill-użu ta' vetturi nodfa u fjuwils alternattivi għat-trasport bit-triq, bil-baħar u bl-ajru, iżżid is-sehem ta' modi tat-trasport aktar sostenibbli bħalma huma l-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma interni, u ttejjeb l-effiċjenza fis-sistema kollha tat-trasport, filwaqt li tinċentiva għażliet aktar sostenibbli għall-konsumaturi u prattiki b'emissjonijiet baxxi, u tinvesti f'soluzzjonijiet b'emissjonijiet baxxi u emissjonijiet żero, inkluża l-infrastruttura.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23f) L-infrastruttura tat-trasport jista' jkollha rwol ewlieni fl-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni għal mobilità sostenibbli u intelliġenti billi tipprovdi għal bidla modali lejn modi tat-trasport aktar sostenibbli, b'mod partikolari għat-trasport tal-merkanzija. Fl-istess ħin, l-avvenimenti tat-tibdil fil-klima, bħal-livelli tal-ilma dejjem jogħlew, il-kundizzjonijiet estremi tat-temp, in-nixfa u ż-żieda fit-temperatura jistgħu jirriżultaw fi ħsara għall-infrastruttura, tfixkil operazzjonali, pressjonijiet fuq il-kapaċità u l-effiċjenza tal-katina tal-provvista, u konsegwentement ikollhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***implikazzjoni negattiva għall-mobilità Ewropea. Għalhekk, it-tlestija tan-network ċentrali tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) sal-2030 u t-tlestija tan-network komplementari tat-TEN-T sal-2040 huma tal-akbar importanza, filwaqt li jitqiesu l-obbligi stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-indirizzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-proġetti matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi qafas leġiżlattiv biex jissaħħu l-ġestjoni tar-riskju, ir-reżiljenza u l-adattament tal-infrastruttura tat-trasport għall-klima.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23g) Il-konnettività tan-network ferrovjarju Ewropew, b'mod partikolari l-konnessjonijiet internazzjonali, biex it-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija isir aktar attraenti għal vjaġġi fuq distanzi medji u twal u t-titjib fil-kapaċità tas-sistemi ferrovjarji u l-passaġġi fuq l-ilma interni għall-merkanzija, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-azzjoni leġiżlattiva tal-UE.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23h (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23h) Huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm investimenti suffiċjenti fl-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa għal mobilità b'emissjonijiet żero, inklużi pjattaformi intermodali, u fit-tisħiħ tar-rwol tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*** |

| | |
|---|---|
| | ***(FNE) fl-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mobilità intelliġenti, sostenibbli u sikura fl-Unjoni;*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23i (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23i) F'konformità mal-isforz tal-Unjoni biex tbiddel it-trasport bit-triq f'wieħed ferrovjarju sabiex il-mezz tat-trasport l-aktar effiċjenti f'termini ta' $CO_2$ jitpoġġa fuq quddiem nett filwaqt li titqies is-Sena Ewropea tal-ferrovija li jmiss fl-2021, jenħtieġ li titpoġġa enfasi leġiżlattiva partikolari fuq il-ħolqien ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea reali billi sal-2024 jitneħħew il-piżijiet amministrattivi kollha u l-liġijiet nazzjonali protezzjonisti.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23j (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23j) Sabiex tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ ukoll il-leġiżlazzjoni speċifika dwar standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi, il-vannijiet u t-trakkijiet, tipprovdi miżuri speċifiċi biex twitti t-triq għall-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, u tieħu inizjattivi biex tintensifika l-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23k (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23k) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima li saret f'Madrid, Spanja (COP25), il-Parlament Ewropew innota li l-miri u l-miżuri globali attwali previsti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, anke jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ, mhumiex se jwasslu għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet, u li jeħtieġ tittieħed azzjoni ulterjuri sinifikanti fil-livell Ewropew u dak globali li tkun konsistenti mal-objettiv mifrux mal-ekonomija kollha ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra[1a];*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Suġġett u kamp ta' applikazzjoni | Suġġett u kamp ta' applikazzjoni |
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas ***biex jitnaqqsu bil-mod il-mod*** u ***b'mod irriversibbli lemissjonijiet*** tal-gassijiet b'effett ta' serra ***fl-Unjoni*** u biex jitjieb l-assorbiment permezz ***talbjar*** naturali jew ta' bjar oħrajn fl-Unjoni. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas ***għat-tnaqqis irriversibbli, prevedibbli*** u ***rapidu tal-emissjonijiet*** tal-gassijiet b'effett ta' serra u biex jitjieb l-assorbiment permezz ***tal-bjar*** naturali jew ta' bjar oħrajn fl-Unjoni ***f'konformità mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni***. |
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***sal-***2050 fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 | Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***sa mhux aktar tard mill-***2050 fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl- |

| | |
|---|---|
| ta' dak il-Ftehim. | Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. |
| Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar naturali jew bjar oħrajn. | Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar naturali jew bjar oħrajn. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Objettiv tan-newtralità klimatika | Objettiv tan-newtralità klimatika |
| 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni ***u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni*** sa mhux iktar tard mill-2050, ***hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero*** sa ***dik id-data***. | 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet ***antropoġeniċi minn fonti u l-assorbiment minn bjar*** tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, ***biex b'hekk tinkiseb newtralità klimatikali sa dik id-data. Kull Stat Membru għandu jilħaq il-mira ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050.*** |
| 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza ***tal-fatt li jippromwovu l-ġustizzja*** u ***s-solidarjetà*** fost l-Istati Membri. | 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ***abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli u aġġornata u jipprovdu appoġġ*** fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali***, reġjonali u lokali*** rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-objettiv tan-newtralità klimatika ***fl-Unjoni u fl-Istati Membri kollha kif*** stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza ***tal-promozzjoni tal-ġustizzja u s-solidarjetà*** u ***ta' tranżizzjoni ġusta*** fost l-Istati Membri***, il-koeżjoni soċjali u ekonomika, il-protezzjoni taċ-ċittadini vulnerabbli tal-Unjoni u l-importanza tal-ġestjoni, ir-restawr, il-protezzjoni u t-titjib tal-bijodiversità marina u terrestri, l-ekosistemi u l-bjar tal-karbonju***. |

| | |
|---|---|
| | ***2a. Mill-1 ta' Jannar 2051, l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bjar għandhom jaqbżu l-emissjonijiet antropoġeniċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri kollha.*** |
| 3. ***Sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira*** tal-Unjoni għall-2030 ***b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u*** għandha ***tesplora l-għażliet għal mira ġdida*** ta' ***tnaqqis ta' bejn 50 u 55*** % ***fl-emissjonijiet*** meta ***mqabbel mal-livelli tal-***1990 ***għall-2030. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq.*** | 3. ***Il-mira*** tal-Unjoni għall-2030 ***għall-klima*** għandha ***tkun tnaqqis tal-emissjonijiet*** ta' ***60*** % meta ***mqabbla mal-***1990. |
| 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif ***tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni*** tal-Unjoni ***li timplimenta l-mira*** tal-Unjoni ***għall-2030 biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis*** ta' ***50 sa 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990*** u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u ***għandha tqis il-possibbiltà li*** tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. | 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif ***il-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni rilevanti għall-kisba tal-mira klimatika*** tal-Unjoni ***għall-2030 u leġiżlazzjoni rilevanti oħra*** tal-Unjoni ***li tippromwovi l-ekonomija ċirkolari u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett*** ta' ***serra jeħtieġ jiġu emendati sabiex tkun tista' tinkiseb il-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*** u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. ***Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tevalwa l-għażliet għall-allinjament tal-emissjonijiet mis-setturi kollha, inklużi l-avjazzjoni u t-trasport marittimu, mal-mira tal-2030 għall-klima u l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050 sabiex dawn l-emissjonijiet jitnaqqsu għal żero netti sa mhux aktar tard mill-2050 u għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi, fejn xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha timmobilizza riżorsi adegwati għall-investimenti kollha meħtieġa biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jintlaħqu l-miri msemmija f'dan il-paragrafu.*** |
| | ***4a. Sal-31 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni għandha, b'segwitu għal valutazzjoni tal-impatt dettaljata u b'kont meħud tal-baġit għall-gassijiet b'effett ta' serra msemmi fl-Artikolu 3(2a), tesplora għażliet għall-istabbiliment ta' mira tal-Unjoni għall-2040 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla mal-1990, u għandha tippreżenta proposti leġislattivi, fejn xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |
| | ***Meta tkun qed tesplora l-għażliet għall-mira għall-2040 b'rabta mal-klima, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-ECCC u tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3).*** |
| | ***4b. Mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-adozzjoni tal-mira għall-2040 b'rabta mal-klima, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni għall-ilħuq ta' dik il-mira jeħtieġ tiġi emendata, u għandha tqis li tieħu l-miżuri neċessarji, inkluża l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi, f'konformità mat-Trattati.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Il-korpi konsultattivi tal-Istati Membri dwar il-klima u l-Kunsill Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima*** |
| | ***1. Sat-30 ta' Ġunju 2021, l-Istati Membri kollha għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korp konsultattiv nazzjonali indipendenti tagħhom dwar il-*** |

***klima, responsabbli, iżda mhux limitat, għall-għoti ta' pariri esperti xjentifiċi rigward il-politika nazzjonali dwar il-klima. Jekk ma jeżisti l-ebda korp bħal dan, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jistabbilixxu tali korp.***

***Biex jappoġġaw l-indipendenza xjentifika u l-awtonomija tal-korp konsultattiv nazzjonali indipendenti dwar il-klima, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jieħdu miżuri xierqa li jippermettu lill-korp jopera b'mod kompletament trasparenti bis-sejbiet tiegħu jkunu disponibbli għall-pubbliku filwaqt li jinnotifikaw dawn il-miżuri lill-Kummissjoni.***

***2. Sat-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni ma' dawn il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima, tistabbilixxi l-Kunsill Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ECCC), bħala bord konsultattiv xjentifiku permanenti, indipendenti u interdixxiplinari dwar it-tibdil fil-klima, li għandu jkun iggwidat mill-aħħar sejbiet xjentifiċi kif espressi mill-IPCC. L-ECCC għandu jikkomplementa l-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji ta' riċerka eżistenti tal-Unjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, l-EEA għandha sservi bħala segretarjat tal-ECCC, filwaqt li tippreserva l-indipendenza baġitarja u amministrattiva tal-ECCC.***

***3. Il-Membri tal-ECCC għandhom jinħatru għal perjodu ta' ħames snin, li jiġġedded darba. L-ECCC għandu jkun magħmul minn kumitat xjentifiku ta' massimu ta' 15-il espert anzjan li jiżgura firxa sħiħa ta' għarfien espert meħtieġ għall-attivitajiet elenkati fil-paragrafu 4. Il-kumitat xjentifiku għandu jkun responsabbli b'mod indipendenti għat-tfassil tal-parir xjentifiku tal-ECCC.***

***4. L-attivitajiet tal-kumitat xjentifiku għandhom jinkludu:***

***(a) il-valutazzjoni tal-konsistenza tat-trajettorji eżistenti u proposti tal-Unjoni, il-baġit għall-gassijiet b'effett ta' serra u l-miri tal-klima fil-konfront tal-impenji klimatiċi tal-Unjoni u dawk internazzjonali;***

***(b) il-valutazzjoni tal-probabbiltà li wieħed jibqa' fil-limiti tal-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra u li tinkiseb in-newtralità klimatika skont il-miżuri eżistenti u ppjanati;***

***(c) il-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2;***

***(d) l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet u opportunitajiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jiżdied il-potenzjal ta' sekwestru tal-karbonju; u***

***(e) l-identifikazzjoni tal-konsegwenzi ta' nuqqas ta' azzjoni jew ta' azzjoni insuffiċjenti.***

***5. Fit-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-ECCC għandu jiżgura l-konsultazzjoni xierqa tal-korpi konsultattivi nazzjonali indipendenti dwar il-klima.***

***6. Bord maniġerjali għandu jappoġġa l-ħidma tal-kumitat xjentifiku. Il-bord maniġerjali għandu jkun magħmul minn membru wieħed minn kull korp konsultattiv nazzjonali indipendenti dwar il-klima nnotifikat lill-Kummissjoni kif stabbilit fil-paragrafu 1, żewġ rappreżentanti magħżula mill-Kummissjoni, żewġ rappreżentanti magħżula mill-Parlament Ewropew, u l-President tas-segretarjat li għandu jinħatar miż-ŻEE.***

***Il-bord maniġerjali għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena u huwa responsabbli għall-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-ECCC. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaħtru l-bord maniġerjali bi qbil komuni, abbażi***

***ta' proposta mill-Kummissjoni. Il-President tal-bord maniġerjali jiġi elett minn fost il-membri tiegħu.***

***Ir-responsabbiltajiet tal-bord maniġerjali huma:***

***(a) l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali fuq proposta mill-kumitat xjentifiku, u l-iżgurar tal-konsistenza tiegħu mal-mandat tal-ECCC;***

***(b) il-ħatra tal-membri tal-kumitat xjentifiku li tiżgura li l-kompożizzjoni tal-kumitat xjentifiku tipprovdi l-firxa ta' għarfien espert meħtieġ għall-attivitajiet tal-programm ta' ħidma;***

***(c) l-approvazzjoni tal-baġit tal-ECCC; u***

***(d) il-koordinazzjoni ma' korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima.***

***7. Il-membri tal-kumitat xjentifiku għandhom jinħatru fuq bażi personali mill-bord maniġerjali. Il-President tal-kumitat xjentifiku jiġi elett minn fost il-membri tiegħu. Il-kumitat xjentifiku għandu jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi r-regoli tiegħu ta' proċedura li għandhom jiżguraw l-indipendenza u l-awtonomija xjentifika sħiħa tiegħu.***

***Il-kandidati għas-sħubija tal-kumitat xjentifiku għandhom jiġu identifikati permezz ta' proċess miftuħ ta' evalwazzjoni. L-esperjenza professjonali tal-applikanti għall-kumitat xjentifiku li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fis-sejħa għandha tkun soġġetta għal evalwazzjoni komparattiva bbażata fuq il-kriterji tal-għażla li ġejjin:***

***(a) eċċellenza xjentifika;***

***(b) esperjenza fit-twettiq ta' valutazzjonijiet xjentifiċi u/jew fl-għoti ta' pariri xjentifiċi fl-oqsma tal-għarfien espert;***

***(c) għarfien espert wiesa' fil-qasam tax-xjenzi klimatiċi u ambjentali jew f'oqsma xjentifiċi oħra rilevanti għall-***

***kisba tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni;***

***(d) esperjenza fir-rieżami tal-ħidma xjentifika bejn il-pari;***

***(e) esperjenza professjonali f'ambjent interdixxiplinari f'kuntest internazzjonali.***

***Il-kompożizzjoni tal-kumitat xjentifiku għandha tiżgura bilanċ bejn il-ġeneri, għarfien espert dixxiplinari u settorjali kif ukoll distribuzzjoni reġjonali.***

***8. L-ECCC, fuq bażi annwali, għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu skont il-paragrafu 4 lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fejn meħtieġ, l-ECCC għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex jiżgura li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. L-ECCC għandu jiżgura li jsegwi proċess kompletament trasparenti u li r-rapporti tiegħu jkunu disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti u kwalunkwe rakkomandazzjoni fihom u toħroġ rispons formali għall-ECCC mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċevihom. Ir-rispons għal dawn ir-rapporti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.***

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Trajettorja biex tinkiseb in-newtralità klimatika | Trajettorja biex tinkiseb in-newtralità klimatika |
| 1. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi*** trajettorja fil-livell tal-Unjoni biex***, sal-2050,*** jinkiseb l-objettiv ***tan-newtralità klimatika*** stabbilit fl-Artikolu 2(1)***. Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont*** | 1. ***Sal-31 ta' Mejju 2023,*** il-Kummissjoni għandha ***tivvaluta l-alternattivi għall-istabbiliment ta'*** trajettorja ***indikattiva*** fil-livell tal-Unjoni biex jinkiseb l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 2(1) ***li jibda mill-mira tal-klima tal-Unjoni għall-2030 imsemmija fl-Artikolu 2(3) u b'kont meħud tal-mira*** |

| | |
|---|---|
| ***globali msemmi*** fl-Artikolu ***14 tal-Ftehim ta' Pariġi***, ***il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja***. | ***vinkolanti intermedja għall-2040 għall-klima msemmija*** fl-Artikolu ***2(4a) u għandha tagħmel, jekk ikun xieraq***, ***proposta leġiżlattiva għal dan il-għan***. |
| | ***1a. Ladarba t-trajettorja msemmija fil-paragrafu 1 tiġi stabbilita, il-Kummissjoni għandha teżaminaha mill-ġdid sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, li jibda mir-rendikont globali fl-2028. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġiżlattiva biex taġġusta t-trajettorja meta tqis li dan ikun xieraq b'riżultat tar-rieżami.*** |
| 2. ***It-trajettorja*** għandha ***tibda mill-mira*** tal-Unjoni ***għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(3)***. | 2. ***Meta tagħmel proposti leġiżlattivi għall-istabbiliment ta' trajettorja f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni*** għandha ***tqis il-baġit*** tal-Unjoni ***għall-gassijiet b'effett ta' serra li jistabbilixxi l-kwantità totali li jifdal ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra bħala ekwivalenti għal*** $CO_2$ ***li jistgħu jiġu emessi sa mhux aktar tard mill-2050 mingħajr ma jitqiegħdu f'riskju l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi***. |
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra f'rapport u għandha tippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak ir-rapport u l-metodoloġija sottostanti tiegħu disponibbli għall-pubbliku.*** |
| 3. Hija u tistabbilixxi ***trajettorja*** skont ***il-paragrafu*** 1, il-Kummissjoni għandha tqis ***l-affarijiet*** li ġejjin: | 3. Hija u ***tfassal proposti leġiżlattivi biex*** tistabbilixxi ***jew taġġusta t-trajettorja*** skont ***il-paragrafi*** 1 ***u 1a rispettivament***, il-Kummissjoni għandha tqis ***il-kriterji*** li ġejjin: |
| | ***(-a) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC, l-IPBES, l-ECCC u, fejn possibbli, tal-korpi konsultattivi indipendenti dwar il-Klima tal-Istati Membri;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(-aa) il-kostijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' nuqqas ta' azzjoni jew ta' azzjoni insuffiċjenti;*** |
| | ***(-ab) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda ekwa u soċjalment ġusta għal kulħadd;*** |
| ***(a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika;*** | |
| (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni; | (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni***, b'mod partikolari l-SMEs u s-setturi l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju***; |
| | ***(ba) il-marka tal-karbonju tal-prodotti finali u tal-konsum fl-Unjoni;*** |
| (c) l-aqwa ***teknoloġija*** disponibbli; | (c) l-aqwa ***teknoloġiji*** disponibbli***, kosteffettivi, sikuri u skalabbli, li jirrispettaw il-kunċett tan-newtralità teknoloġika u jevitaw effetti ta' lock-in possibbli***; |
| (d) l-effiċjenza ***fl-enerġija***, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista; | (d) l-effiċjenza ***enerġetika u l-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel***, l-affordabbiltà tal-enerġija***, it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku*** u s-sigurtà tal-provvista; |
| | ***(da) il-ħtieġa li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili u tiġi żgurata s-sostituzzjoni tagħhom b'enerġija, materjali u prodotti rinnovabbli maħduma b'mod sostenibbli;*** |
| (e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ġo fihom; | (e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ġo fihom; |
| (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; | (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; |
| | ***(fa) il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali, inkluża l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kriżi tal-bijodiversità filwaqt li jiġu restawrati l-ekosistemi degradati u tiġi evitata ħsara irriversibbli għall-ekosistemi biex jinkisbu l-għanijiet tal-bijodiversità tal-Unjoni;*** |
| | ***(fb) l-iżgurar ta' bjar naturali stabbli, li jiffunzjonaw fit-tul u li jkunu effikaċi fir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***rigward tal-klima matul iż-żmien;*** |
| (g) il-ħtiġijiet u ***l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment;*** | (g) il-ħtiġijiet ***ta' investiment*** u ***opportunitajiet għall-innovazzjoni konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-Tassonomija] filwaqt li jitqies ir-riskju ta' assi mhux rekuperrabbli.*** |
| ***(h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta;*** | |
| ***(i) l-iżviluppi u l-isforzi li jkunu saru fil-livell internazzjonali biex jinkisbu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;*** | |
| ***(j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC.*** | |

*(Il-punti (h) u (j) fit-test tal-Kummissjoni saru l-punti (-ab) u (-a) rispettivament fl-emenda tal-Parlament. Il-punti (-ab) u (-a) huma emendati wkoll.)*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | Adattament għat-tibdil fil-klima |
| | ***-1a. Sal-31 ta' Jannar 2021 u kull 5 snin wara, il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija tal-UE aġġornata dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-Istrateġija aġġornata tal-UE għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-politiki dwar l-adattament jingħataw prijorità, jiġu integrati u implimentati b'mod konsistenti fil-politiki, fl-impenji internazzjonali, fil-ftehimiet kummerċjali u fis-sħubijiet internazzjonali tal-Unjoni.*** |
| 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal- | 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal- |

| | |
|---|---|
| Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi. | Unjoni u l-Istati Membri għandhom ***jistinkaw biex jilħqu l-objettivi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-adattament għall-klima kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, u għandhom*** jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima***, inkluż għall-ekosistemi kemm marini kif ukoll terrestri,*** skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi***, u jintegraw l-adattament fil-politiki u fl-azzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali rilevanti. Dawn għandhom jiffokaw fuq, b'mod partikolari, l-aktar popolazzjonijiet u setturi ekonomiċi vulnerabbli u milquta, jidentifikaw in-nuqqasijiet f'dan ir-rigward f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u jimplimentaw ir-rimedji***. |
| 2. L-Istati Membri għandhom ***jiżviluppaw*** u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament ***li jkunu*** jinkludu oqfsa ***komprensivi għall-ġestjoni*** tar-riskju ***bbażati fuq xenarji*** ta' ***referenza sodi*** dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u ***fuq*** valutazzjonijiet tal-progress li ***jkun sar***. | 2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2021 u kull 5 snin wara dan,*** l-Istati Membri għandhom ***jadottaw*** u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament ***fil-livell nazzjonali u reġjonali li*** jinkludu oqfsa ***ta' ġestjoni*** tar-riskju ***lokali komprensivi, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet lokali, abbażi*** ta' ***linji bażi u indikaturi robusti*** dwar il-klima u l-vulnerabbiltà, u valutazzjonijiet tal-progress***, iggwidati mill-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u aġġornata. Dawk l-istrateġiji u l-pjanijiet għandhom jinkludu miżuri li jkunu konformi mal-objettivi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. B'mod partikolari, dawk l-istrateġiji għandhom iqisu gruppi, komunitajiet u ekosistemi vulnerabbli u milquta, u għandhom jinkludu miżuri għall-ġestjoni, ir-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi marini u terrestri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom. Fl-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-vulnerabbiltà partikolari tas-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel, u jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u adattament ibbażat fuq l-ekosistemi***. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Il-konsistenza tal-flussi finanzjarji ma' perkors lejn soċjetà newtrali u reżiljenti għall-klima*** |
| | ***1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu sabiex jagħmlu l-flussi finanzjarji pubbliċi u privati konsistenti ma' perkors lejn soċjetà newtrali u reżiljenti għall-klima f'konformità mal-punt c tal-Artikolu 2.1 tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jqisu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***2. Sal-1 ta' Ġunju 2021 u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta kif il-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni, inklużi l-oqfsa finanzjarji pluriennali tal-Unjoni u r-regolamenti speċifiċi kollha relatati ma' fondi u strumenti taħt il-baġit tal-Unjoni, tkun teħtieġ li tiġi emendata, biex tinkludi dispożizzjonijiet vinkolanti u infurzabbli, biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-flussi finanzjarji pubbliċi u privati mal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposti leġiżlattivi fejn xieraq.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tiżvela kull sena liema parti min-nefqa tal-Unjoni hija konformi mal-kategoriji tat-tassonomija kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Tassonomija].*** |
| | ***4. Fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri kollha għandhom ineħħu gradwalment is-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, u jimmobilizzaw investiment sostenibbli skont dan. It-tneħħija gradwali ta' dawn is-sussidji m'għandhiex ikollha impatt fuq l-isforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Valutazzjoni tal-progress li tkun għamlet l-Unjoni u tal-miżuri li din tkun ħadet | Valutazzjoni tal-progress li tkun għamlet l-Unjoni u tal-miżuri li din tkun ħadet |
| 1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***ħames snin*** wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: | 1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***sentejn*** wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: |
| (a) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilħqu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit*** fl-Artikolu 2***(1)***, kif espress mit-trajettorja ***msemmija*** fl-Artikolu 3(1); | (a) il-progress ***li kull Stat Membru jkun għamel u l-progress*** kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilħqu ***l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 2, kif espress mit-trajettorja ***li għandha tiġi stabbilita kif imsemmi*** fl-Artikolu 3(1); ***meta t-trajettorja ma tkunx disponibbli, il-valutazzjoni għandha ssir abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u l-mira klimatika għall-2030;*** |
| (b) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) il-progress ***magħmul minn kull Stat Membru u l-progress*** kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. |

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tibgħat ***il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tibgħat ***dawk il-valutazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tagħmilhom pubblikament disponibbli***. |
| 2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***ħames snin*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin: | 2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***sentejn*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin: |
| (a) il-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit*** fl-Artikolu 2***(1)***, kif espress mit-trajettorja ***msemmija*** fl-Artikolu 3(1); | (a) il-konsistenza tal-miżuri ***u tal-politiki*** tal-Unjoni***, li jinkludu l-leġiżlazzjoni settorjali, l-azzjoni esterna u l-baġit tal-Unjoni, mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 2, kif espress mit-trajettorja ***li għandha tiġi stabbilita kif imsemmi*** fl-Artikolu 3(1); ***meta t-trajettorja ma tkunx disponibbli, il-valutazzjoni għandha ssir abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u l-mira klimatika għall-2030;*** |
| (b) kemm il-miżuri tal-Unjoni ***jkunu*** adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4***.*** | (b) kemm il-miżuri ***u l-politiki*** tal-Unjoni***, li jinkludu l-leġiżlazzjoni settorjali, l-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-baġit tal-Unjoni, ikunu*** adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4***;*** |
| 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit*** fl-Artikolu 2***(1)*** jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex ***jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1). | 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ***u l-politiki*** tal-Unjoni ma jkunux konsistenti ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 2 jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex ***jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2*** jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati ***biex tirrimedja din l-inkonsistenza, jew tal-inqas fl-istess żmien*** meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja |

| | |
|---|---|
| | msemmija fl-Artikolu 3(1***a***). |
| 4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***l-abbozzi*** ta' ***kull*** miżura ***jew*** proposta ***leġiżlattiva fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit*** fl-Artikolu 2***(1), kif espress mit-trajettorja*** msemmija fl-Artikolu 3***(1), qabel ma*** dawn ***jiġu adottati, u*** għandha ***tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti,*** u ***tippubblika r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni meta dawn jiġu adottati***. | 4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***l-konsistenza*** ta' ***kwalunkwe abbozz ta'*** miżura***, inkluż iżda mhux limitat għal, kwalunkwe*** proposta ***leġislattiva u baġitarja, mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 2 ***u tallinja l-abbozz ta' miżura ma' dawn l-objettivi qabel l-adozzjoni. Dik l-analiżi għandha tiġi inkluża fi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawn il-miżuri jew proposti. Ladarba t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-baġit ta' gassijiet b'effett ta' serra*** msemmija fl-Artikolu 3***(2a) jiġu stabbiliti,*** dawn ***għandhom isostnu l-valutazzjoni. Il-Kummissjoni*** għandha ***tagħmel dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha direttament aċċessibbli għall-pubbliku hekk kif il-valutazzjoni tiġi ffinalizzata*** u***, fi kwalunkwe każ, qabel l-adozzjoni tal-miżura jew tal-proposta assoċjata***. |
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tuża l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 sabiex tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u sabiex tidentifika azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Valutazzjoni tal-miżuri nazzjonali | Valutazzjoni tal-miżuri nazzjonali |
| 1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***ħames snin*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: | 1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***sentejn*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: |
| (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew tar-rapporti | (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima***, tal-istrateġiji*** |

| | |
|---|---|
| biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit*** fl-Artikolu 2***(1),*** kif espress mit-trajettorja ***msemmija*** fl-Artikolu 3(1), ***skont ir-rilevanza tagħhom biex jintlaħaq dak l-objettiv***; | ***nazzjonali fuq terminu twil*** jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 2 ***ma' dawn l-objettivi*** kif espress mit-trajettorja ***li għandha tiġi stabbilita kif imsemmi*** fl-Artikolu 3(1)***; meta t-trajettorja ma tkunx disponibbli***, ***il-valutazzjoni għandha ssir abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u l-mira klimatika għall-2030***; |
| (b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati ***u effettivi*** biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. |
| Il-Kummissjoni għandha tibgħat ***il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tibgħat ***dawk il-valutazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999***, u tagħmilhom pubblikament disponibbli***. |
| 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ***ma' dak l-objettiv*** kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija ***tista'*** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. | 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress ***magħmul minn kull Stat Membru u l-progress*** kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1) ***ladarba tiġi stabbilita t-trajettorja***, jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija ***għandha*** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. |
| | ***2b. Il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu proposti biex jiġi żgurat progress dwar l-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 4. Dawk il-proposti jistgħu jinkludu, kif*** |

| | |
|---|---|
| | ***xieraq, appoġġ tekniku, relatat mal-innovazzjoni jew mal-għarfien espert addizzjonali potenzjali, finanzjarju, jew appoġġ ieħor meħtieġ.*** |
| 3. Meta tinħareġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin: | 3. Meta tinħareġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin: |
| (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà mal-Istati Membri l-oħrajn u bejn l-Istati Membri u l-Unjoni; | (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu***, fi żmien sitt xhur minn meta tasal ir-rakkomandazzjoni, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkun beħsiebu jadotta bl-għan li*** jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà mal-Istati Membri l-oħrajn u bejn l-Istati Membri u l-Unjoni***, u skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera***; |
| (b) ***fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu*** r-rakkomandazzjoni***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi*** kif ikun ***qies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi*** li ***ma jiħux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni***; | (b) ***l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi, fi żmien 18-il xahar minn meta jirċievi*** r-rakkomandazzjoni kif ikun ***ħa kont debitu tar-rakkomandazzjoni u l-miżuri*** li ***jkun adotta bi tweġiba; din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' progress ippreżentat f'dik is-sena f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament UE 2018/1999***; |
| (c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu jikkomplementaw l-aħħar rakkomandazzjonijiet li jkunu nħarġu għal dak il-pajjiż speċifiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. | (c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu jikkomplementaw l-aħħar rakkomandazzjonijiet li jkunu nħarġu għal dak il-pajjiż speċifiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. |
| | ***3a. Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tar-rapport ta' progress imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri adottati mill-Istat Membru kkonċernat jindirizzawx b'mod adegwat it-tħassib imqajjem fir-rakkomandazzjoni. Dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha għandhom jiġu ppubblikati fil-mument tal-adozzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Dispożizzjonijiet komuni dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni | Dispożizzjonijiet komuni dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni |
| 1. Minbarra l-miżuri nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6(1)(a), il-Kummissjoni għandha ssejjes il-valutazzjoni tagħha msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tal-inqas fuq l-affarijiet li ġejjin: | 1. Minbarra l-miżuri nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6(1)(a), il-Kummissjoni għandha ssejjes il-valutazzjoni tagħha msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tal-inqas fuq l-affarijiet li ġejjin: |
| (a) l-informazzjoni li tintbagħat u li jsiru rapporti dwarha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999; | (a) l-informazzjoni li tintbagħat u li jsiru rapporti dwarha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999; |
| (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA); | (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) ***u taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)***; |
| (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; kif ukoll | (c) l-istatistika u d-data Ewropej ***u globali***, fosthom id-data dwar it-telf ***osservat u proġettat*** li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima ***u l-istimi ta' x'jiswew in-nuqqas ta' azzjoni jew id-dewmien biex tittieħed azzjoni klimatika***, meta dawn ikunu disponibbli; kif ukoll |
| (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, ***fosthom*** l-aħħar rapporti tal-IPCC; kif ukoll | (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli ***u aġġornata***, ***inklużi*** l-aħħar rapporti tal-IPCC***, l-UNEP, l-IPBES, l-ECCC u, fejn possibbli, il-korpi konsultattivi nazzjonali indipendenti tal-Istati Membri dwar il-klima***; kif ukoll |
| (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investiment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli. | (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investiment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli. |
| 2. L-EEA għandha tgħin lill-Kummissjoni tħejji l-valutazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 6, skont il- | 2. L-EEA għandha tgħin lill-Kummissjoni tħejji l-valutazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 6, skont il- |

| | |
|---|---|
| programm annwali ta' ħidma tagħha. | programm annwali ta' ħidma tagħha. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Parteċipazzjoni ***tal-pubbliku*** | Parteċipazzjoni ***pubblika u trasparenza*** |
| ***Il-Kummissjoni għandha tikkollabora*** mas-setturi kollha tas-soċjetà biex ***tippermettilhom*** jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni ***għandha tiffaċilita*** proċess inkluživ u ***aċċessibbli*** fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | ***1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw*** mas-setturi kollha tas-soċjetà***, inklużi l-gvernijiet lokali u reġjonali,*** biex ***jippermettulhom*** jieħdu azzjoni favur soċjetà ***soċjalment ġusta,*** newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima***, anke permezz tal-Patt Ewropew dwar il-Klima stabbilit fil-paragrafu 2,*** u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw*** proċess inkluživ***, aċċessibbli*** u ***trasparenti*** fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali***, mal-akkademja***, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |
| | ***2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Patt Ewropew dwar il-Klima bl-għan li tinvolvi liċ-ċittadini, lis-sħab soċjali u lill-partijiet ikkonċernati fl-elaborazzjoni tal-politiki klimatiċi fil-livell tal-Unjoni u li trawwem djalogu u t-tixrid ta' informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza dwar it-tibdil fil-klima u l-aspetti soċjali u relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiegħu, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għal inizjattivi klimatiċi.*** |

***3. Meta jieħdu miżuri sabiex jiżguraw il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali jkunu informati u kkonsultati tul il-proċess leġiżlattiv kollu. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri għandhom joperaw b'mod trasparenti.***

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu mhux determinat taż-żmien li jibda minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** | |
| ***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħturin minn kull Stat Membru*** | |

***skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***

***5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.***

***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Rieżami*** |
| | ***Il-Kummissjoni, sitt xhur wara kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, għandha twettaq rieżami tal-elementi kollha ta' dan ir-Regolament, fid-dawl tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar riċenti, inklużi tal-aħħar sejbiet u rakkomandazzjoni tal-IPCC u tal-ECCC, tal-iżviluppi u l-isforzi internazzjonali biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfasslin biex jintlaħqu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi*** dwar ***il-Klima"]***, l-objettivi ***u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija*** u, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikulari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030; | (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfasslin biex jintlaħqu ***l-objettivi u l-miri*** tal-Unjoni ***tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-Unjoni*** dwar ***l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi***, ***b'mod partikolari*** l-objettivi ***klimatiċi tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]*** u, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikulari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030; |

**Emenda 87**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 2 – punt 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) l-Artikolu 2(11) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (11) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti ***fl-Unjoni ta'*** tnaqqis domestiku ***ta' minn tal-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbla mal-1990 li jrid jintlaħaq sal-2030***, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ***ta' minn tal-inqas 32 % tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030***, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni ***ta' minn tal-inqas 32,5 %*** għat-titjib ***fl-effiċjenza enerġetika*** fl-2030, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku ***għall-2030 jew kwalunkwe mira*** | "(11) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti ***għall-Unjoni kollha ta'*** tnaqqis domestiku ***fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-ekonomija kollha li għandha tintlaħaq sal-2030 skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE).../... [il-Liġi dwar il-Klima]***, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ***għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni fl-2030 skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001***, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni għat-titjib ***tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija*** fl-2030 ***skont l-Artikolu 1(1)*** |

| | |
|---|---|
| ***sussegwenti f'dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill*** għall-2030;" | ***tad-Direttiva 2012/27/UE***, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030;" |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 2 – punt 62a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***(62a) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-pubbliku affettwat jew x'aktarx li jiġi affettwat bil-proċeduri deċiżjonali dwar l-ambjent imsemmija fil-Kapitoli 2 u 3 jew li għandu interess fihom; għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u jissodisfaw kull rekwiżit taħt il-liġijiet nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess."*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, inkluża l-konsistenza tagħhom ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrateġiji fit-tul | (f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, inkluża l-konsistenza tagħhom ***mal-objettivi klimatiċi*** tal-Unjoni ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet ***b'effett ta'*** serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrateġiji fit-tul imsemmija fl- |

| | |
|---|---|
| imsemmija fl-Artikolu 15; | Artikolu 15; |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) fl-Artikolu 4(1), il-parti introduttorja tal-punt (a)(1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:*** |
| (1) fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra u bl-għan li jingħata kontribut biex ***tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni:*** | fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet ***b'effett ta'*** serra u bl-għan li jingħata kontribut biex ***jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… [il-Liġi dwar il-Klima];*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati jikkontribwixxu biex ***jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"].; | (e) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati jikkontribwixxu biex ***jintlaħqu l-objettivi klimatiċi*** tal-Unjoni ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"].; |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 11a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |

***Artikolu 11a***

***Aċċess għall-ġustizzja***

***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernat li għandhom interess suffiċjenti jew li jallegaw l-indeboliment ta' dritt fejn il-liġi proċedurali amministrattiva ta' Stat Membru teħtieġ li tali dritt ikun prekundizzjoni jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi bil-għan li jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet soġġetti għall-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1999.***

***2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istadju li fih jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet.***

***3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'konformità mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għal dak il-għan, organizzazzjoni mhux governattiva koperta mid-definizzjoni fl-Artikolu 2(62a) għandha titqies li għandha interess suffiċjenti jew li għandha drittijiet li jistgħu jiġu mfixkla għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

***4. Dan l-Artikolu ma għandux jeskludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' rieżami preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandux jaffettwa r-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-rieżami amministrattiv qabel ir-rikors għall-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju, meta jkun jeżisti dan ir-rekwiżit taħt il-liġi nazzjonali. Kull proċedura bħal din għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.***

***5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji tar-rieżami ssir disponibbli għall-pubbliku.***

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 15 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(5b) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni ***l-istrateġa*** fit-tul tiegħu b'perspettiva ***ta' mill-inqas*** 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin. | "1. Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni ***l-istrateġija*** fit-tul tiegħu b'perspettiva ***sal-2050 u għal*** 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin."***;*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar ***fis-setturi kollha*** skont ***l-objettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]; | (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet ***b'effett ta'*** serra ***fis-setturi kollha tal-ekonomija*** u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar***, fil-kuntest tat-tnaqqis neċessarju*** skont ***il-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra*** tal-Unjoni ***b'mod kosteffettiv u jissaħħu l-assorbimenti mill-bjar fil-kisba tal-għanijiet b'rabta mat-*** |

| | |
|---|---|
| | ***temperatura fil-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u l-assorbimenti mill-bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2040 u jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan kif imsemmi*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]; |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a**
Regolament (UE) 2018/1999
Anness I – Parti I – taqsima A – punt 3.1.1. – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissemma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospetti ***għall-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]; | (i) Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissemma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospetti ***għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]; |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**
Regolament (UE) 2018/1999
Anness I – Parti I – taqsima B – punt 5.5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5.5. Il-kontribuzzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex ***jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]; | 5.5. Il-kontribuzzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex ***jintlaħqu l-objettivi klimatiċi*** tal-Unjoni ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]; |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Anness IV – punt 2.1.1.

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) fl-Anness IV, il-punt 2.1.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2.1.1. ***Projezzjonijiet għal tnaqqis fl-emissjonijiet u titjib fl-assorbimenti sal-2050*** | "2.1.1. ***L-emissjonijiet kumulattivi proġettati għall-perjodu 2021-2050, bl-għan li jingħata kontribut sabiex jintlaħaq il-baġit ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 3(2a) tar-Regolament …/... ["Liġi dwar il-Klima"];";*** |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 2018/1999
Anness VI – punt c – punt viii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew tal-miżura biex ***jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15; | (viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew tal-miżura biex ***jintlaħqu l-objettivi klimatiċi*** tal-Unjoni ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;**.** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Emendi għar-Regolament (UE) 2018/842*** |
| | ***Fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], il-paragrafi li ġejjin jiddaħħlu fl-Artikolu 5:*** |
| | ***"5a. Fi kwalunkwe tranżazzjoni*** |

***magħmula skont id-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 5(5), il-prezz minimu ta' allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet huwa stabbilit għal EUR 100 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' $C0_2$.***

***5b. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu, u jikkomunikaw, sal-31 ta' Marzu 2025, l-intenzjoni tagħhom li jużaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 5(5).***

***5c. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-intenzjoni tal-Istati Membri kollha li jużaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 5(5), u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-impatt baġitarju tal-użu tat-tali dispożizzjonijiet.".***

______________________

***[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 56, 19.6.2018, p. 26).***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu żgurati konformità mill-Istati Membri mal-miri nazzjonali tagħhom, u trasparenza sħiħa fil-mezzi u flessibbiltà sabiex jagħmlu dan, għandu jiġi introdott prezz fiss ta' EUR 100 għat-trasferiment ta' kwoti bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tanalizza u tagħmel disponibbli għall-pubbliku t-tali tranżazzjonijiet u l-impatti potenzjali tagħhom, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, fuq il-baġit tal-Istati Membri, u tinforma s-semestru tal-UE abbażi ta' dan.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### SOMMARJU TAL-FATTI U TAS-SEJBIET

**Introduzzjoni**

Matul l-aħħar deċennji, l-Unjoni Ewropea rnexxielha tiddiżakkoppja t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-tkabbir ekonomiku u mistennija tnaqqas l-emissjonijiet b'madwar 45 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Dan jikkostitwixxi punt ta' tluq promettenti fl-isforzi fit-tul tal-Unjoni biex tikseb in-newtralità klimatika.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 filwaqt li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej u joħloq ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima hija l-pedament tal-Patt Ekoloġiku Ewropew peress li tnaqqax fil-leġiżlazzjoni l-objettiv tal-Unjoni ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra sa mhux aktar tard mill-2050. L-objettiv tan-newtralità klimatika jġib miegħu tranżizzjoni ta' dimensjonijiet storiċi, li l-Ewropa se tgħaddi minnha fid-deċennji li ġejjin. Din it-tranżizzjoni ġġib magħha bidliet għas-soċjetà kollha tagħna. Jeħtieġu trasformazzjonijiet fl-Istati Membri kollha u fis-setturi kollha tal-ekonomija u dawn iġibu magħhom bidliet fl-imġiba u fl-istil tal-ħajja għaċ-ċittadini sabiex l-ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili tiġi eliminata gradwalment u jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika.

Biex it-tranżizzjoni tirnexxi, għandha ssir b'mod soċjalment, ekoloġikament u ekonomikament sostenibbli u rridu niżguraw li ħadd ma jibqa' lura. It-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn in-newtralità klimatika hija inseparabbli mill-isforzi tagħna biex tinkiseb soċjetà ugwali u ġusta għaċ-ċittadini kollha. Il-parteċipazzjoni u l-appoġġ taċ-ċittadini u tas-sħab soċjali tagħna huma prerekwiżit assolut għas-suċċess tal-isforzi tal-Unjoni kontra t-tibdil fil-klima.

Is-sena 2050 tista' tidher 'il bogħod ħafna, f'futur imbiegħed. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq dan l-objettiv b'mod prevedibbli u stabbli filwaqt li fl-istess ħin tevita l-kostijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali enormi ta' nuqqas ta' azzjoni u ta' azzjoni insuffiċjenti, l-Ewropa trid tieħu azzjoni rapida u deċiżiva biex tnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-ekonomija kollha filwaqt li tieħu wkoll azzjoni kontinwa u aktar ambizzjuża dwar l-adattament.

L-aħħar deċennju kien l-aktar wieħed sħun li qatt ġie rreġistrat fid-dinja u l-2019 kienet l-aktar sena sħuna fl-Ewropa[1]. Ir-reazzjoni globali għat-tibdil fil-klima sal-lum ma kinitx konformi mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Id-dinja riesqa viċin li taqbeż b'mod permanenti u diżastruż il-limitu klimatiku ta' 1,5 °C, b'danni irreparabbli għall-pjaneta tagħna b'riżultat ta' dan.

Fid-dawl tat-temperaturi li qed jogħlew u taż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-Unjoni m'għandhiex ħin x'titlef. Iktar ma ndumu biex nittrasformaw is-soċjetà tagħna, akbar ikunu l-kostijiet u l-isfidi biex niżguraw li t-trasformazzjoni tal-ekonomija ssir b'mod responsabbli u gradwali. L-Ewropa għandha kemm ir-responsabbiltà kif ukoll ir-riżorsi biex tkompli tkun fuq quddiem fl-isforzi konġunti biex it-tibdil fil-klima jiġi limitat. L-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jridu jiggwidaw l-isforzi tal-Unjoni u jsejsu l-ambizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, *Climate bulletin*, Copernicus https://climate.copernicus.eu/climate-bulletins

**Miri nazzjonali vinkolanti**

Sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri jonoraw l-impenji tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi, ir-Rapporteur tipproponi li l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li jilħqu l-objettiv ta' emissjonijiet żero netti fit-territorju tagħhom sa mhux aktar tard mill-2050. Din hija kwistjoni ta' ġustizzja, iżda hija wkoll mod kif l-Istati Membri kollha jibbenefikaw mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Il-posponiment ta' din it-tranżizzjoni jżid ir-riskji ta' konsegwenzi soċjali u ekonomiċi, filwaqt li azzjoni rapida u miżuri nazzjonali vinkolanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet skont l-objettiv tan-newtralità klimatika jiżguraw prevedibbiltà aħjar u jwittu t-triq għal impjiegi ġodda u tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu. Għal raġunijiet ta' solidarjetà, l-Unjoni għandha tqis li l-punti ta' tluq għall-kisba tan-newtralità klimatika jvarjaw bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' appoġġ u ta' finanzjament bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

**Emissjonijiet negattivi wara l-2050**

Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-prevedibbiltà tal-isforzi tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, ir-Rapporteur tipproponi li l-objettiv tan-newtralità klimatika jiġi kkomplementat b'objettiv għal wara l-2050 sabiex jiġi żgurat li mill-2051 'il quddiem l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra jaqbżu l-emissjonijiet fl-Unjoni u fl-Istati Membri kollha.

**Miri intermedji u prevedibbiltà fit-tnaqqis tal-emissjonijiet**

Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u li l-Ewropa tonora l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni teħtieġ miri ċari u adegwati għat-tnaqqis tat-tibdil fil-klima għas-snin 2030 u 2040.

Dawn il-miri jservu kemm bħala stadji importanti kif ukoll bħala sinjali biex jiġu vvalutati l-miżuri u l-progress tal-Unjoni biex tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. Il-miri għandhom jirriflettu l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti u għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mat-tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġ biex jiġi żgurat li l-Ewropa tonora l-Ftehim ta' Pariġi u l-miri b'rabta mat-temperatura fil-ftehim, b'mod partikolari l-objettiv li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.[2]

Għalhekk, ir-Rapporteur tipproponi li ssaħħaħ il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 65 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Kif jiċċara l-UNEP Emissions Gap Report 2019, l-emissjonijiet globali jridu jitnaqqsu b'7,6 % fis-sena, mil-lum, sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C. Għall-UE – anki jekk ma jitqisux kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bħall-emissjonijiet per capita jew ir-responsabbiltà għall-emissjonijiet storiċi – dan ikun ifisser tnaqqis ta' 68 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll li tipproponi mira klimatika intermedja għall-2040 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' bejn 80 u 85 % u tagħmel proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dak ir-rigward. Dawn il-miri huma meħtieġa wkoll biex jiggarantixxu l-ogħla livell possibbli ta' prevedibbiltà u trasparenza għas-soċjetà u għas-setturi ekonomiċi kollha.

Bl-istess mod, ir-Rapporteur ma temminx li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' atti delegati hija xierqa jew konformi mat-

[2] Ir-Rapport tan-NU dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet, 2018.

Trattati. Għalhekk, biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa u l-parteċipazzjoni demokratika tal-pubbliku f'dan il-proċess, ir-Rapporteur tal-fehma li t-trajettorja tiġi stabbilita bl-aħjar mod permezz ta' kodeċiżjoni li tinvolvi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**L-iżgurar ta' deċiżjonijiet u skrutinju bbażati fuq ix-xjenza**

Is-sejbiet u r-riċerka xjentifiċi aġġornati huma ta' importanza fundamentali meta tittieħed deċiżjoni dwar kif l-Unjoni għandha tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. Ir-rapporti tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima kienu twissija meħtieġa għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, iżda kienu wkoll għajnuna għas-soċjetà kollha biex tifhem kif l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għandhom impatt fuq il-pjaneta tagħna. Ir-Rapporteur temmen li għandu jitwaqqaf Panel Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima indipendenti fil-livell Ewropew, sabiex jiġi żgurat li l-għarfien espert xjentifiku u l-aħjar evidenza u informazzjoni disponibbli aġġornati jitqiesu bis-sħiħ meta jiġu stabbiliti l-miżuri tal-Unjoni biex tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika kif ukoll fil-valutazzjonijiet ta' dawn il-miżuri.

**L-istabbiliment ta' baġit tal-karbonju tal-Unjoni**

Biex tittieħed azzjoni klimatika responsabbli, irridu nkunu nafu eżattament il-kwantità ta' emissjonijiet li jistgħu jiġu rilaxxati fl-Ewropa mingħajr ma jiġu kompromessi l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, ir-Rapporteur titlob li l-Kummissjoni tistabbilixxi baġit tal-karbonju tal-Unjoni, li jistabbilixxi l-kwantità totali li jifdal ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għall-ekonomija tal-Unjoni, u mqassma għal kull settur ekonomiku, li tista' tiġi rilaxxata mingħajr ma jitqiegħdu f'riskju l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-baġit tal-karbonju tal-Unjoni għandu jkun parti fundamentali mill-isforzi tal-Unjoni biex tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjonijiet tal-miżuri politiċi fis-seħħ f'dak ir-rigward.

**Kontribuzzjonijiet settorjali**

Is-setturi kollha tal-ekonomija jkollhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Sabiex jiġu ffaċilitati l-progress u t-teħid ta' deċiżjonijiet f'dan ir-rigward, kull settur jista' jistabbilixxi pjan direzzjonali li jiddeskrivi kif jista' jnaqqas l-emissjonijiet għal qrib iż-żero u sa meta, bl-2050 tkun l-aħħar data, u jidentifika wkoll l-ostakli u l-opportunitajiet kif ukoll liema soluzzjonijiet teknoloġiċi jkollhom jiġu żviluppati u liema investimenti jkollhom jsiru fis-settur.

Is-setturi tat-trasport marittimu u bl-ajru huma emittenti kbar u għandhom responsabbiltà partikolari biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom. Is-settur tat-trasport marittimu llum huwa l-uniku settur li mhuwiex espliċitament indirizzat mill-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Fl-istess ħin, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mis-settur tat-trasport marittimu mistennija jikbru b'mod sinifikanti sas-sena 2050 u jistgħu jilħqu l-livell ta' 86 % 'il fuq mil-livelli tal-1990 sa dak iż-żmien. Għalhekk, ir-Rapporteur temmen li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-possibilitajiet biex tallinja l-emissjonijiet mit-trasport marittimu u bl-ajru mal-mira tal-2030 u l-objettiv tal-2050 tan-newtralità klimatika sabiex dawn l-emissjonijiet jitnaqqsu għal żero netti sa mhux aktar tard mill-2050, u għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi f'dak ir-rigward.

8.9.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")
(COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Zdzisław Krasnodębski

(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Għal ħafna xjenzati fil-qasam tal-klima, huwa ppruvat li t-tibdil osservat tal-klima globali u reġjonali tul dawn l-aħħar 50 sena hu kważi kompletament ikkawżat mill-influwenza tal-bniedem fuq is-sistema klimatika u li huma meħtieġa azzjonijiet urġenti. F'dawn l-aħħar ftit snin, il-movimenti soċjali li jeżiġu azzjoni klimatika fuq skala kbira kibru, filwaqt li stabbilew lilhom infushom bħala lħna influwenti fid-dibattitu dwar kif jitfasslu l-politiki dwar il-klima, partikolarment bil-ħsieb li jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG). Rapport reċenti tal-Kummissjoni Globali dwar l-Adattament jissottolinja li l-investiment f'miżuri ta' adattament biex ikunu minimizzati l-impatti fuq il-perikli mit-temp, u l-bżonn ta' mekkaniżmi fis-seħħ għal irkupru malajr mill-impatt, jagħmel sens mill-perspettivi ekonomiċi u soċjali, iżda anki minn dawk etiċi.

It-tibdil fil-klima huwa sfida globali; għalhekk, ir-risposta għandha tkun fuq livell globali wkoll u tinvolvi lill-pajjiżi kollha. L-Unjoni qed tirsisti biex tkun minn ta' quddiem fil-politiki dwar il-klima u f'soluzzjonijiet newtrali għall-klima; madankollu, għandha tagħmel iżjed biex tappoġġa u sservi ta' lieva għal azzjoni aktar b'saħħitha fil-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali. Fl-2017, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-UE-28 naqsu bi 22 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, b'hekk l-UE kienet fit-triq it-tajba biex taqbeż il-mira tagħha għall-2020 ta' 20 % tnaqqis ta' emissjonijiet GHG. L-emissjonijiet GHG tal-UE jammontaw għal 9,3 % tal-emissjonijiet globali, b'tendenza ta' tnaqqis matul l-aħħar deċennji, filwaqt li xi pajjiżi fost l-aktar li jniġġsu qed ikomplu b'tendenza ta' żieda.

Il-politiki dwar il-klima għandhom iqisu għadd ta' fatturi importanti, inklużi l-kompetittività tal-ekonomiji u l-benesseri taċ-ċittadini kif ukoll ħtiġijiet fundamentali. L-għamla u l-veloċità tal-perkors ta' tranżizzjoni għandu jqis ċirkustanzi nazzjonali bħat-taħlita tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-istruttura tal-impjiegi u l-kapaċitajiet ekonomiċi. Kif deskritt fir-rapport IRENA "Measuring the Socio-economics of Transition: Focus on Jobs", iż-żieda fl-

opportunitajiet ta' impjiegi fil-previżjoni tat-tranżizzjoni hija mqassma b'mod inugwali fost il-pajjiżi u r-reġjuni differenti u l-ħolqien tal-impjiegi f'setturi ġodda, bħall-RES, mhux neċessarjament allinjat, temporanjament jew ġeografikament, mat-telf tal-impjiegi. It-tranżizzjoni għalhekk għandha titfassal b'attenzjoni, filwaqt li tassumi bidliet gradwali f'ideat kontributorji u b'attenzjoni dovuta biex tiżgura li reġjuni industrijali jżommu l-impjegabbiltà tagħhom. L-isforzi għandhom jikkonċentraw fuq ir-rivitalizzazzjoni ekonomika tar-reġjuni li jġorru l-akbar piż tal-politiki dwar il-klima, pjuttost milli jiddependu fuq il-mobbiltà tal-ħaddiema u r-riskju ta' depopolazzjoni.

Fit-tiswir tal-politika dwar il-klima fuq terminu twil, id-deċiżjonijiet strateġiċi tal-UE dwar l-objettivi tal-enerġija u l-klima huma bbażati fuq konsensus milħuq fil-Kunsill Ewropew. Dan huwa essenzjali sabiex jiġu rispettati t-Trattati u jkunu involuti b'mod ugwali l-Istati Membri kollha fit-twaqqif ta' prijoritajiet u miri. Il-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 approva l-objettiv kollettiv li tintlaħaq newtralità klimatika sal-2050 u rrikonoxxa li din it-tranżizzjoni tkun teħtieġ sforzi sinifikanti ta' investiment.

Ħafna setturi ekonomiċi ewlenin huma affettwati minn tibdil fuq terminu twil fit-temperatura, il-preċipitazzjoni, il-livell tal-baħar li qed jogħla, u avvenimenti estremi, li huma attribwiti għat-tibdil fil-klima. Is-setturi ekonomiċi differenti għandu jkollhom jagħmlu kontribuzzjonijiet xierqa għall-objettiv tan-newtralità klimatika, abbażi tad-daqs relattiv tagħhom, it-tnaqqis u l-assorbiment potenzjali, kif ukoll l-isforzi ta' investiment. L-emissjonijiet mill-fjuwils, inklużi l-kombustjoni (mingħajr it-trasport) huma responsabbli għal 54 % tal-GHG tal-UE-28 fl-2017, il-kombustjoni tal-fjuwil għat-trasport (inkluża l-avjazzjoni internazzjonali) għal 25 %, l-agrikoltura għal 10 %, il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti għal 8 % u l-ġestjoni tal-iskart għal 3 %. Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija huwa waħda mill-isfidi l-aktar importanti għall-UE. Madankollu, mingħajr il-kontribut tas-setturi ewlenin kollha tal-ekonomija, it-tranżizzjoni tkun insuffiċjenti u inġusta. Is-setturi tal-ETS u mhux tal-ETS kollha għandhom jagħmlu sforzi kumparabbli biex jaħdmu favur l-objettiv tan-newtralità klimatika.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi gwida għas-setturi ewlenin dwar trajettorji indikattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet GHG f'dawk is-settur fil-livell tal-Unjoni. Dan jagħtihom iċ-ċertezza biex jieħdu l-miżuri xierqa u biex jippjanaw l-investimenti meħtieġa u jrawwem ukoll l-impenn tas-setturi fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet newtrali għall-klima.

Il-gwida għandha tkun żviluppata permezz ta' djalogu istituzzjonalizzat u ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati ewlenin bħar-rappreżentanti kummerċjali, it-trade unions, is-soċjetà ċivili, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Għandhom jitqiesu diversi kriterji f'dan l-eżerċizzju bħat-teknoloġija l-aktar disponibbli u kosteffiċjenti, l-impronta soċjoekonomika, il-kompetittività tas-settur, l-isforzi ta' investiment magħmula, kif ukoll l-impronta ambjentali ta' teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni użati (eż. teknoloġiji disponibbli għad-dekummissjonar u r-riċiklar, l-impatt tal-materja prima tal-proċess ta' estrazzjoni).

It-trajettorji jistgħu jkunu rieżaminati meta jkun hemm ċirkustanzi straordinarji, bħal sitwazzjoni tipika ta' kriżi, jew f'każ ta' bidla sinifikanti f'wieħed mill-fatturi li fuqu t-trajettorji huma stabbiliti, filwaqt li jitqies li n-negozji jeħtieġu ċertezza u prevedibbiltà biex jibbażaw l-investimenti ekoloġiċi u d-deċiżjoni tagħhom dwarhom.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir ***sostenibbli*** li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, ***sostenibbli,*** effiċjenti fl-użu tar-riżorsi***, reżiljenti*** u ***kompetittiva fil-livell internazzjonali u impjiegi ta' kwalità għolja,*** fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura***, u trid tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u l-isforz kollaborattiv fil-livell tal-Unjoni***. |
| [19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). | [19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(1a) Bis-saħħa tal-qafas regolatorju li ġie stabbilit mill-Unjoni u tal-isforzi mwettqa mill-industriji Ewropej, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni naqsu bi 23 % bejn l-1990 u l-2018, filwaqt li l-ekonomija kibret b'61 % matul l-istess perjodu, u dan juri li huwa possibbli li t-tkabbir ekonomiku jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra[20] jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES)[21] wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità[22]. | (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra[20] jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. ***Skont ir-Rapport Speċjali tal-IPCC, huwa stmat li l-attivitajiet tal-bniedem ikkawżaw madwar 1º C tat-tisħin globali 'l fuq mil-livell preindustrijali u, bir-rata attwali, iż-żieda ta' 1,5º C se tintlaħaq bejn l-2030 u l-2052.*** Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp ***u li jintlaħqu l-punti kritiċi***. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES)[21] wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet |

[20] Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1.5 °C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5 °C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)].

[21] Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services".

[22] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).

fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità[22].

[20] Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1.5 °C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5 °C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)].

[21] Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services".

[22] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a) L-ekosistemi, in-nies u l-ekonomiji fl-Unjoni se jiffaċċjaw impatti enormi mit-tibdil fil-klima jekk ma nimmitigawx l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mod urġenti jew ma nadattawx għat-tibdil fil-klima. L-adattament għat-tibdil fil-klima jimminimizza aktar l-impatti inevitabbli b'mod kosteffettiv, b'kobenefiċċji konsiderevoli minn soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex nimxu b'mod ġust u kosteffettiv lejn il-mira b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). | (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi ***ta' kwalità għolja***, għat-tkabbir ***sostenibbli*** u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex nimxu b'mod ġust u kosteffettiv ***u soċjalment responsabbli*** lejn il-mira b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Jenħtieġ li s-setturi*** ekonomiċi kollha ***jkunu obbligati jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd ***u*** li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. ***It-trasformazzjoni*** diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika ***u r-riċerka*** u l-iżvilupp ***ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika***. | (6) ***Il-kisba tan-newtralità klimatika tirrikjedi trasformazzjoni u kontribut tas-setturi*** ekonomiċi kollha ***biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tagħhom***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun ***ekwa,*** sostenibbli, sikura***,*** għall-but ta' kulħadd ***u fil-biċċa l-kbira bbażata fuq sorsi rinnovabbli*** li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. ***L-Unjoni jkollha tadotta oqfsa regolatorji ambizzjużi u koerenti, inkluż dwar l-ixpruni essenzjali biex*** |

***tinkiseb in-newtralità klimatika, bħat-trasformazzjoni*** diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika***, ir-riċerka*** u l-iżvilupp ***u li jippermettu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini biex jiġi żgurat il-kontribut tas-setturi kollha tal-ekonomija għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni***.

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6a) Fid-dawl tal-importanza li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fejn jidħlu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-Unjoni jenħtieġ li tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi l-ekonomija ċirkolari, abbażi tal-prinċipju tal-prevenzjoni tal-iskart, tappoġġa aktar is-soluzzjonijiet rinnovabbli, u tnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-prodotti. Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijiet minn fjuwils fossili, huwa importanti li, meta jkunu disponibbli soluzzjonijiet teknoloġiċi lesti għas-suq, il-materjali intensivi fl-emissjonijiet jiġu sostitwiti b'mod progressiv, u tiġi promossa ċ-ċirkolarità fis-setturi kollha.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(8a) Il-protezzjoni tal-klima tipprovdi opportunità biex l-ekonomija tal-Unjoni żżid l-azzjoni tagħha u tgawdi l-benefiċċji tal-vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel billi tkun minn ta' quddiem fit-teknoloġiji nodfa. Tista' tgħin biex tassigura t-tmexxija tal-industrija tagħha fl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***innovazzjoni globali. L-innovazzjonijiet fil-produzzjoni sostenibbli jistgħu jippromwovu l-qawwa industrijali tal-Unjoni f'oqsma ewlenin tas-suq u b'hekk jipproteġu u joħolqu l-impjiegi.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) It-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa jenħtieġ li twassal għal sistema tal-enerġija kosteffiċjenti, newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u stabbli li fiha l-provvista tal-enerġija primarja tiġi l-iżjed minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, sabiex ittejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-provvista, tnaqqas id-dipendenza enerġetika u tippromwovi l-impjiegi domestiċi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[29], l-Unjoni ***ilha żmien*** issegwi ***programm ambizzjuż ta'*** dekarbonizzazzjoni, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE[30] u (UE) 2018/2001[31] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. | (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[29], l-Unjoni ***qed*** issegwi ***perkors lejn*** dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u ***newtralità klimatika***, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE[30] u (UE) 2018/2001[31] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. |

[29] COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016.

[30] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

[31] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

[32] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[29] COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016.

[30] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

[31] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

[32] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(9a) L-Unjoni ppromwoviet l-aċċellerazzjoni tal-miri tad-dekarbonizzazzjoni permezz ta' proġetti pilota f'reġjuni b'kundizzjonijiet ġeografiċi u demografiċi speċifiċi, bħall-gżejjer, permezz tal-programm "Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE". Fil-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, l-Unjoni jenħtieġ li tkompli tagħti attenzjoni partikulari lill-ħtiġijiet tar-reġjuni insulari u ultraperiferiċi.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-Unjoni hija mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima.

*Emenda*

(10) L-Unjoni hija ***responsabbli għal 9 % biss tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tad-dinja, iżda diġà hija*** mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li ***tiksibha b'mod ġust, soċjalment ekwu u inklużiv kif ukoll li*** tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima ***u l-istrumenti tal-politika kummerċjali***. ***L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li turi li din it-trasformazzjoni hija possibbli.***

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] ***u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali***[34]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta’ Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni***, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun*** tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet

*Emenda*

(11) Il-Parlament Ewropew ***iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali***[34]***, u*** appella***, f'dak ir-rigward,*** għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru [35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni ***li jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha b'mod ekwu li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom f'termini ta' punti ta' tluq, u jinkludi strumenti, inċentivi, appoġġ u investimenti xierqa sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffettiva, li tirnexxi u ġusta, li*** tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll

| | |
|---|---|
| Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. | tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. |
| [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). | [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). |
| [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). | [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). |
| [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). | [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat kriżi storika, umanitarja u ekonomika bla preċedent. Għaldaqstant, il-politiki tal-Unjoni jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt ġdida u profonda li tqis ir-realtà ekonomika l-ġdida. Sabiex tegħleb il-kriżi, u abbażi tal-pjan ta' rkupru għall-Ewropa tal-Kummissjoni, l-Unjoni teħtieġ qafas politiku ċar għall-iżvilupp tal-infrastruttura u għar-riċerka flimkien ma' prinċipji tal-ekonomija tas-suq. Il-politiki kummerċjali jridu jkunu konsistenti mar-regoli applikati għall-industriji li joperaw fis-suq intern, sabiex jiġi evitat li tinħoloq kompetizzjoni inġusta għall-industrija tal-Unjoni. Għodod tal-ekonomija tas-suq li kienu ta' suċċess fis-settur industrijali jistgħu jintużaw bħala mudell għas-setturi*** |

***tal-bini u tat-trasport.***

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Unjoni ***timmira li***, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, ***sal-2050 tilħaq*** bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ***ġo fiha***. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri ***meħtieġa*** biex ***jinkiseb*** dan l-objettiv. | (12) Jenħtieġ li l-Unjoni ***u l-Istati Membri***, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, ***ikollhom l-għan li, sa mhux aktar tard mill-2050, jiksbu*** bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ***fi ħdan l-Unjoni***. ***Jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tar-riċerka u l-iżvilupp tal-bjar.*** Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien***, bl-involviment ukoll tal-livelli ta' politika reġjonali u lokali,*** biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri ***meħuda fil-livell tal-Istati Membri*** biex dan l-objettiv ***jinkiseb b'mod kosteffettiv, ġust u soċjalment bilanċjat, filwaqt li tingħata spinta lill-kompetittività ekonomika u lill-ħolqien tal-impjiegi, u filwaqt li titqies id-dimensjoni tal-ġeneru u ħadd ma jitħalla lura***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-objettivi klimatiċi tal-Ftehim ta' Pariġi jridu jiġu implimentati b'mod kosteffiċjenti u soċjalment bilanċjat.*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Huwa biss jekk l-Unjoni tibqa' ekonomikament b'saħħitha, attraenti għall-investimenti u kompetittiva fil-livell internazzjonali u tiżgura aċċettazzjoni soċjali wiesgħa li tkun tista' taġixxi bħala mudell globali għall-protezzjoni tal-klima.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12b) It-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 jenħtieġ li twassal għal ekonomija aktar reżiljenti u kompetittiva fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, li tkun teknoloġikament avvanzata, tiġġenera tkabbir ekonomiku u opportunitajiet ġodda ta' negozju u impjieg, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-Unjoni. Jenħtieġ li sservi wkoll biex tinkiseb Unjoni aktar koeżiva, billi tgħin liċ-ċittadini u lit-territorji l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni enerġetika biex jibbenefikaw minnha. Għal dak il-għan, l-Unjoni trid tipprovdi l-mekkaniżmi u l-fondi adegwati biex timmobilizza l-ammont kbir ta' investimenti meħtieġa biex tiffinanzja t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika b'mod kosteffiċjenti u soċjalment ġust fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tagħhom.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12c) Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit appoġġ għall-investimenti meħtieġa*** |

| | |
|---|---|
| | ***f'teknoloġiji sostenibbli ġodda essenzjali biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. F'dak ir-rigward, huwa importanti li tiġi rispettata n-newtralità teknoloġika filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe effett lock-in. Kif iddikjarat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima", l-idroġenu jista' wkoll ikollu rwol fl-appoġġ tal-impenn tal-Unjoni biex tikseb in-newtralità tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050, speċjalment fis-setturi intensivi fl-enerġija.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12d) Fit-tranżizzjoni tagħha għan-newtralità klimatika, l-Unjoni jeħtiġilha tippreserva l-kompetittività tal-industrija tagħha, b'mod partikulari l-industrija intensiva fl-enerġija, inkluż billi tiżviluppa miżuri effettivi biex tindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod li jkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO u toħloq sitwazzjoni b'kundizzjonijiet ekwi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12e) Politika klimatika tal-Unjoni effiċjenti bis-sħiħ jenħtieġ li tindirizza r-*** |

| | |
|---|---|
| | ***rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tiżviluppa l-għodod politiċi kummerċjali xierqa, bħall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera, biex tlaħħaq magħha u tipproteġi l-istandards tal-Unjoni u l-atturi ewlenin fl-industriji tal-Unjoni.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u ***tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050,*** sabiex tipproteġi lin-nies u ***lill-pjaneta*** mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri ***tal-Ftehim*** ta' Pariġi ***b'rabta mat-temperatura*** u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC. | (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha ***fit-tul*** u ***tħeġġeġ lil sħab internazzjonali oħra jadottaw politiki simili*** sabiex tipproteġi lin-nies***, l-ekonomija*** u ***l-ambjent naturali tagħhom mit-tniġġis u*** mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq ***il-mira fit-tul li tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 C 'il fuq mil-livelli preindustrijali stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim*** ta' Pariġi u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati | (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati |

| | |
|---|---|
| Membri u fi ħdanhom filwaqt li jqisu l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar***; il-kosteffettività*** u ***n-newtralità teknoloġika*** fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni. | Membri u fi ħdanhom filwaqt li jqisu l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom***, il-punti tat-tluq differenti, l-isforzi li diġà saru*** u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima ***u l-ispejjeż soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' azzjoni insuffiċjenti*** jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar***, filwaqt li jiġi żgurat li l-politiki tal-Unjoni jkunu kosteffettivi*** u ***newtrali fir-rigward tat-teknoloġija*** fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) L-objettiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra żero netti fl-Unjoni sal-2050 jenħtieġ li jintlaħaq permezz ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta u kosteffiċjenti, filwaqt li jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri lejn in-newtralità klimatika. Il-mekkaniżmi ta' finanzjament u appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jikkorrispondu għall-piż soċjali u ekonomiku tat-tranżizzjoni, mingħajr preġudizzju għal politiki strutturali u reġjonali bi qbil mat-Trattati. B'mod partikulari, mekkaniżmi bħall-Fond ta' Modernizzazzjoni u r-riżerva ta' solidarjetà fi ħdan l-EU ETS kif ukoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jenħtieġ li jingħataw il-mezzi finanzjarji adegwati biex jikkontribwixxu għall-isforzi mitluba*** |

***mis-setturi ekonomiċi kkonċernati.***

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ekonomiċi kollha u tas-setturi kollha tas-soċjetà, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. | (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv ***sinifikanti*** min-naħa tas-setturi ekonomiċi kollha u tas-setturi kollha tas-soċjetà, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Il-ħolqien ta' reżiljenza għall-klima u l-adattament għall-effetti inevitabbli tat-tibdil fil-klima jirrikjedu wkoll sforz komuni mis-setturi ekonomiċi u soċjali u konsistenza fil-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE ***għandhom*** jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha ***għandhom*** jagħtu sehemhom. ***Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet*** meta mqabbel mal-livelli tal-1990 ***għall-2030, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[36]***. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq***. Barra minn hekk jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***li timplimenta dik il-mira*** sabiex ***l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990***. | (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha ***jenħtieġ li*** jagħtu sehemhom. ***Fid-dawl tal-għan tal-Unjoni li tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 tiżdied għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' mill-anqas 55 %*** meta mqabbel mal-livelli tal-1990***. L-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni jenħtieġ li jintlaħaq, inter alia, permezz tal-iżvilupp u, meta jkun meħtieġ, ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni***. Barra minn hekk***, abbażi tar-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt,*** jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***, inklużi l-partijiet rilevanti tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha,*** sabiex ***tintlaħaq il-mira proposta l-ġdida ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, sat-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni jenħtieġ li tesplora wkoll l-għażliet għall-istabbiliment ta' mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2040 u tippreżenta proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq***. |
| [36] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) | [36] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) |

Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2030 u n-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli l-ħidma tagħha favur ekonomija sostenibbli b'saħħitha, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex timminimizza u finalment telimina gradwalment l-użu tal-fjuwils fossili f'perjodu ta' żmien konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis ir-rwol ta' pont tal-gass naturali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) Il-Kummissjoni żviluppat u adottat diversi inizjattivi fil-leġiżlazzjoni settorjali dwar l-enerġija, b'mod partikulari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Dawn l-inizjattivi jenħtieġ li jitqiesu fil-progress*** |

| | |
|---|---|
| | ***nazzjonali fit-tul fil-ħidma lejn l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Biex ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ***ma jkunux adegwati*** biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. | (18) Biex ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir ***u n-nuqqasijiet fl-appoġġ meħtieġ***. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk il-miżuri u l-proposti leġiżlattivi kollha tal-Unjoni humiex allinjati mal-objettiv tan-newtralità klimatika u jekk jindirizzawx il-kwistjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ***insuffiċjenti*** biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni ***objettiva*** soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. | (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni ***oġġettiva*** soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC***, l-aħħar rendikont skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi u l-UNFCC***. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej ***u globali*** meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità | (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità |

| | |
|---|---|
| klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. | klimatika, jenħtieġ li tiġi mħeġġa u ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali ***fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali*** b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà u ***l-partijiet ikkonċernati, fosthom it-trade unions, l-organizzazzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka u l-industrija*** biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà ***ġusta,*** newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi*** trajettorja ***biex jinkisbu*** emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni ***sal-2050. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[37]***. B'mod partikulari, biex tiġi*** | (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, ***it-trade unions,*** l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tivvaluta l-għażliet għall-istruttura u d-disinn ta'*** trajettorja ***indikattiva fil-livell tal-Unjoni biex tintlaħaq il-mira tal-2030 tal-Unjoni għall-klima u*** emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-2050 u tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament*** Ewropew u ***lill-Kunsill***. |

***żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament*** Ewropew u ***l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati***.

| | |
|---|---|
| [37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | [37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ssupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet, | (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata ***u ta' solidarjetà*** fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ssupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet, |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(23a) Suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb huwa komponent importanti tat-tranżizzjoni enerġetika u jgħin biex din issir finanzjarjament vijabbli. Għalhekk, l-iżvilupp ta' networks intelliġenti u diġitali integrati tal-elettriku u tal-gass li jkun konsistenti mal-mira tal-klima u l-enerġija jrid jingħata prijorità ewlenija fil-qafas finanzjarju pluriennali (networks TEN mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)). Il-programmi ta' rkupru wara l-COVID-19 iridu jappoġġaw ukoll l-iżvilupp ta' grilji enerġetiċi transnazzjonali. Hemm bżonn ta' proċeduri deċiżjonali effettivi u rapidi biex jappoġġaw l-iżviluppi tal-grilji transnazzjonali, b'mod partikulari fl-infrastruttura tal-gass orjentata lejn il-futur u kompatibbli mal-idroġenu.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(23b) Alleanzi Ewropej, speċjalment fis-setturi tal-batteriji u tal-idroġenu, huma ta' importanza fundamentali: filwaqt li jkunu koordinati fil-livell Ewropew, joffru opportunitajiet kbar għall-proċessi ta' rkupru reġjonali wara l-COVID-19 u tibdil strutturali ta' suċċess. Ir-rekwiżiti statutorji jridu joħolqu qafas għall-innovazzjonijiet fil-mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima u fil-ġenerazzjoni tal-enerġija. Dawk l-alleanzi jenħtieġ li jirċievu appoġġ u fondi adegwati u jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-politika barranija u tal-viċinat futura kif ukoll ta' ftehimiet kummerċjali.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas biex jitnaqqsu ***bil-mod il-mod u*** b'mod irriversibbli l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni u biex jitjieb l-assorbiment permezz tal-bjar ***naturali jew ta' bjar oħrajn*** fl-Unjoni. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas biex jitnaqqsu b'mod irriversibbli ***u rapidu*** l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni u biex jitjieb l-assorbiment permezz tal-bjar ***[..]*** fl-Unjoni. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***sal-2050*** fl-Unjoni sabiex ***tinkiseb il-mira*** fit-tul dwar it-temperatura ***stabbilita*** fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***sa mhux aktar tard mill-2050*** fl-Unjoni u ***f'kull Stat Membru*** sabiex ***jinkisbu l-miri*** fit-tul dwar it-temperatura ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim***, filwaqt li jitqies l-imperattiv ta' tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol abbażi tal-fatt li l-innovazzjonijiet tal-produzzjoni sostenibbli jistgħu jippromwovu saħħa industrijali Ewropea f'oqsma essenzjali tas-suq u għaldaqstant jipproteġu u joħolqu xogħol deċenti u impjiegi ta' kwalità***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dan ir-Regolament jirrikonoxxi t-tibdil*** |

| | |
|---|---|
| | ***fil-klima bħala sfida kollettiva li tirrikjedi soluzzjonijiet kollettivi bbażati fuq tranżizzjoni ġusta u ekwa. Fi spirtu ta' ekwità, kull Stat Membru u kull settur ekonomiku għandu jikkontribwixxi biex din l-isfida tiġi indirizzata.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar ***naturali jew bjar oħrajn***. | Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** |
| | ***Definizzjoni*** |
| | ***- "newtralità klimatika" tfisser emissjonijiet żero netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi domestiċi tal-Unjoni minn sorsi u l-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra | 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra |

| | |
|---|---|
| rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li ***l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal*** żero sa dik id-data. | rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni ***kemm jista' jkun kmieni u*** sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li ***jinkisbu emissjonijiet*** żero ***netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni*** sa dik id-data. ***Kull Stat Membru għandu jilħaq il-mira ta' emissjonijiet żero netti sa mhux aktar tard mill-2050. Wara dik id-data, l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra għandhom jaqbżu l-emissjonijiet.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-objettiv ***tan-newtralità klimatika*** stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu ***l-ġustizzja u s-solidarjetà*** fost l-Istati Membri. | 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali***, reġjonali u lokali*** rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb ***b'mod individwali u, b'riżultat ta' dan,*** b'mod kollettiv l-objettiv ***ta' emissjonijiet żero netti*** stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu ***l-kompetittività tal-Unjoni, il-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli kif ukoll il-ġustizzja, is-solidarjetà u tranżizzjoni ġusta*** fost l-Istati Membri. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999*** fid-dawl tal-objettiv ***tan-newtralità klimatika*** stabbilit | 3. Fid-dawl tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 2(1)***, il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) mill-oqsma ekonomiċi domestiċi kollha tal-Unjoni għall-2030 għandha tiġi stabbilita għal mill-inqas 55 %*** meta |

| | |
|---|---|
| fl-Artikolu 2(1) ***u għandha tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet*** meta mqabbel mal-livelli tal-1990 ***għall-2030***. ***Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq.*** | mqabbel mal-livelli tal-1990. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 biex ***ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' 50 sa 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb*** l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1)***, u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta'*** proposti leġiżlattivi. | 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni ***rilevanti kollha*** tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 biex ***ikunu jistgħu tinkiseb il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 stabbilita fl-Artikolu 2(3),*** u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1)***. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun akkumpanjata minn*** proposti leġiżlattivi ***kif xieraq***. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Sat-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni, fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u wara valutazzjoni ddettaljata tal-impatt, għandha tesplora l-għażliet għall-istabbiliment ta' mira tal-Unjoni għall-2040 b'rabta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għandha tagħmel proposti leġiżlattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. Meta*** |

| | |
|---|---|
| | ***teżamina l-għażliet fir-rigward tal-mira għall-2040 b'rabta mal-klima, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3). Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti għall-ilħuq ta' dik il-mira jeħtieġ li tiġi emendata.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 biex tissupplimenta*** dan ir-Regolament ***billi*** tistabbilixxi trajettorja fil-livell tal-Unjoni biex***, sal-2050, jinkiseb*** l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). ***Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja.*** | 1. ***Sa ...*** [***tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta'*** dan ir-Regolament***] il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva li*** tistabbilixxi trajettorja ***indikattiva*** fil-livell tal-Unjoni biex ***tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-klima stabbilita fl-Artikolu 2(3) u*** l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-trajettorja għandha tibda ***mill-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima*** msemmija ***fl-Artikolu 2(3)***. | 2. It-trajettorja ***tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1*** għandha tibda ***minn ... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tal-proposta leġiżlattiva*** msemmija ***fil-paragrafu 1] u għandha tiġi stabbilita abbażi ta' objettivi intermedji fuq sentejn***. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Hija u tistabbilixxi trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni ***għandha*** tqis ***l-affarijiet*** li ġejjin: | 3. Hija u tistabbilixxi trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni ***tista'*** tqis ***il-kriterji*** li ġejjin: |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) l-impronta soċjoekonomika;*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; | (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika***, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tan-nuqqas ta' azzjoni, u ta' azzjoni klimatika insuffiċjenti jew posposta***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni; | (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni ***u s-setturi ewlenin tagħha, inkluż l-istat attwali tal-iżvilupp tal-SMEs Ewropej billi jiġi applikat it-test tal-SMEs***; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-aqwa ***teknoloġija*** disponibbli; | (c) l-aqwa ***teknoloġiji*** disponibbli***, il-penetrazzjoni attwali tagħhom fis-suq, u l-perspettivi għall-użu futur ta' teknoloġiji ġodda maturi u innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u jiġi evitat kwalunkwe effett lock-in possibbli***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-kost tad-dekummissjonar u tar-riċiklaġġ tat-teknoloġiji kkonċernati, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u l-bijodiversità, inkluż l-impatt tal-estrazzjoni tal-materja prima;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, l-affordabbiltà ekonomika, l-aċċessibbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-materja prima;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(da) id-disponibbiltà u l-kost tal-materja prima b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u newtrali għall-klima, tal-enerġija, tal-infrastruttura meħtieġa u tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(db) il-ħtieġa li jiġi minimizzat u finalment eliminat gradwalment l-użu ta', u għalhekk id-dipendenza tal-Unjoni fuq, fjuwils fossili f'perjodu ta' żmien konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies ir-rwol ta' pont tal-gass naturali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ***ġo fihom***; | (e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ***fi ħdanhom, meta jitqiesu l-punti tat-tluq u ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti tal-Istati Membri***; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati ***l-effettività*** ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; | (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati ***l-integrità*** ambjentali***, l-effettività*** u l-fatt li jsir progress maż-żmien ***f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Ftehim ta' Pariġi***; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ***b'rabta mal-investiment***; | (g) ***iċ-ċikli,*** il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ***tal-investiment u l-ħtieġa ta' prevedibbiltà għas-setturi tal-ekonomija u l-istabbiltà regolatorja għall-investimenti, filwaqt li jitqies ir-riskju tal-assi mitlufa***; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) il-kondiviżjoni ekwa tal-piżijiet u l-potenzjal tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra tas-setturi tal-ekonomija, l-effiċjenza enerġetika tagħhom u l-isforzi ta' investiment imwettqa b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni;*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda ***xierqa*** u | (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda ***ġusta*** u soċjalment |

| | |
|---|---|
| soċjalment ***ġusta***; | ***ekwa għas-setturi kollha tas-soċjetà, filwaqt li jitqiesu l-impatti soċjoekonomiċi potenzjali tal-miżuri futuri***; |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) il-faqar enerġetiku u l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà għal kull Stat Membru, il-progress fir-rigward tat-tnaqqis tagħhom, inkluża evalwazzjoni tal-affidabbiltà tal-provvista tal-enerġija;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-iżviluppi u l-isforzi li jkunu saru ***fil-livell internazzjonali*** biex jinkisbu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; | (i) l-iżviluppi ***internazzjonali u l-isforzi globali*** li jkunu saru***, inkluż mill-pajjiżi terzi,*** biex jinkisbu l-objettivi ***klimatiċi*** fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) il-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u miżuri effettivi ta' protezzjoni mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju applikati, b'mod partikulari fl-industriji intensivi fl-enerġija li jikkompetu fuq livell globali, u*** |

| | |
|---|---|
| | ***r-rwol tal-għodod tal-politika kummerċjali;*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ib) l-impronta tal-karbonju tal-prodotti finali u tal-konsum fl-Unjoni;*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ic) il-ħtieġa li jiġi promoss l-użu tal-prodotti rinnovabbli u taċ-ċirkolarità fis-setturi kollha;*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC**.** | (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC ***u l-IPBES;*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni fuq is-sitwazzjoni ekonomika fl-Unjoni u s-setturi ekonomiċi ewlenin tagħha;*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt jc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jc) il-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza mal-objettivi politiċi l-oħra u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina t-trajettorja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mhux aktar tard minn sitt xhur wara kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, u, meta jkun xieraq, tissottometti proposta leġiżlattiva biex taġġustaha.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni ***u l-Istati Membri*** għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima ***skont l-Artikolu*** *7* tal-Ftehim ta' Pariġi. | 1. ***L-Istati Membri u*** l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament***, fit-titjib tar-riċerka***, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima***, u fil-promozzjoni ta' tranżizzjoni ġusta sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Artikolu*** *7* tal-Ftehim ta' Pariġi ***u l-għanijiet dwar l-adattament stabbiliti fl-Artikolu 19 u fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1999***. |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament li jkunu jinkludu oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u fuq valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament li jinkludu oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u fuq valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar***, u għandhom jirrapportaw dawk l-istrateġiji u l-pjanijiet lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999. Dawk l-istrateġiji u l-pjanijiet għandhom jinkludu miżuri u azzjonijiet f'konformità mal-għanijiet u l-objettivi nazzjonali stabbiliti dwar l-adattament għall-klima u jipprevedu finanzjament adegwat inkluż permezz ta' sorsi pubbliċi u privati.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' dawk l-istrateġiji u l-pjanijiet billi tiġbor u tipprovdi data dwar l-impatti klimatiċi futuri madwar l-UE u tappoġġa azzjonijiet li jindirizzaw l-aspetti soċjali tal-faqar enerġetiku.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***ħames*** snin wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: | Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***sentejn*** snin wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-progress kollettiv fil-livell globali biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi;*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) il-progress kollettiv li sar mill-Istati Membri kollha fl-ilħuq tal-objettiv*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' industrija b'saħħitha, sostenibbli u bi prestazzjoni għolja għall-ekonomija tal-Unjoni u ta' żieda fil-kontribut tal-industrija għall-PDG tal-Unjoni;*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) il-miżuri meħuda u l-progress kollettiv li sar mill-Istati Membri kollha biex jintlaħqu l-objettivi tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta, sabiex ebda parti mis-soċjetà u l-ekonomija ma titħalla lura;*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bd) il-progress kollettiv li sar mill-Istati Membri kollha fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku;*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tibgħat ***il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tibgħat ***dawn il-valutazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena ta' kalendarju rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999***, u tqegħedhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku***. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***ħames snin*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin: | 2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***sentejn*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin: |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); | (a) il-konsistenza tal-miżuri ***u l-politiki*** tal-Unjoni***, inkluża l-leġiżlazzjoni settorjali,*** mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1) ***u mal-iżvilupp globali f'konformità mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi***; |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-adegwatezza tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi żgurat il-progress lejn l-objettivi industrijali tal-Unjoni kif ukoll biex tkun żgurata protezzjoni effettiva kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-adegwatezza tal-miżuri tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta, sabiex ebda parti mis-soċjetà u l-ekonomija ma titħalla lura;*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt bc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) l-adegwatezza tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi żgurat li jsir il-progress b'rabta mal-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku;*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1). | 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ***u l-politiki*** tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1). |

| | |
|---|---|
| | ***Għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***l-abbozzi ta' kull miżura jew proposta leġiżlattiva fid-dawl tal-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), qabel ma dawn jiġu adottati, u għandha tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti, u tippubblika ***r-riżultati ta'*** dik il-valutazzjoni meta dawn jiġu adottati. | 4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***l-allinjament tal-abbozzi tal-miżuri jew tal-proposti leġiżlattivi kollha tal-Unjoni mal-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), qabel ma dawn jiġu adottati, u għandha tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti, u tippubblika dik il-valutazzjoni ***u r-riżultati tagħha*** meta dawn jiġu adottati. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***ħames snin*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: | Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ***sentejn*** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati ***abbażi tal-pjanijiet*** nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha | (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati***, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet*** nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu |

| | |
|---|---|
| skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), skont ir-rilevanza tagħhom biex jintlaħaq dak l-objettiv; | ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), skont ir-rilevanza tagħhom biex jintlaħaq dak l-objettiv; |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***kemm*** il-miżuri nazzjonali rilevanti ***jkunu adegwati*** biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) il-miżuri nazzjonali rilevanti biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ***u l-effettività tagħhom***. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-impatt tal-miżuri implimentati fuq is-sitwazzjoni nazzjonali, ekonomika u soċjali;*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-effetti tal-politika dwar il-klima fuq il-ħolqien tal-valur industrijali u l-kontribut tagħha għal ekonomija aktar kompetittiva u reżiljenti;*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) il-miżuri meħuda u l-progress li sar minn kull Stat Membru biex jintlaħqu l-objettivi tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta sabiex ebda parti mis-soċjetà u l-ekonomija ma titħalla lura;*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bd) il-miżuri nazzjonali biex jiġi żgurat il-progress b'rabta mal-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ***ma' dak l-objettiv*** kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ***ma jkunux*** adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. | 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), ***il-livell ta' utilizzazzjoni ta' riżorsi nazzjonali u s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali,*** il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ***mal-objettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika*** kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux ***sufficjenti*** biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali ***progress u*** rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA); | (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA)***, taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u tal-korpi rilevanti tal-UNFCC***; |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; and | (c) l-istatistika u d-data Ewropej ***u globali***, ***osservati u projettati,*** fosthom id-data dwar ***il-prestazzjoni ta' emittenti ewlenin, kif ukoll*** it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; and |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-aktar rendikont globali reċenti msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi;*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC; and | (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC ***u tal-IPBES***; and |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà ***soċjalment ġusta,*** newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, ***mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, mal-partijiet ikkonċernati tan-negozju, mal-komunità akkademika,*** maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati ***l-ħtiġijiet u*** l-azzjonijiet li ***għandhom jitwettqu biex*** jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-partijiet kollha tas-soċjetà biex jistabbilixxu l-objettivi tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra.*** Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 1 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-13 ta' Jannar 2016. id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** | |
| ***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*** | |
| ***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | |
| ***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi*** | |

***dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 2 – punt 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) l-Artikolu 2(11) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (11) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti fl-Unjoni ta' tnaqqis domestiku ***ta' minn tal-inqas 40 %*** tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha ***meta mqabbla mal-1990*** li jrid jintlaħaq sal-2030, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ***ta' minn tal-inqas 32 %*** tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata ***fl-UE*** fl-2030, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni ***ta' minn tal-inqas 32,5 %*** għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 ***jew kwalunkwe mira sussegwenti f'dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-2030***. | (11) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti fl-Unjoni ta' tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet tal-gassijiet ***b'effett ta'*** serra fl-ekonomija kollha li jrid jintlaħaq sal-2030 ***skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima]***, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata ***fl-Unjoni*** fl-2030 ***skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001,*** il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fl-2030 ***skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/27/UE***, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030; |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, inkluża l-konsistenza tagħhom mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15; | (f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati***, inkluż f'termini ta' kompetittività ekonomika fil-livell globali u tal-impatti fuq l-industrija u s-soċjetà, b'mod partikolari għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku,*** biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, inkluża l-konsistenza tagħhom mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet ***b'effett ta'*** serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15; |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 11 – paragrafu 1

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, ***l-investituri*** u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu. | Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn ***iċ-ċittadini,*** l-awtoritajiet lokali, ***il-komunità akkademika,*** l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ***inklużi s-sħab soċjali, it-trade unions,*** il-komunità kummerċjali, ***b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-SMEs*** u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l- |

| | |
|---|---|
| | enerġija u l-klima***, l-istrateġiji għal tranżizzjoni ġusta u settorjali*** jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 15 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) l-Artikolu 15(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni ***l-istrateġa*** fit-tul tiegħu b'perspettiva ***ta' mill-inqas*** 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin. | Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni ***l-istrateġija*** fit-tul tiegħu b'perspettiva ***sal-2050 u għal*** 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin. |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar fis-setturi kollha skont l-objettiv ***tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"]***; | (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet ***b'effett ta'*** serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar fis-setturi kollha skont l-objettiv tal-Unjoni***, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) biex jitnaqqsu b'mod kosteffettiv l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni u jiżdied l-assorbiment minn bjar ħalli jintlaħqu l-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ*** |

| | |
|---|---|
| | ***bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet b'effett ta' serra fi ħdan l-Unjoni kemm jista' jkun malajr, sa mhux aktar tard mill-2050 u, kif xieraq, jinkisbu emissjonijiet netti negattivi***; |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) l-Artikolu 29(1)(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (a) il-progress li jkun sar fil-livell tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza fil-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030; | (a) il-progress li jkun sar fil-livell tal-Unjoni biex jintlaħqu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fir-Regolament .../... ["il-Liġi dwar il-Klima"], l-objettiv tat-trajettorja tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament .../... ["il-Liġi dwar il-Klima"], u*** l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza fil-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030; |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Stabbiliment tal-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u emenda tar-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") |
| **Referenzi** | COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.3.2020 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>11.3.2020 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 27.5.2020 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Zdzisław Krasnodębski<br>24.4.2020 |
| **Eżami fil-kumitat** | 28.5.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.9.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 42<br>–: 31<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Michael Bloss, Manuel Bompard, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Carlo Calenda, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, András Gyürk, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Eva Kaili, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Thierry Mariani, Marisa Matias, Eva Maydell, Georg Mayer, Joëlle Mélin, Dan Nica, Angelika Niebler, Ville Niinistö, Aldo Patriciello, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Manuela Ripa, Jérôme Rivière, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Beata Szydło, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Mohammed Chahim, Cornelia Ernst, Fredrick Federley, Martin Hojsík, Elżbieta Kruk, Jacek Saryusz-Wolski, Edina Tóth |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 42 | + |
|---|---|
| PPE | Edina Toth, András Gyürk, Pernille Weiss |
| S&D | Carlo Calenda, Mohammed Chahim, Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerković, Eva Kaili, Łukasz Kohut, Miapetra Kumpula-Natri, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Fredrick Federley, Claudia Gamon, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Martin Hojsík, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen |
| Verts | François Alfonsi, Michael Bloss, Ciarán Cuffe, Henrike Hahn, Ville Niinistö, Mikuláš Peksa, Manuela Ripa, Marie Toussaint |
| GUE | Marc Botenga, Cornelia Ernst, Marisa Matias |
| NI | Martin Buschmann, Ignazio Corrao, Clara Ponsatí Obiols |

| 31 | - |
|---|---|
| PPE | François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Christian Ehler, Andrius Kubilius, Eva Maydell, Angelika Niebler, Aldo Patriciello, Markus Pieper, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Riho Terras |
| Renew | Martina Dlabajová |
| ID | Paolo Borchia, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Thierry Mariani, Georg Mayer, Joëlle Mélin, Jérôme Rivière, Isabella Tovaglieri |
| ECR | Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Jacek Saryusz Wolski, Elzbieta Kruk, Beata Szydło, Grzegorz Tobiszowski, Evžen Tošenovský |

| 5 | 0 |
|---|---|
| PPE | Maria Da Graça Carvalho, Seán Kelly, Henna Virkkunen |
| S&D | Ivo Hristov |
| GUE | Manuel Bompard |

Tifsira tas-simboli użati:
\+ : favur
\- : kontra
0 : astensjoni

15.7.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")

(COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Tilly Metz

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Parlament Ewropew, flimkien ma' diversi pajjiżi, awtoritajiet lokali u xjentisti, iddikjara li l-pjaneta tagħna qed tiffaċċja emerġenza klimatika u ambjentali. Biex jiġu evitati bidla fil-klima aċċellerata u irriversibbli u tnaqqis massiv fil-bijodiversità, jeħtieġ li jitnaqqsu malajr l-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra. B'reazzjoni għal din l-isfida, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Patt Ekoloġiku bil-għan li tagħmel l-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, u b'hekk jinkiseb żvilupp ekonomiku b'rispett tal-limiti naturali tal-pjaneta, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li ma tippermetti li l-ebda persuna u l-ebda post jitħallew lura. Il-Liġi dwar il-Klima tippreżenta l-element ċentrali tal-Patt Ekoloġiku billi tistabbilixxi solidament l-objettiv ta' emissjonijiet żero netti f'liġi u tikkostitwixxi s-sisien għall-azzjoni klimatika kollha tal-Unjoni matul id-deċennji li ġejjin.

Il-Liġi dwar il-Klima tistabbilixxi t-trajettorja ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni; madankollu, il-miri tal-klima kif proposti mill-Kummissjoni mhumiex konformi mal-aħħar evidenza xjentifika disponibbli. Skont ir-rapport tal-2019 tal-UNEP dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet[1], jeħtieġ li l-emissjonijiet jitnaqqsu b'7,6 % fis-sena, li jibdew mill-2020, biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Billi ssegwi dan l-għan, l-UE għandha tikseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2040 u żżid il-mira tagħha għall-2030 għal mill-inqas 65 % meta mqabbla mal-1990.

Il-kisba tan-newtralità klimatika se tirrikjedi trasformazzjoni profonda tas-soċjetà tagħna u tas-setturi ekonomiċi kollha, b'mod partikolari tas-settur tat-trasport. Is-settur tat-trasport huwa l-akbar emittent fl-Unjoni Ewropea, u jirrappreżenta 27 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni. Barra minn hekk, huwa l-uniku settur li kompla jżid l-emissjonijiet tiegħu

[1] UNEP Emission gap report, 2019: https://www.unenvironment.org/resources/emissions-gap-report-2019

mill-1990: fl-2017, l-emissjonijiet kienu 28 % fuq il-livelli tal-1990. L-isfidi tat-trasformazzjoni ta' dan is-settur mhumiex limitati għat-toroq jew għall-ferrovija, iżda jinkludu wkoll it-trasport intern fuq l-ilma, l-avjazzjoni u s-setturi marittimi.

Is-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu huma emittenti kbar u fl-2017 kienu responsabbli għall-akbar żieda perċentwali fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Madankollu, l-analiżi turi li l-miri u l-miżuri globali attwali previsti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) mhux se jwasslu għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet u li hija meħtieġa azzjoni ulterjuri sinifikanti biex jintlaħqu l-emissjonijiet żero netti. Huwa għalhekk li r-Rapporteur tipproponi li l-Kummissjoni tippreżenta sett komprensiv ta' leġiżlazzjoni biex tiżgura li s-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu jkunu allinjati mal-objettivi tal-Liġi dwar il-Klima. Għall-avjazzjoni, l-effett globali fuq il-klima huwa ogħla sew mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tiegħu. Ir-Rapporteur għalhekk temmen li huwa importanti li dawn l-effetti mhux tas-$CO_2$ tal-avjazzjoni jiżdiedu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Il-proposta tar-Rapporteur tinkludi wkoll il-ħolqien ta' Panel Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (EPCC), panel xjentifiku konsultattiv indipendenti dwar it-tibdil fil-klima. Ir-rwol tal-EPCC huwa li jimmonitorja l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tnaqqis ieħor tal-effett fuq il-klima fl-Unjoni u fl-Istati Membri u, fejn meħtieġ, li jagħmel rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-objettiv tal-Liġi dwar il-Klima. Għandu wkoll, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara kull bilanċ globali tal-Ftehim ta' Pariġi, jippubblika rapport dwar il-konsistenza tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, bl-objettiv li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

Biex tiżgura l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni Ewropea mal-objettiv tan-newtralità klimatika, il-Kummissjoni se tivvaluta l-abbozzi tal-miżuri kollha, inklużi l-proposti leġiżlattivi u baġitarji qabel l-adozzjoni. Ir-Rapporteur tissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni tivvaluta l-leġiżlazzjoni u l-baġits rilevanti eżistenti kollha tal-UE, u jekk ikun meħtieġ, tipproponi modifiki. Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur tissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi komprensiva tas-sussidji kollha tal-fjuwils fossili diretti u indiretti fl-Istati Membri kollha.

Għal kull sena li fiha nonqsu milli nieħdu azzjoni, il-livell ta' diffikultà u l-ispejjeż għat-tnaqqis tal-emissjonijiet se jiżdiedu. Issa ninsabu fil-limitu li naqbżu b'mod permanenti l-mira ta' 1,5°C, u dan miegħu konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali enormi. Neħtieġu Liġi dwar il-Klima ambizzjuża segwita minn miżuri konkreti, jekk irridu verament niksbu l-miri tagħna dwar il-klima, insalvaw u nerġgħu nġibu kif kienu l-ekosistemi tagħna u nħallu lill-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom pjaneta biex jgħixu fiha.

**EMENDI**

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura***, inkluż permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol***. |
| [19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). | [19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti | (3) Objettiv fiss ***u prevedibbli*** fit-tul |

| | |
|---|---|
| ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex ***nimxu*** b'mod ġust u kosteffettiv ***lejn*** il-mira b'rabta mat-temperatura ***stabbilita*** fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). | huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex ***tintlaħaq*** b'mod ġust u kosteffettiv il-mira b'rabta mat-temperatura ***li t-tisħin globali jiġi limitat għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jsiru sforzi biex dan jiġi limitat għal 1,5°°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, kif stabbilit*** fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li ***tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità*** fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. | (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li ***jiġu massimizzati l-prosperità, l-impjiegi u l-progress soċjali*** fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Jenħtieġ li s-setturi*** ekonomiċi kollha ***jkunu obbligati jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ***ukoll*** huma fatturi ***importanti*** biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. | (6) ***Il-kisba tan-newtralità klimatika tirrikjedi kontribut minn trasformazzjoni profonda tas-setturi*** ekonomiċi kollha***, inkluż is-settur tat-trasport, bl-applikazzjoni, inter alia, tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", u din it-trasformazzjoni jenħtieġ li titfassal skont l-ispeċifiċitajiet u l-karatteristiċi ta' kull settur***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp huma fatturi ***indispensabbli*** biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Unjoni hija mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima. | (10) ***It-tibdil fil-klima huwa sfida globali li tirrikjedi kooperazzjoni internazzjonali.*** L-Unjoni hija mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima***, u fuq il-bażi tas-solidarjetà u r-reponsabbiltà internazzjonali***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-objettiv tan-newtralità klimatika jenħtieġ li jintlaħaq fil-livell Ewropew, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetittività, inkluż l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju kompatibbli mad-WTO u n-negozjar mill-ġdid tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija biex jiġi promoss l-investiment fl-enerġija sostenibbli.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali[34]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. | (11) Il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima ***kmieni kemm jista' jkun u*** sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali[34]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. |
| [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew | [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew |

| | |
|---|---|
| tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). | tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). |
| [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). | [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). |
| [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). | [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li***, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, sal-2050*** tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ***ġo fiha***. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. | (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom***, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi,*** fil-livell domestiku ***fl-Unjoni u fil-livell tal-Istati Membri individwali kmieni kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2050***. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien ***u b'mod individwali*** biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni ***u fil-livell nazzjonali*** se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. ***Wara l-2050, l-Unjoni u l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet sabiex jiżguraw li l-assorbimenti ta' gassijiet b'effett ta' serra jaqbżu l-emissjonijiet.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi ekonomija ċirkolari u tkompli tappoġġja soluzzjonijiet rinnovabbli li jistgħu jissostitwixxu l-prodotti u l-materjali bbażati fuq il-fjuwils fossili.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi ***nazzjonali*** ta' ***adattament***. | (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet ***ta' adattament nazzjonali*** komprensivi ***u ambizzjużi, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet reġjonali u lokali u japplikaw il-prinċipju*** ta' ***ġestjoni finanzjarja tajba***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, | (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, |

jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u ***ġo fihom*** filwaqt li jqisu l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni ***tkun waħda xierqa*** u soċjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u ***n-newtralità*** teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; ***u l-progress*** li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività ***u s-sostenibbiltà fit-tul*** tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; ***is-sitwazzjoni speċifika, il-prestazzjoni klimatika u l-karatteristiċi tas-setturi ekonomiċi differenti kkonċernati, inklużi t-trasport u l-mobilità;*** il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u ***fi ħdanhom*** filwaqt li jqisu l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li ***jitqies l-impatt soċjali potenzjali ta' miżuri futuri, li*** t-tranżizzjoni ***tkun ekwa*** u soċjalment ġusta***, filwaqt li ħadd ma jibqa' lura; il-ħtieġa ta' informazzjoni aċċessibbli, affidabbli u preċiża dwar il-prestazzjoni ambjentali għaċ-ċittadini biex ikun hemm għażliet aktar sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-klima***; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u ***l-prinċipju tan-newtralità*** teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; ***il-progress*** li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni. ***Is-settur tat-trasport huwa kkaratterizzat minn investimenti fit-tul. Il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju stabbli, prevedibbli u tajjeb hija essenzjali f'dan is-settur sabiex jiġu ggarantiti investimenti sostenibbli u affidabbiltà għall-investituri, b'mod partikolari billi jiġi evitat il-fenomenu tal-assi mhux rekuperabbli, speċjalment għal investimenti f'infrastrutturi b'effett qawwi ta' lock-in.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni ***tirrevedi*** l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' ***bejn 50 u*** 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira sabiex ***l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55 %*** meta mqabbla ***mal-livelli tal-***1990. | (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni ***tirrieżamina*** l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' ***mill-inqas*** 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira sabiex ***dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet jinkiseb. Sat-30 ta' Settembru 2025, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fid-dawl tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti u abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt, tesplora alternattivi għall-istabbiliment ta' mira ambizzjuża tal-Unjoni għall-2040*** |

***għat-tnaqqis tal-emissjonijiet*** meta mqabbla ***mal-***1990.

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| [36] ***Regolament*** (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1). | [36] ***Ir-Regolament*** (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1). |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtiġijiet tal-impjiegi, inklużi r-rekwiżiti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-iżvilupp tal-ekonomija u l-istabbiliment ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Biex ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun | (18) Biex ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri ***kollha*** jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l- |

| | |
|---|---|
| qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. | progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv ***u individwali*** li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza ***u r-riġenerazzjoni tal-ekosistemi*** jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u ***jirriġeneraw l-ekosistemi u*** biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. ***Meta Stat Membru jonqos b'mod persistenti milli jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa f'konformità mat-Trattati.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni objettiva soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. | (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni objettiva soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC ***u*** |

| | |
|---|---|
| Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. | ***r-rendikont l-aktar reċenti f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi***. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. | (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà***, inklużi ċ-ċittadini, is-sħab ekonomiċi u soċjali, is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika, l-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Biex ***l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb*** dan ***l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050.*** Huwa ***importanti ferm*** li ***l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha***, ***inkluż fil-livell tal-esperti,*** u ***li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[37]***. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.*** | (21) Biex ***jintlaħqu l-objettivi ta'*** dan ***ir-Regolament b'mod kosteffettiv,*** huwa ***kruċjali*** li ***jiġu pprovduti l-prevedibbiltà***, ***l-istabbiltà*** u ***l-fiduċja għall-atturi ekonomiċi kollha kkonċernati***, ***inklużi n-negozji, il-ħaddiema***, ***l-investituri*** u ***l-konsumaturi***. |
| [37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | [37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Fil-Komunikazzjoni tagħha, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[1a], il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa tal-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti bħala politika ta' prijorità lejn in-netwralità klimatika. Sabiex tiżgura t-tranżizzjoni lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti, il-Kummissjoni indikat li se tadotta strateġija komprensiva dwar mobilità sostenibbli u intelliġenti fl-2020 b'miżuri ambizzjużi mmirati biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u s-sustanzi niġġiesa fil-modi kollha tat-trasport, inkluż billi tagħti spinta lill-użu ta' vetturi nodfa u fjuwils alternattivi għat-trasport bit-triq, bil-baħar u bl-ajru, iżżid is-sehem ta' modi tat-trasport aktar sostenibbli bħalma huma l-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma interni, u ttejjeb l-effiċjenza fis-sistema kollha tat-trasport, filwaqt li tinċentiva għażliet aktar sostenibbli għall-konsumaturi u prattiki b'emissjonijiet baxxi, u tinvesti f'soluzzjonijiet b'emissjonijiet baxxi u emissjonijiet żero, inkluża l-infrastruttura.*** |
| | ***[1a] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 0640.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) Sistema tat-trasport kwalitattiva u effettiva hija essenzjali għall-*** |

***funzjonament xieraq tas-suq intern u għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini waqt li jgawdu l-libertà tagħhom li jivvjaġġaw. Hija tippermetti l-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi. Madankollu, it-trasport jeħtieġ li jkun sostenibbli fid-dawl tal-isfidi l-ġodda li jridu jiġu ffaċċjati. It-trasport jirrappreżenta mill-inqas kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni. Filwaqt li sar progress importanti biex titnaqqas il-marka tal-karbonju tas-settur tat-trasport, inkluż billi tittejjeb l-effiċjenza tal-fjuwil, jiżdied l-użu ta' fjuwils tat-trasport sostenibbli, titnaqqas il-konġestjoni, jiġi trasferit it-trasport għal modi tat-trasport li jniġġsu anqas jew jintlaħqu standards tal-emissjonijiet aktar stretti, is-settur tat-trasport ma rax l-istess tnaqqis fl-emissjonijiet bħal f'setturi oħra. Il-modi kollha tat-trasport se jkollhom jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport f'konformità mal-objettiv li tintlaħaq ekonomija newtrali għall-klima, li tirrikjedi tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. Tali tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet jeħtieġ tranżizzjoni komprensiva tas-settur kollu tat-trasport lejn mobilità sostenibbli b'emissjonijiet żero. F'dik it-tranżizzjoni, is-setturi tal-avjazzjoni u marittimi għandhom rwol partikolari, minħabba ż-żieda qawwija mbassra fl-emissjonijiet tagħhom sal-2050 u l-karattru internazzjonali b'saħħtu tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-2021, tippreżenta strateġija b'sett komprensiv ta' miżuri biex tiżgura li l-modi kollha tat-trasport, u b'mod partikolari t-trasport marittimu, l-avjazzjoni u t-trasport bit-triq internazzjonali, ikunu qed jikkontribwixxu s-sehem dovut tagħhom għall-objettiv tan-newtralità klimatika.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23c) L-infrastruttura tat-trasport jista' jkollha rwol ewlieni fl-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni għal mobilità sostenibbli u intelliġenti billi tipprovdi għal bidla modali lejn modi tat-trasport aktar sostenibbli, b'mod partikolari għat-trasport tal-merkanzija. Fl-istess ħin, l-avvenimenti tat-tibdil fil-klima, bħal-livelli tal-ilma dejjem jogħlew, il-kundizzjonijiet estremi tat-temp, in-nixfa u t-temperaturi dejjem jogħlew, jistgħu jirriżultaw fi ħsara għall-infrastruttura, tfixkil operazzjonali, pressjonijiet fuq il-kapaċità u l-effiċjenza tal-katina tal-provvista, u konsegwentement ikollhom implikazzjoni negattiva għall-mobilità Ewropea. Għalhekk, it-tlestija tan-network ċentrali tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) sal-2030 u t-tlestija tan-network komplementari tat-TEN-T sal-2040 huma tal-akbar importanza, filwaqt li jitqiesu l-obbligi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni dwar l-indirizzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-proġetti matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi qafas leġiżlattiv biex jissaħħu l-ġestjoni tar-riskju, ir-reżiljenza u l-adattament tal-infrastruttura tat-trasport għall-klima.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23d) Il-konnettività tan-network ferrovjarju Ewropew, b'mod partikolari l-konnessjonijiet internazzjonali, biex it-*** |

| | |
|---|---|
| | ***trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija jiġi magħmul aktar attraenti għal vjaġġi fuq distanzi medji u twal u t-titjib fil-kapaċità tas-sistemi ferrovjarji u l-passaġġi fuq l-ilma interni għall-merkanzija, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-azzjoni leġiżlattiva tal-UE.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23e) Huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed investimenti fl-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa għal mobilità b'emissjonijiet żero, inklużi pjattaformi intermodali, u fit-tisħiħ tar-rwol tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) fl-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mobilità intelliġenti, sostenibbli u sikura fl-Unjoni;*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23f) F'konformità mal-isforz tal-Unjoni biex tbiddel it-trasport bit-triq f'wieħed ferrovjarju sabiex il-mezz tat-trasport l-aktar effiċjenti f'termini ta' $CO_2$ jitpoġġa fuq quddiem nett filwaqt li titqies is-Sena Ewropea tal-ferrovija li jmiss fl-2021, jenħtieġ li titpoġġa enfasi leġiżlattiva partikolari fuq il-ħolqien ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea reali billi sal-2024 jitneħħew il-piżijiet amministrattivi kollha u l-leġiżlazzjoni nazzjonali protezzjonista.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sabiex tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ ukoll il-leġiżlazzjoni speċifika dwar standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi, il-vannijiet u t-trakkijiet, tipprovdi miżuri speċifiċi biex twitti t-triq għall-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, u tieħu inizjattivi biex tintensifika l-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23h (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23h) Il-Parlament Ewropew innota li l-miri u l-miżuri globali attwali previsti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, anke jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ, mhumiex se jwasslu għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet, u li jeħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri sinifikanti fil-livelli Ewropew u globali li tkun konsistenti mal-objettiv mifrux mal-ekonomija kollha ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra[1a];*** |
| | ___ |
| | ***[1a] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Madrid, Spanja (COP 25) (2019/2712(RSP))*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23i (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23i) Jenħtieġ li l-aġenziji rilevanti kollha tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tas-settur tat-trasport lejn in-newtralità klimatika. F'dak ir-rigward, f'konformità mal-Artikolu 87 tar-Regolament 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) ingħatat mandat biex tippubblika r-Rapport Ambjentali Ewropew dwar l-Avjazzjoni rigward l-istat tal-protezzjoni ambjentali b'relazzjoni mal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni u li jkun fih rakkomandazzjonijiet biex jiġi indirizzat id-distakk bejn il-prestazzjoni ambjentali tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew u l-objettivi dwar in-newtralità klimatika. Barra minn hekk, l-Unjoni stabbiliet proġett pilota biex tiżviluppa Programm tat-Tikketta Ambjentali u tipprovdi informazzjoni faċilment aċċessibbli, affidabbli u indipendenti dwar il-prestazzjoni klimatika tal-avjazzjoni għall-passiġġieri, il-pubbliku ġenerali u atturi oħra, inklużi investituri privati u pubbliċi. B'segwitu għall-Artikolu 30(4) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b], l-EASA ngħatat mandat li twettaq studju biex tindirizza l-iżviluppi xjentifiċi l-aktar reċenti relatati mal-emissjonijiet mill-avjazzjoni mhux tas-$CO_2$ li jirriżultaw f'impatti klimatiċi fl-altitudni, inklużi kwistjonijiet bħall-formazzjoni ta' traċċi ta' kondensazzjoni, l-evoluzzjoni tagħhom fi sħab tat-tip cirrus, kif ukoll l-effetti diretti tal-aerosols u n-nugrufun tas-sulfat. Jenħtieġ li l-istudju jiġi ppubblikat u trażmess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien u jiġu enfasizzati l-miżuri tekniċi u operazzjonali biex tiġi*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***indirizzata din il-kwistjoni.*** |
| | ___________________ |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).*** |
| | ***[1b] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23j (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23j) Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt mingħajr preċedent fuq is-soċjetà u l-ekonomija. L-effett ta' wara l-pandemija fuq setturi speċifiċi jenħtieġ li jitqies b'mod dovut. Min-naħa l-oħra, l-irkupru ekonomiku jippreżenta opportunità unika biex jiġi aċċellerat il-pass tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni u t-teknoloġiji sostenibbli jingħataw prijorità.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***sal-2050*** fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-Unjoni ***u għall-Istati Membri individwali malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2050*** sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data. | 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni ***kmieni kemm jista' jkun u*** sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data. ***Kull Stat Membru għandu jilħaq l-objettiv ta' emissjonijiet żero netti fit-territorju tiegħu sa mhux aktar tard mill-2050.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 - paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sa mid-data li fiha l-emissjonijiet fl-Unjoni jkunu laħqu livell żero nett, kif stabbilit fil-paragrafu 1, il-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assorbimenti ta' gassijiet serra jaqbżu l-emissjonijiet fl-Unjoni u fit-territorju ta' kull Stat Membru.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu ***l-ġustizzja*** u ***s-solidarjetà*** fost l-Istati Membri. | 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv ***u individwali*** l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu ***u japplikaw ekwità*** u ***solidarjetà*** fost l-Istati Membri ***u fi ħdanhom***. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u għandha tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' ***bejn 50 u 55 %*** fl-emissjonijiet meta mqabbel | 3. Sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni għandha***, fid-dawl tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti u abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt,*** tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl- |

| | |
|---|---|
| mal-livelli tal-1990 għall-2030. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. | Artikolu 2(1) u għandha tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' ***mill-anqas 55 %*** fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' ***50 sa 55 %*** fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. | 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' ***mill-inqas 55 %*** fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. ***Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tevalwa l-possibbiltajiet għall-allinjament tal-emissjonijiet mill-modi kollha tat-trasport mal-mira tal-2030 sabiex tnaqqas dawn l-emissjonijiet għal żero netti sa mhux aktar tard mill-2050, u, għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi kif xieraq. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-investimenti diġà pprogrammati mill-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima (NECPs) qabel... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ikunu ppreservati, tal-inqas sakemm l-offerta tkun imqabbla mad-domanda u mhux aktar mill-2050.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 - paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Sat-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni, fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt, għandha tesplora l-għażliet għall-istabbiliment ta' mira tal-Unjoni għall-2040 b'rabta mal-klima għat-tnaqqis tal-emissjonijiet meta mqabbla mal-1990 u għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jekk ikun xieraq.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni tal-mira għall-2040 b'rabta mal-klima, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni għall-ilħuq ta' dik il-mira jeħtieġ li tiġi emendata u tieħu l-miżuri meħtieġa, inkluża l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi, f'konformità mat-Trattati.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 biex*** | 1. ***Sat-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni, skont kif ikun xieraq u*** |

| | |
|---|---|
| ***tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tistabbilixxi trajettorja fil-livell tal-Unjoni ***biex, sal-2050, jinkiseb l-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja. | ***abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, għandha adotta proposta leġiżlattiva sabiex*** tistabbilixxi trajettorja fil-livell tal-Unjoni ***għall-kisba tal-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja ***u, fejn ikun xieraq u fid-dawl tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti, tissottometti proposti leġiżlattivi biex din it-trajettorja temendaha***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-trajettorja għandha tibda mill-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(3). | 2. It-trajettorja ***msemmija fil-paragrafu 1*** għandha tibda mill-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(3). |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Hija u tistabbilixxi trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-affarijiet li ġejjin: | 3. Hija u ***tipproponi proposta leġiżlattiva sabiex*** tistabbilixxi trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-affarijiet li ġejjin: |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; | (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika***, inklużi l-ispejjeż ta' aġġustament u l-ispejjeż li jirriżultaw min-nuqqas ta' azzjoni jew mid-dewmien biex tittieħed azzjoni klimatika***; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni; | (b) il-kompetittività ***u s-sostenibbiltà fit-tul*** tal-ekonomija tal-Unjoni***, inkluża kwalunkwe rilokazzjoni tal-karbonju u tal-investiment possibbli permezz tar-rilokazzjoni u l-esternalizzazzjoni***; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-aqwa ***teknoloġija*** disponibbli; | (c) l-aqwa ***teknoloġiji*** disponibbli***, f'termini ta' analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż l-użu attwali tagħhom mis-suq u l-iżvilupp u l-użu ulterjuri possibbli tagħhom***; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-effiċjenza fl-enerġija, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista; | (d) l-effiċjenza fl-enerġija, ***u*** l-affordabbiltà tal-enerġija ***u tal-materja prima*** u s-sigurtà tal-provvista; |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; | (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali***, l-ambizzjoni*** u l-fatt li jsir progress maż-żmien; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment; | (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment ***f'setturi ekonomiċi differenti, f'approċċ transsettorjali, filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati ma' assi mhux rekuperabbli, filwaqt li tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investimenti fis-setturi kkonċernati***; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) is-sitwazzjoni speċifika, il-prestazzjoni klimatika u l-karatteristiċi tas-setturi ekonomiċi differenti kkonċernati;*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda ***xierqa*** u soċjalment ġusta; | (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda ***ekwa*** u soċjalment ġusta ***għal kulħadd fit-territorji kollha tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat aċċess faċli u affordabbli għas-servizzi bażiċi, inkluża l-mobilità***; |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-iżviluppi u l-isforzi li jkunu saru fil-livell internazzjonali biex jinkisbu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; | (i) l-iżviluppi u l-isforzi ***globali*** li jkunu saru fil-livell internazzjonali biex jinkisbu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima***, filwaqt li jitqiesu r-rwol u r-responsabbiltà tal-Unjoni internazzjonalment***; |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi. | 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi ***u abbażi ta' Strateġija aġġornata tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima***[1a]. |

***1a COM(2013)0216 final***

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament li jkunu jinkludu oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u fuq valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar. | 2. L-Istati Membri***, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw***, permezz tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima,*** strateġiji u pjanijiet ta' adattament li jkunu jinkludu oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u fuq valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar***, u filwaqt li jqisu d-dimensjoni ekonomika u soċjali***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipproponi qafas leġiżlattiv biex iżżid il-ġestjoni tar-riskju, ir-reżiljenza u l-adattament għall-klima tal-infrastruttura tat-trasport.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); | (a) il-progress kollettiv ***u individwali*** li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) il-progress kollettiv ***u individwali*** li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha ***tibgħat il-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha ***tagħmel pubblikament disponibbli u tissottometti l-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozzi ta' kull miżura jew proposta leġiżlattiva fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), qabel ma dawn jiġu adottati, u għandha tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti, u tippubblika r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni meta dawn jiġu | 4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozzi ta' kull miżura***, finanzjament*** jew proposta leġiżlattiva fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), qabel ma dawn jiġu adottati, u għandha tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti, u tippubblika r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni meta dawn jiġu |

| | |
|---|---|
| adottati. | adottati. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Il-Kummissjoni għandha tressaq proposti biex jiġi eliminat b'mod gradwali l-appoġġ tal-UE u nazzjonali dirett u indirett għall-fjuwil fossili.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti ***u l-kapaċità nazzjonali rilevanti*** jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament ***kif*** imsemmi fl-Artikolu 4. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha ***tibgħat il-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha ***tagħmel pubblikament disponibbli u tissottometti l-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija ***tista'*** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tippubblika t-tali rakkomandazzjonijiet. | 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv ***u individwali*** li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija ***għandha, jekk ikun xieraq,*** tagħmel rakkomandazzjonijiet ***ġustifikati b'mod dovut,*** lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tippubblika t-tali rakkomandazzjonijiet. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu ***jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni*** fi spirtu ta' solidarjetà ***mal-Istati Membri l-oħrajn u*** bejn l-Istati Membri u l-Unjoni; | (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu ***jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jimplimenta r-rakkomandazzjoni*** fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-Unjoni ***u fost l-Istati Membri***; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu r- | (b) fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu r- |

| | |
|---|---|
| rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi kif ikun ***qies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni***. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jiħux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni; | rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi kif ikun ***ħa miżuri biex jimplimenta r-rakkomandazzjoni***. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jiħux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni ***ġustifikat b'mod dovut***; |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Fil-każ li Stat Membru persistentement jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stipulati skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-informazzjoni ***li tintbagħat*** u ***li jsiru rapporti dwarha*** skont ir-Regolament (UE) 2018/1999; | (a) l-informazzjoni ***mressqa*** u ***rrappurtata*** skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 ***dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, inklużi r-rapporti intermedji nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima msemmija f'dan ir-Regolament***; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA); | (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) ***u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, inklużi dawk fil-qasam tat-trasport***; |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; ***u*** | (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, ***l-istimi tal-ispejjeż li jirriżultaw min-nuqqas ta' azzjoni jew id-dewmien biex tittieħed azzjoni klimatika, u data soċjoekonomika,*** meta dawn ikunu disponibbli; |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC***; u*** | (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli ***u l-aktar reċenti***, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC***, inkluż fir-rigward ta' effetti klimatiċi oħra, bħal dawk ikkawżati minn bidliet fl-intensità tas-sħab tat-tip cirrus;*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-iżviluppi internazzjonali u l-*** |

***isforzi li jkunu saru fil-livell globali biex jinkiseb l-għan fit-tul dwar it-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż l-aħħar rendikont imsemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi;***

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) il-livell tal-kisba tal-objettivi ekonomiċi u tal-iżvilupp soċjali, inkluż l-impatt tal-miżuri implimentati rigward is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali nazzjonali;*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) l-innovazzjoni teknoloġika u l-aqwa teknoloġiji disponibbli fis-setturi kkonċernati;*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt dd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dd) il-ħtieġa ta' konsistenza u stabbiltà tar-regolamentazzjoni sabiex jiġi ppreservat ambjent ta' investiment favorevoli; u*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab ***ekonomiċi u*** soċjali ***mis-setturi kollha rilevanti, mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija***, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu mhux determinat taż-żmien li jibda minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-data tad-dħul fis-*** | |

***seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.***

***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħturin minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***

***5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.***

***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament UE 2018/1999
Artikolu 11 – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Djalogu f'diversi livelli ***dwar il-klima u l-enerġija*** | Djalogu f'diversi livelli ***u transsettorjali dwar it-tibdil fil-klima*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament UE 2018/1999
L-Artikolu 11 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli ***dwar il-klima u l-enerġija*** skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar ***l-enerġija u l-klima***, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati ***dwar l-enerġija*** u ***l-klima*** jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu."; | Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli ***u transsettorjali dwar it-tibdil fil-klima*** skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar ***il-klima f'setturi differenti***, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet ***u l-istrateġiji*** nazzjonali integrati ***għall-enerġija, il-klima, l-akkomodazzjoni, l-agrikoltura, il-bijodiversità*** u ***l-mobilità, iżda mhux b'limitazzjoni għal dawn biss,*** jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu."; |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Stabbiliment tal-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u emenda tar-Regolament (UE) 2018/1999 (”il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) |
| **Referenzi** | COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.3.2020 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>16.4.2020 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Tilly Metz<br>6.5.2020 |
| **Eżami fil-kumitat** | 23.6.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.7.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 28<br>–: 12<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Johan Danielsson, Andor Deli, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Leila Chaibi, Angel Dzhambazki, Markus Ferber, Carlo Fidanza, Maria Grapini, Roman Haider, Alessandra Moretti |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 28 | + |
|---|---|
| GUE/NGL | Leila Chaibi, Kateřina Konečná, Elena Kountoura |
| NI | Mario Furore |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Benoît Lutgen |
| Renew | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet |
| S&D | Andris Ameriks, Johan Danielsson, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Alessandra Moretti, Rovana Plumb, István Ujhelyi |
| Verts/ALE | Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz |

| 12 | - |
|---|---|
| ECR | Angel Dzhambazki, Carlo Fidanza, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| ID | Marco Campomenosi, Roman Haider, Julie Lechanteux, Philippe Olivier, Lucia Vuolo |
| NI | Dorien Rookmaker |
| PPE | Jens Gieseke, Marian-Jean Marinescu, |

| 9 | 0 |
|---|---|
| PPE | Andor Deli, Gheorghe Falcă, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Markus Ferber, Barbara Thaler, Elissavet Vozemberg-Vrionidi |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.7.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")
(COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Caroline Roose

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Komunikazzjoni tal-Kommissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ekwa u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra sa mhux aktar tard mill-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Patt Ekonomiku Ewropew għandu l-għan ukoll li jipproteġi, jippreserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent.

F'dan il-kuntest, il-proposta dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima għandha l-għan li tistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika fl-UE. Ir-Rapporteur tilqa' din il-proposta tal-Kummissjoni u ressqet għadd ta' emendi, li jfittxu li jtejbu r-Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

B'mod aktar konkret, bl-abbozz ta' opinjoni tagħha r-Rapporteur:

- Qieset serjament l-emerġenza klimatika u ambjentali u għalhekk ipproponiet li l-Unjoni tikseb in-newtralità klimatika sal-2040, jiġifieri għaxar snin qabel id-data ta' mira stabbilita fil-proposta tal-Kummissjoni.

- Irrimarkat li t-tranżizzjoni għandha tqis id-differenzi u l-iżbilanċi reġjonali sabiex issir ġusta u soċjalment ekwa, kif ukoll territorjalment inklużiva. It-tranżizzjoni trid tinkludi liċ-ċittadini, lir-reġjuni, liż-żoni jew lill-komunitajiet urbani u rurali biex tilħaq l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, permezz ta' politika ġdida għal żvilupp sostenibbli sal-2040.

- Enfasizzat li l-Liġi l-ġdida dwar il-Klima għandha tinkludi b'mod ċar id-data tal-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u s-sussidji diretti u indiretti tagħhom sabiex

sal-2040 tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima. Saħqet fuq il-ħtieġa li jiġi eliminat gradwalment l-użu tal-fjuwils fossili kollha bl-objettiv li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C 'l fuq mil-livelli preindustrijali, biex jintlaħaq l-għan fit-tul tat-temperatura stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi.

– Innotat l-importanza tal-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali sabiex jinkisbu l-objettivi tan-newtralità klimatika, li huma, skont it-Trattati, fost l-objettivi ewlenin tal-Unjoni, u tiġi stabbilita mira ġdida għall-2030 ta' tnaqqis ta' 65 % tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-1990, mira li hija aktar ambizzjuża meta mqabbla ma' dik inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni.

– Saħqet fuq l-importanza ta' approċċ integrat fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, billi l-politiki kollha tal-UE jkunu orjentati lejn l-objettiv ta' UE newtrali għall-klima sal-2040.

– Enfasizzat l-importanza li l-Istati Membri jistabbilixxu miri konkreti ta' tnaqqis billi jistabbilixxu obbligi espliċiti li jappoġġjaw l-effiċjenza enerġetika, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista.

– Irrimarkat li l-adattament huwa komponent ewlieni tar-rispons globali fit-tul għat-tibdil fil-klima, u għalhekk innotat il-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-istrateġiji nazzjonali komprensivi ta' adattament u li l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jiġu allinjati bl-objettiv ġenerali li tinkiseb in-newtralità klimatika tal-UE sal-2040.

– Saħqet fuq il-ħtieġa li jissaħħu sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u programmi differenti tal-Unjoni, bħal Orizzont Ewropa, sabiex jiġu appoġġjati teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi li 'l quddiem jissostitwixxu l-użu tal-fjuwils fossili.

– Talbet li jiġu segwiti investimenti sostenibbli u li jkun rekwiżit li l-Fondi SIE jintużaw għal mobilità sostenibbli, imprendituri ekoloġiċi u infrastruttura ekoloġika.

– Innotat l-importanza tal-prinċipju tas-sħubija u r-rwol taċ-ċittadini u l-komunitajiet fit-tmexxija tat-trasformazzjoni fil-livell ċentrali, kif ukoll fil-livell reġjonali u lokali. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-partijiet kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Wara t-tressiq tal-emendi u n-negozjati max-shadow rapporteurs, ir-Rapporteur ipproponiet pakkett ta' emendi ta' kompromess li ġie appoġġjat mill-maġġoranza tal-Membri tal-Kumitat. F'dan il-pakkett ta' kompromess, li ġie adottat mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, ġie miftiehem li:

- il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tiġi stabbilita għal żero sa mhux aktar tard mill-2050 fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali

- ir-reżistenza għall-klima tal-politiki kollha tiġi inkluża sabiex tippermetti l-kisba

individwali u, b'kosegwenza, kollettiva tal-objettiv tan-newtralità klimatika

- tiġi stabbilita mira għall-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet minn 50 sa 55 % meta mqabbel mal-1990

- il-valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika u settorjali tal-Kummissjoni dwar il-mira tal-2030 titlesta sa Settembru 2020

- sa tmiem l-2021, tkun disponibbli valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar kif għandha tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni tal-2030, kif ukoll il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-fondi u l-istrumenti

- il-Kummissjoni tiġi awtorizzata tadotta atti delegati fir-rigward tat-trajettorja meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika

- tinħoloq sistema ta' informazzjoni komuni tal-Unjoni, li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki

- tiġi sottolinjata l-ħtieġa li jkun hemm konformità mal-prinċipju tas-sħubija

- tiġi enfasizzata l-importanza tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas

- tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili u s-sussidji diretti u indiretti tagħhom

- jitqiesu, fost l-oħrajn, l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali, l-isfidi demografiċi, il-ħtieġa li jiġu allinjati l-ftehimiet ta' sħubija dwar il-Fondi SIE mal-objettiv tan-newtralità klimatika, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku.

Din l-opinjoni finali hija r-riżultat ta' negozjati intensivi u ta' kompromess. Għalkemm ir-Rapporteur kienet tippreferi li tara approċċ aktar kuraġġuż u li jiġu stabbiliti miri aktar ambizzjużi, hija tixtieq tirringrazzja lix-shadow rapporteurs mill-gruppi politiċi l-oħra. Ir-Rapporteur tistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jikkunsidra serjament l-emendi tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u jqis l-impenn qawwi tal-Kumitat favur il-mira tan-newtralità klimatika.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"***,***[1] il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ***ġusta*** u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[1]***,*** il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ***ekwa*** u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali ***u l-bijodiversità*** tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura***, inklużi ċ-ċittadini, ir-reġjuni, iż-żoni jew il-komunitajiet urbani u rurali***. |
| [1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). | [1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex nimxu b'mod ***ġust*** u kosteffettiv lejn il-mira b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan- | (3) Objettiv fiss fit-tul ***li ġie aċċettat unanimament mill-Istati Membri*** huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-tkabbir ***sostenibbli*** u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex nimxu b'mod ***ekwu*** u kosteffettiv lejn il-mira b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ |

Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi").

mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi").

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) ***L-għan tal-azzjoni*** klimatika tal-Unjoni ***u*** tal-Istati Membri ***huwa*** li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta ***kif ukoll*** il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, ***is-sistemi*** tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li ***tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità*** fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà ***b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil***. | (5) ***L-azzjoni*** klimatika tal-Unjoni***,*** tal-Istati Membri ***u tal-awtoritajiet reġjonali u lokali għandha l-għan*** li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta***,*** il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, ***l-agrikoltura u s-sistemi*** tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, ***filwaqt li jiġi stabbilit bilanċ bejn il-ħtieġa għall-iżvilupp u l-objettivi sostenibbli u klimatiċi,*** fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li ***tiġi massimizzata l-prosperità*** fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza ***u titnaqqas il-vulnerabbiltà tat-territorji u*** tas-soċjetà ***għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jitqies it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Jenħtieġ li s-setturi*** ekonomiċi kollha ***jkunu obbligati jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, ***sikura u*** għall-but ta' kulħadd | *(6)* ***Il-kisba tan-newtralità klimatika tirrikjedi approċċ integrat u kontribut mis-setturi*** ekonomiċi kollha***, impenn proporzjonali fit-tul fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni, u adattament għall-ispeċifiċitajiet settorjali u reġjonali sabiex it-tranżizzjoni ssir ekonomikament vijabbli, ġusta u soċjalment ekwa, b'kunsiderazzjoni speċifika għaż-żoni rurali, iż-żoni milquta*** |

| | |
|---|---|
| u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. | ***minn tranżizzjoni industrijali, u r-reġjuni li jsofru minn depopolazzjoni bħar-reġjuni l-aktar fit-Tramuntana, insulari, transfruntiera u muntanjużi kif ukoll dawk ultraperiferiċi . Jenħtieġ li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ikun fattur ewlieni f'dan ir-rigward***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, għall-but ta' kulħadd***, deċentralizzata u sikura*** u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. ***F'dak il-kuntest, il-qafas regolatorju tal-enerġija jenħtieġ li jinċentiva l-produzzjoni domestika u ekonomika u l-użu tal-enerġija ekoloġika u l-ħtieġa tal-armonizzazzjoni tagħha jenħtieġ li titqies.*** It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp***, u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u s-sussidji diretti u indiretti tagħhom*** ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Unjoni ***hija*** mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika ***u hija deċiża li*** tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom ***id-diplomazija*** dwar il-klima. | (10) L-Unjoni ***għandha r-reponsabbiltà, bħala*** mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika***, li tkun ta' eżempju, iżżomm standards ta' produzzjoni ambjentali għoljin,*** tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom ***il-politika tal-kummerċ u l-investiment, il-politika tal-iżvilupp u d-diplomazija*** dwar il-klima***, mingħajr ma tipperikola l-iżvilupp ekonomiku tal-Unjoni***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, sal-2050 tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ġo fiha. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. | (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, sal-2050 tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ġo fiha. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha ***u r-reġjuni tagħhom*** jaħdmu flimkien biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb***, inkluż li l-politiki kollha jkunu reżistenti għall-klima u billi titqies il-pożizzjoni tat-tluq differenti ta' kull Stat Membru fit-tranżizzjoni tal-enerġija***. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, sabiex tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC. | (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, sabiex tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, ***billi tippromwovi l-programmi ta' adattament għat-tibdil fil-klima mad-dinja kollha,*** hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali ***oħrajn*** u ***ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament. | (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki u leġiżlazzjoni ambjentali, ***tal-iżvilupp u ta' koeżjoni oħrajn, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li l-ftehimiet ta' sħubija jiġu allinjati fil-qafas tal-Fondi SIE mal-objettiv tan-newtralità klimatika***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament ***b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'enfasi partikolari fuq programmi ta' investiment lokali u ta' edukazzjoni biex jiġu promossi l-awtokonsum, l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull reġjun. L-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament reġjonali u lokali jenħtieġ li jiġu appoġġjati mill-Fondi SIE u jiġu allinjati mal-istrateġija nazzjonali rispettiva.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil- | (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil- |

livell tal-Unjoni ***u*** f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà ***tal-enerġija*** u ***tal-ikel***; ***il-ġustizzja*** u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u ***ġo fihom*** filwaqt li ***jqisu*** l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda ***xierqa*** u soċjalment ***ġusta***; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

livell tal-Unjoni***,*** f'dak nazzjonali ***u reġjonali*** biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; ***il-bilanċ nett tal-impjieg li jirriżulta kemm mill-miżuri kif ukoll mit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u l-inklużjoni soċjali tagħhom; il-ħtiġijiet ta' adattament u l-opportunitajiet f'setturi ekonomiċi differenti;*** is-sigurtà ***tal-enerġija*** u ***tal-ikel,*** l-affordabbiltà u ***l-awtosuffiċjenza tagħhom, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku***; ***l-ekwità*** u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u ***fi ħdanhom*** filwaqt li ***jitqiesu*** l-kapaċità ekonomika ***u l-iżvilupp infrastrutturali*** tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali ***u reġjonali*** tagħhom u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; ***l-isfidi demografiċi, il-konnettività u l-koeżjoni reġjonali;*** il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda ***ġusta*** u soċjalment ***ekwa kif ukoll territorjalment inklużiva, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali u remoti li qed jiffaċċjaw sfidi soċjali u ekonomiċi sinifikanti; il-ħtieġa li jsir investiment f'mezzi innovattivi ta' produzzjoni, fil-manifattura, fir-riċerka u fl-edukazzjoni; il-ħtieġa li l-ekonomija tinbidel minn waħda lineari għal waħda ċirkolari; il-promozzjoni tal-ekonomiji lokali;*** l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC ***u tal-IPBES***; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar***, inkluż billi jiġu eliminati b'mod gradwali s-sussidji diretti u indiretti għall-fjuwils fossili, mingħajr ma jiġi eskluż l-użu tal-idroġenu ekoloġiku bħala soluzzjoni temporanja***; ***il-ħtieġa li jinħolqu politiki ta' investiment sostenibbli għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, b'mod partikolari***

| | |
|---|---|
| | ***għar-reġjuni insulari u r-reġjuni kostali li huma vulnerabbli għat-tibdil fil-klima; il-ħtieġa li jitwaqqfu t-telf u d-degradazzjoni tal-foresti u li tiġi promossa ġestjoni sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jitqies ir-rwol kruċjali tagħhom bħala forza stabilizzanti għall-klima;*** il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza ***tat-territorji u s-soċjetà***; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni***; il-ħtieġa li r-reġjuni differenti jimxu bil-pass tagħhom lejn il-kisba tan-newtralità klimatika, li jista' jiġi stabbilit biss wara valutazzjoni komprensiva tal-impatt, filwaqt li jitqies l-effett fuq l-iżvilupp reġjonali, l-industrija u l-impjiegi; il-progressjoni tal-innovazzjoni teknoloġika u l-enerġiji nodfa; u l-ħtieġa li ssir bidla progressiva minn paradigma ta' tkabbir għal paradigma ta' wara t-tkabbir u ta' żvilupp sostenibbli***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ekonomiċi kollha u tas-setturi kollha tas-soċjetà, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli | (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ ***approċċ integrat,*** bidliet fl-ispettru kollu tal-politika***, finanzjament ambizzjuż u sostnut*** u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ekonomiċi kollha u tas-setturi kollha tas-soċjetà, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden |

| | |
|---|---|
| eżistenti. | lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. ***Huwa ta' importanza ugwali li jitrawmu sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-programmi differenti tal-Unjoni, pereżempju Orizzont Ewropa, biex jiġu appoġġjati teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi li jistgħu jissostitwixxu l-użu tal-fjuwils fossili.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ***saħqet*** li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk jenħtieġ li, ***sat-*** | (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ***ssottolinjat*** li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030 ***u tipproponi finanzjament korrispondenti permezz tal-baġit tal-UE biex tilħaq din il-mira ġdida possibbli tal-2030***, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt ***li jkejjel l-impatt għall-UE kif ukoll għal kull Stat Membru individwali*** u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Meta tqis li jkun hemm bżonn |

| | |
|---|---|
| ***30*** ta' ***Ġunju*** 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. | tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk jenħtieġ li, ***sal-31*** ta' ***Diċembru*** 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55% meta mqabbla mal-livelli tal-1990. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll il-ħtieġa li tistabbilixxi, kemm jista' jkun malajr, mira għall-2040 ta' tnaqqis ta' emissjonijiet sostanzjalment ogħla.*** |
| [1] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1). | [1] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1). |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Biex ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l- | (18) Biex ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tkejjel u*** tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir***, filwaqt li tagħmel id-data rilevanti kollha disponibbli għall-pubbliku*** |

| | |
|---|---|
| objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' ***xi*** Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. | ***u tqis l-ispeċifiċità ta' kull żona***. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri ***u r-reġjuni*** jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali ***u reġjonali*** rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet ***u toffri appoġġ tekniku*** meta ssib li l-miżuri ***tal-Unjoni jkunu wasslu għat-telf tal-kompetittività reġjonali u*** ta' ***impjiegi f'setturi tal-ekonomija jew li l-miżuri ta'*** Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni objettiva soda li tkun ibbażata fuq ***l-iktar sejbiet*** xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt | (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni oġġettiva u soda li tkun ibbażata fuq ***is-sejbiet*** xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi ***l-aktar*** aġġornati ***u l-aqwa disponibbli*** u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC ***u valutazzjoni komprensiva tal-impatt soċjoekonomiku u settorjali għal kwalunkwe mira ġdida*** |

| | |
|---|---|
| Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. | ***proposta***. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. | (20) Minħabba li ċ-ċittadini***, ir-reġjuni*** u l-komunitajiet ***u l-operaturi ekonomiċi*** għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika ***fil-livelli kollha, inkluż fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u mas-sħab soċjali, inklużi t-trade unions, u jenħtieġ li jiġu ffaċilitati l-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni għall-persuni kollha b'diżabilità***. Għalhekk***, f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija u r-rispett tal-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tan-nondiskriminazzjoni,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi |

Patt Klimatiku Ewropew ***bl-objettiv li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fl-Unjoni jiġu involuti fl-elaborazzjoni ta' politiki dwar il-klima fil-livell tal-Unjoni permezz ta' proċess ta' demokrazija deliberattiva. Il-Patt dwar il-Klima għandu jservi wkoll bħala mezz għall-qsim tal-aħjar prattika, billi jippromwovi l-innovazzjoni soċjali u jappoġġja finanzjarjament inizjattivi lokali jew komunitarji.***

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex ***tistabbilixxi*** trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni ***sal-***2050. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq ***il-konsultazzjonijiet ix-xierqa*** matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, | (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, ***inklużiva, soċjalment ekwa u aġġustata għar-realtajiet soċjoekonomiċi fir-reġjuni kollha,*** biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex ***tipproponi*** trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-***2050. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq ***konsultazzjonijiet xierqa*** matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata |

| | |
|---|---|
| u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati. | parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati. |
| ___________________ | ___________________ |
| [1] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | [1] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) ***Jenħtieġ li l-istrumenti tal-Unjoni marbutin mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jkunu koerenti bejniethom biex il-Kummissjoni tkompli żżomm mal-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-objettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valuazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'sekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-objettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti. | (22) ***F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni favur il-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li jsiru sforzi biex jinkisbu koerenza u komplementarjetà bejn l-istrumenti tal-Unjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra***. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-objettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valuazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'sekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-objettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ***ssupplimentati*** b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni ***sal-***2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi, | (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ***appoġġjati*** b'mod effettiv il-politiki nazzjonali ***u reġjonali***. Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-***2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***("TUE")***. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi, ***F'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tat-TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin biex jilħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jieħdu kwalunkwe miżura xierqa li tirriżulta mill-objettivi u r-rakkomandazzjonijiet kif stabbiliti f'dan ir-Regolament u għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-ksib tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***sal-***2050 ***fl-Unjoni*** sabiex tinkiseb il-mira fit-tul | Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika ***fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-***2050***,*** |

dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim.

***adottat unanimament mill-Istati Membri,*** sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi***, billi ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, kif ukoll il-flussi finanzjarji jiġu magħmula konsistenti mal-iżvilupp reżiljenti għall-klima***, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim.

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data. | 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni ***malajr kemm jista' jkun u*** sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data ***kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni ***u*** fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb ***b'mod*** kollettiv ***l-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li ***jqisu*** l-importanza ***tal-fatt li jippromwovu l-ġustizzja u s-*** | 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni***,*** fil-livell nazzjonali ***u f'dak reġjonali*** rispettivament, ***inkluża r-reżistenza għall-klima tal-politiki kollha u l-kunsiderazzjoni tal-pożizzjoni tat-tluq differenti ta' kull Stat Membru,*** biex ikun |

| | |
|---|---|
| ***solidarjetà*** fost l-Istati Membri. | jista' jinkiseb ***mill-Istati Membri individwalment, bħala riżultat, il-ftehim*** kollettiv ***tal-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li ***jitqiesu l-kuntest soċjali, ekonomiku u territorjali kif ukoll*** l-importanza ***tal-promozzjoni tal-ekwità, is-solidarjetà u l-kooperazzjoni leali*** fost l-Istati Membri ***u r-reġjuni tagħhom***. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u ***għandha tesplora l-għażliet għal*** mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 ***għall-***2030. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. | 3. Sa Settembru tal-2020 ***u wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt ekonomiku u settorjali***, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u ***tistipula*** mira ġdida ***għall-2030*** ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990***, u tipproponi finanzjament proporzjonat permezz tal-baġit tal-Unjoni sabiex tikseb il-mira ġdida possibbli tal-***2030. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Sat-30*** ta' ***Ġunju*** 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 | 4. ***Sal-31*** ta' ***Diċembru*** 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall- |

| | |
|---|---|
| biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' ***50 sa*** 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. | 2030***, kif ukoll il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-fondi u l-istrumenti,*** biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Hija u ***tistabbilixxi*** trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-affarijiet li ġejjin: | 3. Hija u ***tipproponi*** trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-affarijiet li ġejjin: |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni; | (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni ***u l-benesseri soċjali***; |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li għaddej u previst li jipperikola l-impjiegi, it-tkabbir sostenibbli u l-inklużjoni soċjali;*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-aqwa teknoloġija disponibbli; | (c) l-aqwa teknoloġija disponibbli ***u aċċess akbar għaliha, kif ukoll il-progress teknoloġiku***; |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-effiċjenza fl-enerġija, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista; | (d) l-effiċjenza fl-enerġija, l-affordabbiltà tal-enerġija***, il-faqar enerġetiku*** u s-sigurtà tal-provvista***, filwaqt li titqies it-taħlita tal-enerġija ta' kull Stat Membru***; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) il-ħtieġa li jiġi eliminat gradwalment l-użu tal-fjuwils fossili kollha f'perjodu ta' żmien konsistenti mal-objettiv li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali;*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) l-effetti fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) is-sikurezza alimentari, l-affordabbiltà tal-ikel u s-sigurtà tal-provvista;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***il-ġustizzja*** u ***s-solidarjetà*** bejn l-Istati Membri u ***ġo fihom***; | (e) ***l-ekwità, is-solidarjetà*** u ***l-kooperazzjoni leali*** bejn l-Istati Membri u ***r-reġjuni u fi ħdanhom, filwaqt li titqies il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni***; |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment; | (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment ***pubbliku u privat, inklużi l-ħtiġijiet ta' żvilupp infrastrutturali***; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ***ġusta***; | (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ***ekwa u li l-iżbilanċi reġjonali jiġu rranġati***; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC. | (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC***, l-IPBES u valutazzjoni komprensiva tal-impatt soċjoekonomiku u settorjali;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) l-impenn għat-tmexxija globali dwar in-newtralità klimatika;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) il-valutazzjoni tal-marka tal-karbonju u l-impronta fuq l-ilma fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom | 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi. | jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, ***filwaqt li jiżguraw it-trasferiment tan-know-how meta jkun meħtieġ,*** fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament li ***jkunu jinkludu*** oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u ***fuq valutazzjonijiet tal-progress*** li ***jkun sar***. | 2. L-Istati Membri***, b'kooperazzjoni mar-reġjuni u l-muniċipalitajiet,*** għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament li ***jinkludu miri ta' tnaqqis konkreti u*** oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà***, il-progress*** u ***l-valutazzjonijiet tal-impatt, filwaqt*** li ***jiġu kkunisdrati l-ispeċifiċitajiet reġjonali***. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress ***kollettiv li l-Istati*** Membri kollha ***jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); | (a) il-progress ***miksub mill-Istati*** Membri kollha ***b'mod kollettiv u indivdwali lejn l-ilħuq tal-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) il-progress ***kollettiv*** li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) il-progress li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu ***b'mod kollettiv u individwali*** b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. ***Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tirreferi għall-progress li jkunu għamlu r-reġjuni u r-reġjuni metropolitani dwar l-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 4 u għandha tirreferi għall-pjanijiet direzzjonali settorjali sabiex tippromwovi tranżizzjoni trasparenti u soċjalment ekwa lejn in-newtralità klimatika.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) kemm il-miżuri tal-Unjoni jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) kemm il-miżuri ***u l-finanzjament*** tal-Unjoni jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u r-rieżami msemmi fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu abbażi ta' sistema ta' informazzjoni komuni tal-UE, aċċessibbli għall-pubbliku, filwaqt li tiġi inkorporata l-informazzjoni ġġenerata mill-atturi differenti involuti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jitmexxa 'l quddiem l-adattament. Sabiex jiġu żgurati l-istandardizzazzjoni u l-omoġeneità tal-informazzjoni, is-sistema ta' informazzjoni komuni tal-UE għandha tikkonsisti minn data li tkun faċli biex tinkiseb, li tkun aċċessibbli, interoperabbli u li tista' terġa' tintuża. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni komuni tal-UE u billi tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-informazzjoni u d-data li għandhom jiġu inklużi f'dik is-sistema. Dik is-sistema għandha tibbenefika mill-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament | 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u ***r-rieżami msemmi fil-paragrafu*** 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal- |

| | |
|---|---|
| imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1). | adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed***, jew li l-miżuri tal-Unjoni jkunu wasslu għat-telf tal-kompetittività jew impjiegi f'reġjuni speċifiċi***, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1). |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ***u fatturi esterni għall-Istati Membri li jinfluwenzaw il-progress, fosthom stat ta' force majeure***. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. ***Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tirreferi għall-miżuri meħuda mill-amministrazzjonijiet reġjonali u r-reġjuni metropolitani kompetenti b'relazzjoni mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u b'relazzjoni mal-adattament għat-tibdil fil-klima kif imsemmi fl-Artikolu 4 sabiex tippromwovi tranżizzjoni trasparenti u soċjalment ekwa lejn in-newtralità*** |

| | |
|---|---|
| | ***klimatika.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tippubblika t-tali rakkomandazzjonijiet. | 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ***jew ir-reġjuni tiegħu*** ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4***, jew li l-miżuri tal-Unjoni jkunu wasslu għat-telf tal-kompetittività jew l-impjiegi f'reġjuni speċifiċi***, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tippubblika t-tali rakkomandazzjonijiet. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Is-sistema ta' informazzjoni komuni tal-UE msemmija fl-Artikolu 5(2) għandu jkollha taqsima li tinkludi strateġiji, miżuri u prattiki tajba, sabiex tgħin biex il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri jiġu armonizzati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà ***mal-Istati Membri l-oħrajn u*** bejn l-Istati Membri u l-Unjoni; | (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà ***u kooperazzjoni leali*** bejn l-Istati Membri u l-Unjoni***, bejn l-Istati Membri u bejn l-Istat Membru kkonċernat u r-reġjuni tiegħu, sakemm dawn tal-aħħar ma jkollhomx oġġezzjonijiet debitament ġustifikati għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; ***u wkoll*** | (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) l-istatistika u d-data reġjonali, inkluża d-data tar-reġjuni metropolitani; u wkoll*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC; u wkoll | (d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC ***u valutazzjoni komprensiva tal-impatt soċjoekonomiku u settorjali***; u |

wkoll

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u ***tal-Istati Membri***, fosthom l-investiment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli. | (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni***, tal-Istati Membri*** u ***tal-awtoritajiet reġjonali u lokali***, fosthom l-investiment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex ***tippermettilhom jieħdu azzjoni favur*** soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima ***u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan***. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati ***l-azzjonijiet*** li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | ***F'konformità mal-prinċipju tas-sħubija,*** il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex ***tiggarantixxi sinerġiji u ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni bl-għan li tinkiseb*** soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv***, interattiv*** u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali***, mal-NGOs***, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili***, filwaqt li tiżgura parteċipazzjoni wiesgħa u aktar aċċessibbiltà tal-informazzjoni għall-persuni kollha b'diżabilità,*** biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati ***azzjonijiet*** li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont |

| | |
|---|---|
| | l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2018/1999
Artikolu 11

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 11 | Artikolu 11 |
| Djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija | Djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija |
| Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu.; | Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet ***reġjonali u*** lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri***, it-trade unions*** u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament …/… ["il-Liġi dwar il-Klima"] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu.; |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Stabbiliment tal-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u emenda tar-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") |
| **Referenzi** | COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.3.2020 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>11.3.2020 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Caroline Roose<br>1.4.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 6.7.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 6<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Mathilde Androuët, Pascal Arimont, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Erik Bergkvist, Stéphane Bijoux, Franc Bogovič, Andrea Cozzolino, Corina Crețu, Rosa D'Amato, Tamás Deutsch, Christian Doleschal, Francesca Donato, Raffaele Fitto, Chiara Gemma, Cristian Ghinea, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Ondřej Knotek, Constanze Krehl, Elżbieta Kruk, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Nora Mebarek, Martina Michels, Niklas Nienaß, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Tsvetelina Penkova, Caroline Roose, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret, Monika Vana |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Vlad-Marius Botoş, Izabela-Helena Kloc, Stefania Zambelli |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 31 | + |
|---|---|
| GUE/NGL | Martina Michels, Younous Omarjee |
| NI | Rosa D'Amato, Chiara Gemma |
| PPE | Pascal Arimont, Tom Berendsen, Franc Bogovič, Christian Doleschal, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Andrey Novakov |
| RENEW | Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Cristian Ghinea, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret |
| S&D | Adrian-Dragoş Benea, Erik Bergkvist, Andrea Cozzolino, Corina Crețu, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Nora Mebarek, Tsvetelina Penkova |
| VERTS/ALE | François Alfonsi, Niklas Nienaß, Caroline Roose, Monika Vana |

| 6 | - |
|---|---|
| ECR | Raffaele Fitto, Izabela-Helena Kloc, Elżbieta Kruk |
| ID | Francesca Donato, Alessandro Panza, Stefania Zambelli |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ID | Mathilde Androuët, André Rougé |
| PPE | Isabel Benjumea Benjumea, Tamás Deutsch |
| RENEW | Ondrej Knotek |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

8.9.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")
(COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Asger Christensen

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-liġi Ewropea dwar il-Klima hija l-parti leġiżlattiva ewlenija tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Filwaqt li tilħaq l-għan tan-newtralità klimatika, għandha tippromwovi wkoll it-tkabbir u l-impjiegi fl-UE kollha. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika trid tkun ġusta u inklużiva.

Is-settur agrikolu huwa ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel fil-livell tal-UE u fil-livell globali iżda huwa wkoll is-settur li huwa espost bil-mod l-aktar kritiku għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. Għalhekk, il-Liġi tal-UE dwar il-Klima għandha toħloq qafas għall-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE u għall-Istati Membri biex jiġu ffaċilitati l-adattament, ir-reżiljenza u l-iżvilupp ta' livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel, f'konformità mal-Artikolu 2(1b) tal-Ftehim ta' Pariġi. Dak l-Artikolu jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ olistiku għall-azzjoni klimatika u għall-produzzjoni tal-ikel, u dan jindirizza l-adattament, ir-reżiljenza u l-mitigazzjoni.

Is-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija, l-uniċi żewġ setturi li jiffunzjonaw kemm bħala emittenti tal-karbonju kif ukoll bħala bjar tal-karbonju, iridu jitqiesu wkoll bħala muturi importanti. F'dawn is-setturi huma meħtieġa riċerka u żvilupp sostanzjali biex jinkiseb il-frott tal-potenzjal sħiħ tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Hemm bżonn ta' riċerka u żvilupp estensivi fil-produzzjoni kemm tal-pjanti kif ukoll tal-bhejjem, inkluż it-tnissil tal-pjanti għal għelejjel u ħxejjex ġodda u aktar reżiljenti li jissekwestraw aktar karbonju, kif ukoll il-valorizzazzjoni tal-bijogass u tal-bijomassa. Il-proċeduri tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għandhom jissaħħu.

L-importanza tal-assorbimenti jew l-emissjonijiet negattivi hija kbira ħafna. Bħalissa, l-assorbimenti u t-tnaqqis tal-emissjonijiet huma ttrattati b'mod ugwali fis-swieq tal-karbonju. Madankollu, tunnellata ta' karbonju assorbit mill-atmosfera għandha tiġi pprezzata b'mod differenti minn tunnellata ta' karbonju li ma jiġix rilaxxat fl-atmosfera. Sabiex jiġi stimulat l-

iżvilupp tal-assorbimenti, il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibbiltà ta' negozjar separat ta' assorbimenti jew emissjonijiet negattivi fis-swieq tal-karbonju tal-UE u f'dawk globali. Tali negozjar ta' emissjonijiet negattivi jaf jiġġenera finanzjament sostanzjali għall-klima.

Huwa wkoll meħtieġ li tiġi promossa u tingħata viżibilità lill-produzzjoni effiċjenti fir-rigward tal-klima fl-UE, inkluż fl-agrikoltura. Iċ-ċertifikazzjoni minn partijiet terzi tirrappreżenta approċċ prammatiku għal kwistjoni diffiċli, u timmira lejn ir-rikonoxximent tal-isforzi addizzjonali magħmula minn atturi, inklużi l-bdiewa u l-kooperattivi, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-produzzjoni tal-ikel sostenibbli. Dan jiżgura wkoll li l-Istati Membri kollha jużaw l-istess standards.

Qed jitressqu għadd ta' emendi bil-għan li r-Regolament jittejjeb. Dawn l-emendi għandhom l-għan, b'mod partikolari, li:

• jiżguraw li l-mira tan-newtralità klimatika tiġi stabbilita għall-Unjoni kollha kemm hi u għal kull Stat Membru b'mod individwali, bil-għan li jissaħħu l-ambizzjonijiet għall-UE kollha kemm hi;

• jistabbilixxu l-"prinċipju ta' koerenza tal-politika" fl-inizjattivi kollha previsti fil-Patt Ekoloġiku; skont dak il-prinċipju, il-kunsiderazzjonijiet previsti fir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment tat-trajettorja għan-newtralità klimatika għandhom japplikaw għall-inizjattivi kollha tal-Patt Ekoloġiku;

• jipprevedu li l-istess kunsiderazzjonijiet jitqiesu meta jittieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, inkluż meta tkun qed tiġi ddeterminata d-distribuzzjoni tat-tnaqqis u l-assorbimenti tal-emissjonijiet bejn l-istrumenti ta' politika tal-ETS u dawk mhux tal-ETS;

• fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, jipprevedu l-obbligu tal-Kummissjoni li tqis is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel filwaqt li tiġi stabbilita t-trajettorja għan-newtralità klimatika;

• jipprevedu li l-Unjoni u l-Istati Membri jiffaċilitaw l-adattament tal-bdiewa għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, jippromwovu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp ta' livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mingħajr ma jheddu l-produzzjoni tal-ikel;

• jipprevedu li l-Kummissjoni tippreżenta, wara li tivvaluta l-ħtieġa għall-istabbiliment ta' mira vinkolanti intermedja għas-sena 2040, proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi l-valuri li għandhom jintlaħqu sal-2040, kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meħtieġa;

• jipprevedu ċertifikazzjoni minn partijiet terzi sabiex jiġi stabbilit standard komuni fl-UE għal produzzjoni li tkun effiċjenti fir-rigward tal-klima. L-istabbiliment ta' standards komuni huwa wkoll mod kif il-bdiewa u l-kooperattivi jiġu ppremjati talli jipproduċu aktar b'anqas, u b'hekk jillimitaw l-impronta klimatika tal-prodott;

• jipprevedu r-rekwiżit li jinstabu alternattivi għall-ekonomija fossili. L-ekonomija ċirkolari b'bażi bijoloġika tipprovdi materjali rinnovabbli li jistgħu jissostitwixxu l-materja prima fossili.

Ir-rapporteur ressaq ukoll emenda li titlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi t-trajettorja għall-

kisba tan-newtralità klimatika permezz ta' proposta leġiżlattiva u mhux att delegat. Att delegat bħal dan jindirizza elementi essenzjali tar-Regolament, li, bħala tali, jista' ma jkunx is-suġġett ta' għoti tas-setgħa ta' att delegat.

Barra minn hekk, ir-rapporteur iqis li huwa importanti li jintgħażlu ideat kummerċjali sodi u li jitfasslu pjanijiet direzzjonali bil-kollaborazzjoni ma' imprendituri futuri li jfittxu li jistabbilixxu ruħhom fis-swieq il-ġodda. Għandu jinħoloq network ta' appoġġ għan-negozji ġodda fil-livell reġjonali fil-forma ta' korsijiet ta' taħriġ u servizzi ta' konsulenza personalizzati.

Fl-aħħar nett, minħabba l-limiti ta' żmien, ir-rapporteur ma kellux l-opportunità li jinvolvi ruħu ma' gruppi politiċi jew partijiet ikkonċernati oħra fl-abbozzar ta' din l-opinjoni. Il-kontribut kollu se jkun milqugħ tajjeb ħafna u se jitqies meta jiġu abbozzati l-emendi ta' kompromess.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[19], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. ***Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima hija l-att leġiżlattiva ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għalhekk jenħtieġ li tippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni kollha, filwaqt li tilħaq l-għan tan-newtralità klimatika. L-istrateġija l-ġdida tat-tkabbir*** għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital |

naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura***, b'enfasi partikolari fuq iż-żoni rurali, remoti u urbani***.

[19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final).

[19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final).

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra[20] jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES)[21] wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità[22]. | (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra[20] jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp. Ir-rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES)[21] ***enfasizza li l-użu sostenibbli tan-natura se jkun vitali għall-adattament u l-mitigazzjoni tal-interferenza antropoġenika perikoluża fis-sistema tal-klima u*** wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti |

li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità[22].

[20] Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1.5°C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5°C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)].

[21] IPBES 2019: Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services.

[22] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).

[20] Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1.5°C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5°C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)].

[21] IPBES 2019: Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services.

[22] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, ***għall-impjiegi***, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex ***nimxu*** b'mod ġust u kosteffettiv lejn il-mira ***b'rabta mat-temperatura*** stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il- | (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, ***għall-protezzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi***, għat-tkabbir u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex ***niżguraw*** b'mod ġust u kosteffettiv ***tranżizzjoni*** lejn il-mira ***tat-temperatura*** stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima |

| | |
|---|---|
| Ftehim ta' Pariġi"). | (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi"). |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi l-għan fit-tul li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex din tinżamm taħt il-1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali[23], u jenfasizza l-importanza li nadattaw ruħna għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima[24] u li nagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima[25]. | (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi l-għan fit-tul li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex din tinżamm taħt il-1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali[23], u jenfasizza l-importanza li nadattaw ruħna għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima[24]***, nippromwovu żvilupp reżiljenti għall-klima u żvilupp b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, inkluż permezz ta' adattament u mitigazzjoni fl-agrikoltura, b'mod li jsaħħaħ ir-reżiljenza, il-produzzjoni tal-ikel fl-UE u s-sigurtà tal-ikel,*** u li nagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima[25]. |
| [23] L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi. | [23] L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi. |
| [24] L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi. | [24] L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi. |
| [25] L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi. | [25] L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi | (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi |

| | |
|---|---|
| tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. | ***tal-agrikoltura u*** tal-ikel ***tal-Unjoni, iż-żoni rurali, il-forestrija***, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. ***Bis-sostenn finanzjarju u teknoloġiku t-tajjeb, is-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija huma parti integrali mis-soluzzjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni, inkluż permezz tal-kapaċità tagħhom li jassorbu s-$CO_2$.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Jenħtieġ*** li ***s-setturi*** ekonomiċi kollha ***jkunu obbligati jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, ***l-innovazzjoni*** teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. | (6) ***Il-kisba tan-newtralità klimatika u t-twettiq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi jenħtieġ*** li ***jirrikjedu kontribut mis-setturi*** ekonomiċi kollha***, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-fjuwils fossili***. Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, ***aċċess usa' għall-innovazzjoni*** teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. ***Is-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, peress li huma l-uniċi żewġ setturi li jiffunzjonaw kemm bħala emittenti tal-karbonju kif ukoll bħala bjar tal-karbonju, iridu jitqiesu wkoll bħala muturi importanti. F'dawn is-setturi huma meħtieġa riċerka u żvilupp*** |

***sostanzjali biex jinkiseb il-frott tal-potenzjal sħiħ tas-soluzzjonijiet eżistenti u l-firxa wiesgħa tal-innovazzjonijiet. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali wkoll lis-sostituzzjoni ta' materjali b'użu intensiv ta' fjuwils fossili b'materjali minn sorsi rinnovabbli u b'bażi bijoloġika, li jirriżultaw mill-forestrija u l-agrikoltura, kif ukoll materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta definizzjoni ta' bjar tal-karbonju naturali u ta' tip ieħor.***

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Sabiex tiġi pprovduta aktar ċarezza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta definizzjoni ta' bjar tal-karbonju naturali u ta' tip ieħor.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-28 ta' Novembru 2018 intitolata "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni biex sal-2050 tinkiseb il-mira ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni permezz ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta li tkun kosteffiċjenti. | (8) Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-28 ta' Novembru 2018 intitolata "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni biex sal-2050 tinkiseb il-mira ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni permezz ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta li tkun kosteffiċjenti. ***F'dan il-kuntest, jekk il-popolazzjoni dinjija se tiżdied bi 30 % sal-2050, is-settur agrikolu se jkollu rwol kruċjali billi jipprovdi biżżejjed ikel biex tiġi evitata*** |

***kriżi possibbli.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Unjoni hija mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija ***deċiża*** li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u ***biex*** tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima ***billi tuża l-għodod*** kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima. | (10) L-Unjoni hija mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika***,*** u hija ***determinata li tiksibha b'mod ġust, soċjalment ekwu u inklużiv, kif ukoll*** li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima***, billi tuża l-għodod*** kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima***, il-politika kummerċjali u l-azzjoni esterna dwar il-klima biex tappoġġa l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament globali għall-klima għas-setturi kollha, b'mod partikolari għall-mitigazzjoni fil-qasam agrikolu u l-adattament fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, li jbatu minn nuqqas ta' aċċess għal tali finanzjament għall-klima.[32a] Biex jiġi evitat il-fenomenu tat-tniġġis impurtat u biex tgħolli l-istandards tas-sħab kummerċjali tagħha, l-Unjoni qed tadatta l-politika kummerċjali tagħha, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tagħha f'fora multilaterali u tagħtihom effett tanġibbli fi ftehimiet kummerċjali bilaterali, fejn l-aċċess għas-suq tal-Unjoni dejjem irid ikun kundizzjonali għaż-żieda fl-istandards tal-produzzjoni fis-setturi kollha, b'enfasi partikolari fuq l-agrikoltura.*** |
| | ***32a http://www.fao.org/3/CA2698EN/ca2698en.pdf*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali[34]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. | (11) Il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess[33] u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali[34]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[35], il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-objettiv li ***b'mod kollettiv*** naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. ***Sussegwentement, mill-ewwel kwart tal-2020, l-Ewropa ntlaqtet mill-pandemija tal-COVID-19, li kkawżat impatt soċjoekonomiku qawwi u inċertezzi dwar l-irkupru.*** Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. |
| [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). | [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)). |
| [33] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). | [34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)). |
| [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). | [35] Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9). |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li***, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi,*** sal-2050 tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ġo fiha. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. | (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li sal-2050 tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku ġo fiha***, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi u billi telimina b'mod gradwali l-użu ta' riżorsi fossili***. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u ***jenħtieġ li kull Stat Membru jipprova jikseb in-newtralità klimatika b'mod individwali bl-appoġġ ta' attivitajiet kollettivi tal-Unjoni. Jenħtieġ*** li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb***, inkluż billi jesploraw il-possibbiltà ta' negozjar u pprezzar separati tal-krediti tal-emissjonijiet negattivi fis-swieq tal-karbonju***. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. ***B'mod partikolari huwa importanti li jinstabu modi kif jitkejjel is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u jinstabu indikaturi preċiżi għalih, peress li huwa t-tieni l-akbar riżerva (għalkemm temporanja) tal-karbonju wara l-oċeani. Sabiex jitkejjlu l-progress u l-impatt tanġibbli fuq l-ambjent tad-deċiżjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-għan li tuża riżorsi u għodod għall-monitoraġġ operazzjonali tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, inkluż il-programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja, Copernicus.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura kontinwament riżorsi baġitarji xierqa permezz tal-programmi settorjali ddedikati, kemm fuq terminu ta' żmien immedjat kif ukoll fit-tul, għal pagamenti kumpensatorji u premjijiet finanzjarji għall-forniment ta' beni pubbliċi bħas-sekwestru tal-karbonju mill-bdiewa.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst ***fl-Artikolu*** 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra ***f'dan il-qasam***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament. | (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst ***fl-Artikoli 2 u*** 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra ***filwaqt li jikkunsidraw is-setturi sensittivi, bħall-agrikoltura u l-forestrija li jsofru direttament mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima f'termini tat-tkabbir, l-impjiegi u l-produzzjoni tagħhom***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament***, filwaqt li jirriflettu ċ-ċirkostanzi fit-territorji nazzjonali tagħhom. Fil-qasam tal-agrikoltura, l-adattament, ir-reżiljenza u l-qbid tal-karbonju fil-bijomassa u fil-ħamrija jiddependu wkoll fuq id-disponibbiltà tal-ilma u l-politika tal-ħżin.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini***, għall-prosperità*** tas-soċjetà u ***għall-kompetittività*** tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom filwaqt li jqisu l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni. | (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri ***u s-saħħa*** taċ-ċittadini***; l-ispiża tal-bidla irriversibbli fl-ekosistemi minħabba t-tibdil fil-klima; il-prosperità*** tas-soċjetà u ***l-kompetittività*** tal-ekonomija ***inkluża l-agrikoltura; l-ispejjeż ambjentali, soċjali u ekonomiċi tan-nuqqas ta' azzjoni u tad-dewmien biex tittieħed azzjoni klimatika; il-massimizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi;*** is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel ***tal-UE; it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'bażi bijoloġika u prodotti rinnovabbli; l-adattament tas-sistemi ta' produzzjoni fl-Unjoni, inkluż fis-settur agrikolu***; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom filwaqt li jqisu l-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom***, b'mod partikolari is-sehem tagħhom minn żoni protetti ta' Natura 2000 u ta' żoni koperti mill-foresti,*** u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta ***kif ukoll territorjalment inklużiva u ugwali bejn iż-żoni u l-komunitajiet rurali u urbani***; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta |

mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-foresti għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Ġestjoni tal-foresti sostenibbli u qrib in-natura hija kruċjali għall-assorbiment kontinwu ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-atmosfera u tippermetti wkoll il-provvista ta' materja prima rinnovabbli u li ma tagħmilx ħsara lill-klima għal prodotti tal-injam, li jaħżnu l-karbonju u li jistgħu jaġixxu bħala sostitut għal materjali u fjuwils ibbażati fuq il-fossili. Ir-"rwol triplu" tal-foresti (bjar, ħżin u sostituzzjoni) jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-rilaxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-atmosfera, filwaqt li jiżgura li l-foresti jkomplu jikbru u jipprovdu ħafna servizzi oħra.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ekonomiċi kollha u tas-setturi kollha tas-soċjetà, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu | (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ekonomiċi kollha u tas-setturi kollha tas-soċjetà, ***filwaqt li l-politiki kollha tal-UE jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll b'mod li l-kapital naturali tal-Ewropa jiġi ppreservat u jerġa' jinkiseb,*** kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew |

| | |
|---|---|
| għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. | qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti. ***Filwaqt li jitqies dan tal-aħħar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar il-materjali u l-prodotti, sabiex tippromwovi l-użu ta' materjali rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju li huma ta' benefiċċju għall-klima billi jaġixxu bħala bjar tal-karbonju jew billi parzjalment ikunu sostitut għal materjali bbażati fuq il-fossili. Jenħtieġ li l-politiki tal-Unjoni jitfasslu sabiex jimminimizzaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi kollha.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tisħin Globali ta' 1,5° C jappella għal emissjonijiet żero netti ta' $CO_2$ sal-2050 u għal emissjonijiet żero netti mhux tas-$CO_2$ aktar tard fis-seklu sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal madwar 1,5⁰°C. L-Unjoni hija aktar ambizzjuża fis-sejħa tagħha biex l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra, inklużi l-gassijiet b'ħajja qasira, jaslu sa żero netti sa nofs is-seklu.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Jenħtieġ li n-nefqa li ma tagħmilx ħsara lill-klima li tapplika fil-QFP kollu u*** |

***l-Fond Ewropew għall-Irkupru tkun qed tappoġġa, fost setturi oħra, anke s-settur tal-użu tal-art, billi tippromwovi ġestjoni attiva tal-art b'mod ekoloġiku u reżistenti għat-tibdil fil-klima, filwaqt li tikkontribwixxi għall-għan ta' 3 biljun siġra mħawla f'żoni agrikoli u urbani, kif ukoll tgħin fl-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-ksib mill-ġdid ta' stat naturali u l-protezzjoni stretta tal-Unjoni.***

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16c) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità ma tistax teskludi s-settur agrikolu, l-uniku settur produttiv li kapaċi jaħżen id-dijossidu tal-karbonju. Il-ħżin fit-tul huwa ggarantit b'mod partikolari mill-forestrija, il-mergħat fit-tul u l-uċuħ tar-raba' pluriennali b'mod ġenerali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16d) Ir-rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tisħin Globali ta' 1.5$^{0}$°C jirrikonoxxi li gassijiet b'effett ta' serra differenti għandhom ċikli tal-ħajja differenti; ċerti gassijiet jibqgħu fl-atmosfera għal żmien itwal minn oħrajn. Il-metan bijoġeniku, prodott mill-bhejjem, għandu ċiklu tal-ħajja iqsar mis-$CO_2$, u jenħtieġ li dan jiġi rikonoxxut fl-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE. L-isforzi biex tinkiseb in-newtralità klimatika jenħtieġ li jindirizzaw l-urġenza tat-tnaqqis ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ fl-atmosfera.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16e) Bħalissa għaddej dibattitu fi ħdan il-komunità xjentifika dwar il-metrika komuni użata għall-Potenzjal ta' Tisħin Globali, b'mod partikolari għal gassijiet b'ħajja qasira bħall-metan bijoġeniku. L-implikazzjonijiet tal-ekwivalenza tas-$CO_2$ jistħoqqilhom aktar analiżi u huwa xieraq li tiġi żviluppata strateġija robusta bbażata fuq l-evidenza biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'ħajja qasira.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE ***għandhom*** jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u | (17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni għall-2030 biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika ***u li l-kapital naturali tal-UE jiġi ppreservat u jerġa' jinkiseb*** u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li, sa Settembru tal-2020, il-Kummissjoni tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima u li din tesplora l-għażliet għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' bejn 50 u 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall- |

filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

2030, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u filwaqt li tqis l-analiżi li tkun għamlet tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]. Meta tqis li jkun hemm bżonn tinbidel il-mira tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'50 sa 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

*Ġustifikazzjoni*

*L-objettiv trasversali li l-kapital naturali jiġi ppreservat u jerġa' jinkiseb ħaqqu jissemma, peress li hemm soluzzjonijiet fejn kull naħa tirbaħ, kemm il-klima u kif ukoll l-ambjent, u hemm soluzzjonijiet foloz li jaggravaw il-kriżi ambjentali u tal-bijodiversità. Il-Liġi dwar il-Klima għandha tippromwovi s-soluzzjonijiet fejn jirbaħ kulħadd.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) ***Biex*** ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li ***l-miżuri*** tal-Unjoni ma ***jkunux*** konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma ***jkunux adegwati*** biex ***itejbu l-kapaċità*** ta' adattament, biex ***isaħħu r-reżiljenza*** jew biex ***inaqqsu l-vulnerabbiltà***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. | (18) ***F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex*** ikun żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u biex jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li ***l-ebda miżura*** tal-Unjoni ma ***tkun*** konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma ***tkun adegwata*** biex ***ittejjeb il-kapaċità*** ta' adattament, biex ***issaħħaħ ir-reżiljenza*** jew biex ***tnaqqas il-vulnerabbiltà***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib ***li l-miżuri tal-Unjoni jkunu wasslu għat-telf tal-kompetittività u ta' impjiegi f'ċerti setturi tal-ekonomija, jew*** li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni objettiva soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati | (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni objettiva soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati |

Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din ***tkun*** tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.

Membri jibagħtu u jirrappurtaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent ***u valutazzjonijiet minn skemi ta' ċertifikazzjoni minn partijiet terzi dwar l-effiċjenza fir-rigward tal-klima, inklużi skemi li jkopru l-agrikoltura u produzzjoni tal-ikel effiċjenti fir-rigward tal-klima*** min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. ***Kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjoni klimatika għall-ikel/l-agrikoltura trid tkun ibbażata fuq korp wiesa' ta' xjenza evalwata bejn il-pari, u tiġi vvalutata u approvata mill-Kummissjoni. Kwalunkwe ammont ta' fondi tal-UE li jintefaq biex jistabbilixxi jew jiffinanzja l-iskemi jrid ikun soġġett għal skrutinju pubbliku mill-korpi xierqa tal-UE.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha. ***Il-Kummissjoni qed tesplora l-iżvilupp ta' qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Ekonomija Ċirkolari u mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt. Il-kisba mill-ġdid tal-ekosistemi u l-iżvilupp ta' suq ta' assorbimenti tal-karbonju għas-sekwestru ta' gassijiet b'effett ta' serra bbażat fuq l-art ikunu ta' għajnuna sabiex il-bjar naturali jerġgħu jinkisbu, jinżammu u jiġu ġestiti u ssir promozzjoni tal-bijodiversità. L-iżvilupp ta' inizjattiva tal-UE dwar is-sekwestru tal-karbonju***

| | |
|---|---|
| | ***f'art agrikola taħt il-kundizzjonijiet xierqa jista' jservi għas-sekwestru tal-karbonju.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. | (20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika ***fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali b'kooperazzjoni mill-qrib mal-amministrazzjoni lokali***. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà ***b'mod trasparenti għalkollox*** biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà ***soċjalment ġusta, b'bilanċ bejn is-sessi,*** newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal- | (21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, ***il-bdiewa,*** il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal- |

progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa*** li ***tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex*** tistabbilixxi trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[37]. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.***

[37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, ***il-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-impatt dettaljata, jenħtieġ*** li ***tippreżenta proposta għal regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fiha*** tistabbilixxi trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050.

[37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) L-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel minn pajjiżi terzi żdiedu b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin. Dik it-tendenza teħtieġ li ssir valutazzjoni ta' liema prodotti importati minn pajjiżi terzi huma soġġetti għal rekwiżiti komparabbli ma' dawk applikabbli għall-bdiewa Ewropej u li l-oriġini tagħhom tinsab fl-objettivi tal-politiki tal-UE dwar it-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni tippreżenta rapport u komunikazzjoni dwar dan is-suġġett lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2021.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika sal-2050 fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika sal-2050 fl-Unjoni ***u f'kull Stat Membru rispettivament*** sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data. | 1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data ***u warajha. Kull Stat Membru għandu jikseb newtralità klimatika sal-2050 permezz tal-azzjonijiet kollettivi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu ***l-ġustizzja*** u ***s-solidarjetà*** fost l-Istati Membri. | 2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv ***u fil-livell nazzjonali*** l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu ***l-bżonn li l-fjuwils fossili jiġu eliminati gradwalment,*** l-importanza tal-fatt li jippromwovu ***l-ekwità, il-kompetittività, is-solidarjetà*** u ***t-tranżizzjoni ġusta*** fost l-Istati Membri***, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet rigward it-trajettorja stabbilita fl-Artikolu 3(3)***. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sa ***Settembru tal-2020***, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u ***għandha tesplora l-għażliet*** għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' ***bejn 50 u*** 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. | 3. Sa ***Ġunju 2021***, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima msemmija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u ***tippreżenta proposta leġiżlattiva*** għal mira ġdida ta' tnaqqis ta' 55% fl-emissjonijiet meta mqabbel mal-livelli tal-1990 għall-2030***, kif ukoll tipproponi finanzjament proporzjonat permezz tal-baġit tal-UE biex tilħaq din il-mira***. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn tinbidel din il-mira, għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif xieraq. ***Dawn il-proposti għandhom jinkludu studju ta' valutazzjoni tal-impatt tal-bidliet proposti.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030 biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' ***50 sa*** 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. | 4. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta***, filwaqt li tqis il-kunsiderazzjonijiet rigward it-trajettorja stabbilita fl-Artikolu 3(3) u billi tqis l-Artikolu 4(2a),*** kif tkun trid tiġi emendata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030***, inkluż l-istabbiliment ta' miri għall-użu ta' riżorsi rinnovabbli,*** biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u għandha tqis il-possibbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, fosthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunsiderazzjonijiet rigward it-trajettorja stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u fl-Artikolu 4(2a) għandhom jitqiesu meta jittieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, inkluż meta tkun qed tiġi ddeterminata d-distribuzzjoni tat-tnaqqis u tal-assorbimenti tal-emissjonijiet bejn l-istrumenti ta' politika tal-ETS u dawk mhux tal-ETS. Huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni tiffoka fuq it-tneħħija gradwali tar-riżorsi fossili u l-introduzzjoni gradwali tal-użu ta' riżorsi rinnovabbli.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun xieraq li tistabbilixxi mira intermedjarja ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2040, bl-għan li tikseb newtralità klimatika sal-2050, hija għandha, sat-30 ta' Settembru 2028, tagħmel proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-*** |

***Kunsill u fiha tistipula l-valuri rilevanti li għandhom jinkisbu, kif ukoll kwalunkwe miżura oħra neċessarja, wara valutazzjoni tal-impatt dettaljata. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 3(3).***

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura aċċess għall-aqwa teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi disponibbli li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, billi tindirizza minnufih u kontinwament l-ostakli leġiżlattivi.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun xieraq li tistabbilixxi miri għal assorbimenti tal-karbonju mill-bjar għall-2040 u għall-2050, bl-għan li tikseb newtralità klimatika sal-2050, hija għandha, sat-30 ta' Settembru 2028, tagħmel proposti leġiżlattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, wara valutazzjoni tal-impatt dettaljata. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 3(3).*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tistabbilixxi trajettorja fil-livell tal-Unjoni biex, sal-2050, jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja. | 1. Il-Kummissjoni***, fejn xieraq u wara valutazzjoni tal-impatt dettaljata, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li*** tistabbilixxi trajettorja fil-livell tal-Unjoni biex, sal-2050, jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Hija u ***tistabbilixxi*** trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-affarijiet li ġejjin: | 3. Hija u ***tipproponi*** trajettorja skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-affarijiet li ġejjin: |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; | (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika***, filwaqt li jitqiesu l-bidla irriversibbli fis-sistema tal-klima u fl-ekosistemi, kif ukoll l-ispejjeż ekonomiċi, soċjali u ambjentali tan-nuqqas ta' azzjoni u tad-dewmien sabiex tittieħed azzjoni klimatika***; |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-benefiċċji tal-ġestjoni attiva u sostenibbli tal-foresti u tat-tisġir;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li tiġi żgurata provvista sostenibbli ta' materja prima minn foresti ġestiti b'mod attiv u sostenibbli. Il-ħtiġijiet għall-investimenti, il-kompetittività u l-effettività ambjentali enfasizzati fil-proposta tal-Kummissjoni huma tassew importanti u għandhom jiġu applikati wkoll mil-lat tal-bijoekonomija ċirkolari. L-UE jeħtiġilha tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet fossili fl-Istati Membri li qed jaqgħu lura u tippromwovi t-tisġir u l-forestrija sostenibbli u attiva fl-Istati Membri li għadhom ma żidux ir-riżorsi tal-foresti tagħhom.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) l-iżviluppi u l-isforzi li jkunu saru fil-livell internazzjonali biex jinkisbu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkisbu l-objettivi aħħarin tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni; | (b) il-kompetittività tal-ekonomija***, it-tkabbir u l-impjiegi*** tal-Unjoni***, b'attenzjoni partikolari għall-mikrointrapriżi u l-SMEs, l-adattament tas-sistemi ta' produzzjoni u l-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli***; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-aqwa teknoloġija disponibbli; | (c) l-aqwa teknoloġija disponibbli ***u applikabbli***; |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-effiċjenza fl-enerġija, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista; | (d) l-effiċjenza fl-enerġija, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista***, kif ukoll il-promozzjoni tal-bijoekonomija sostenibbli, li hija parti ċentrali tal-ekonomija ċirkolari, bħala alternattiva għall-ekonomija fossili, sabiex jinkisbu effetti ta' sostituzzjoni***; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) il-prinċipji tal-agroekoloġija bħad-diversità bijoloġika tal-agroekosistemi u l-limitazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni tagħhom u l-ottimizzazzjoni taċ-ċikli tal-ilma, tan-nitroġenu, tal-fosfru u tal-karbonju;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) il-produzzjoni tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel, u l-affordabbiltà tan-nutrizzjoni ta' kwalità;*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) in-newtralità teknoloġika u d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita enerġetika tagħhom;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) is-sistemi tal-agrikoltura effiċjenti fir-rigward tal-klima;*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; | (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress ***ambjentali*** maż-żmien***, filwaqt li jitqies ukoll l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità u li jinċentivaw u jappoġġaw lill-bdiewa biex jadottaw prattiki agrikoli sostenibbli bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-agroekoloġija, l-agrikoltura intelliġenti għall-klima, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***agroforestrija sabiex tiżdied ir-reżiljenza u tiġi żgurata produttività fit-tul***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) il-prevenzjoni tar-rilokazzjoni possibbli tal-emissjonijiet tal-karbonju;*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment; | (g) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment***, inkluż il-livell ta' appoġġ baġitarju disponibbli mill-istrumenti ta' politika tal-Unjoni***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) il-ħtieġa li jiġu pprovduti beni pubbliċi ambjentali fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u tal-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent, inklużi l-agrikoltura, l-użu tal-art u l-forestrija;*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta; | (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta***, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u remoti, fl-interess tal-koeżjoni territorjali bejn iż-żoni urbani u dawk rurali***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex iwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità u jnaqqsu l-pressjonijiet diretti fuq il-bijodiversità;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC. | (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC ***u valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika u settorjali komprensiva***. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs), il-kisba tas-sigurtà tal-ikel fil-livell tal-Unjoni u fil-livell globali billi nadattaw ruħna għat-tibdil fil-klima, nippromwovu*** |

| | |
|---|---|
| | ***r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u niżviluppaw livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra filwaqt li nżommu l-produzzjoni tal-ikel.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) in-newtralità teknoloġika u d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita enerġetika tagħhom;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt jc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jc) ċirkostanzi nazzjonali differenti tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi. | 1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi ***u għandhom jiżguraw produzzjoni awtonoma suffiċjenti tal-ikel fl-Unjoni, filwaqt li jżommu standards għoljin tas-sigurtà tal-ikel***. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament ***li jkunu*** jinkludu oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq ***xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima*** u l-vulnerabbiltà u ***fuq*** valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament ***u*** jinkludu oqfsa komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju bbażati fuq ***linji bażi robusti għall-klima*** u l-vulnerabbiltà u valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar***, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u jiżguraw li l-istrateġija kummerċjali tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi tkun koerenti mal-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni***. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-importanza strateġika tal-agrikoltura għas-sigurtà tal-ikel fil-livell tal-Unjoni u fil-livell globali, l-esponiment kritiku tas-settur għall-effetti tat-tibdil fil-klima u l-potenzjal tiegħu li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-adattament tal-bdiewa għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u għandhom jippromwovu r-reżiljenza għall-klima u l-iżvilupp ta' livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mingħajr ma tiġi mhedda l-produzzjoni tal-ikel;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-agrikoltura hija s-settur l-aktar espost b'mod kritiku għall-impatti tat-tibdil fil-klima, u settur ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel fil-livell tal-UE u fil-livell globali li huwa kompromess mill-impatti tat-tibdil fil-klima. Għalhekk, il-Liġi tal-UE dwar il-Klima*

*jeħtiġilha tirrikonoxxi l-importanza strateġika tal-agrikoltura, u toħloq qafas għall-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE u għall-Istati Membri biex jiġu ffaċilitati l-adattament, ir-reżiljenza u l-iżvilupp ta' livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel, f'konformità mal-Artikolu 2(1b) tal-Ftehim ta' Pariġi.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jesploraw il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' skemi ta' kreditu tal-karbonju, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment ta' gassijiet b'effett ta' serra permezz tas-sekwestru tal-karbonju fl-użu tal-art, il-ħamrija u l-bijomassa fejn xieraq fl-agrikoltura bil-ħsieb li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050, permezz tal-iżvilupp ta' suq separat tal-assorbiment tal-karbonju għas-sekwestru ta' gassijiet b'effett ta' serra bbażat fuq l-art. Dan il-qafas għandu jkun ibbażat fuq korp wiesa' ta' xjenza evalwata bejn il-pari u għandu jiġi vvalutat u approvat mill-Kummissjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-miżuri ta' azzjoni klimatika ma jkollhom l-ebda impatt negattiv fuq il-bijodiversità, l-ambjent jew is-soċjetà u s-saħħa pubblika u jikkonformaw mal-istrumenti kollha ta' politika ekonomika xierqa u proporzjonati għas-sostenibbiltà. Sat-30 ta' Ġunju 2021, l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw rapport ta' valutazzjoni f'dan ir-rigward.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 - paragrafu 2c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2c. Biex jimplimentaw it-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jużaw, fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament, l-istrumenti kollha ta' politika ekonomika disponibbli, fejn dawn ikunu xierqa u proporzjonati mal-objettivi segwiti. Dawk l-inizjattivi jistgħu jinkludu b'mod partikolari Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri konformi mad-WTO sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jiżdiedu l-istandards tal-produzzjoni tal-importazzjonijiet.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2d (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2d. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa sett ta' indikaturi biex tivvaluta r-reżiljenza tas-soċjetà, l-ambjent u l-ekonomija għat-tibdil fil-klima. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' dawn l-indikaturi f'konformità mal-pjan annwali ta' ħidma tagħha.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2e (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2e. Il-finanzjament għandu jkun disponibbli għas-servizzi konsultattivi agrikoli biex dawn jipprovdu informazzjoni u jaqsmu l-aħjar prattiki mal-bdiewa biex jgħinuhom jadattaw ruħhom għall-isfidi, bħan-nixfa u l-għargħar, li t-tibdil fil-klima jġib miegħu.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2f. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli u attiva tal-foresti biex tiġi żgurata l-provvista sostenibbli tal-materja prima fit-tranżizzjoni lejn il-bijoekonomija ċirkolari.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); | (a) il-progress kollettiv ***u nazzjonali*** li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4. | (b) il-progress kollettiv ***u nazzjonali*** li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4***;*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni għandha ***tibgħat il-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta l-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999***, u tpoġġihom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku***. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (a) il-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); | (a) il-konsistenza tal-miżuri ***u l-politiki*** tal-Unjoni***, kif ukoll l-inizjattivi kollha stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew,*** mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1***), u l-kunsiderazzjonijiet li jirregolaw l-istabbiliment ta' dik it-trajettorja, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3***); |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(ba) il-konsistenza tal-politika kummerċjali tal-Unjoni mal-objettiv ambjentali stabbilit f'dan ir-regolament;*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati ***meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1)***. | 3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ħames snin wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin: | Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ħames snin wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin***, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà***: |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 ***mal-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2***(1)***, kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1)***, skont ir-rilevanza tagħhom biex jintlaħaq dak l-*** | (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima jew tar-Rapporti Biennali ta' Progress ***u r-Rapport dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijoenerġija*** li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999***, u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ippreżentati f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi regoli dwar l-*** |

| | |
|---|---|
| *objettiv*; | ***appoġġ għal pjanijiet strateġiċi li l-Istati Membri għandhom ifasslu skont il-Politika Agrikola Komuni, kif rilevanti għall-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett ta' serra u t-tisħiħ tal-bjar naturali tal-2030 u l-objettiv*** tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2 ***b'dak l-objettiv***, kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1); |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha ***tibgħat il-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha ***tippubblika u tippreżenta dik il-valutazzjoni u l-konklużjonijiet*** ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija ***tista'*** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. | 2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv ***u nazzjonali*** li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv kif espress mit-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija ***għandha*** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ***fil-lingwi*** |

| | |
|---|---|
| | ***uffiċjali kollha tal-UE***. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu r-rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi kif ikun qies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni**.** Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jiħux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni; | (b) fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu r-rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi kif ikun qies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni ***u l-miżuri adottati;*** Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jiħux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni; |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA); | (b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) ***u korpi oħra tal-UE***; |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; u | (c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar ***l-impatti ekonomiċi territorjali u fuq l-impiegi ta' miżuri meħuda fil-qafas ta' dan ir-Regolament, u d-data dwar*** it-telf li jkun hemm minħabba |

| | |
|---|---|
| | l-impatti negattivi tal-klima ***u stimi tal-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni jew tad-dewmien biex tittieħed azzjoni, u inkluża data dwar iż-żidiet fl-impjiegi kif ukoll it-telf tagħhom***, meta dawn ikunu disponibbli; u |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata b'data li tirrifletti t-tliet pilastri tas-sostenibbiltà, jiġifieri il-pilastru ambjentali, soċjali u ekonomiku. It-tranżizzjoni se tfisser ukoll aktar impjiegi ġodda f'xi oqsma oħra tal-ekonomija; dan japplika wkoll għall-ikel u l-agrikoltura.*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investiment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli. | (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent ***u ċertifikazzjoni minn parti terza għall-effiċjenza fir-rigward tal-klima,*** min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investiment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/… [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar miżuri għall-appoġġ tal-agrikultura u l-produzzjoni tal-ikel effiċjenti fir-rigward tal-klima permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni minn partijiet terzi. Dan ir-rapport għandu jservi wkoll bħala bażi għall-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha*** |

***msemmija fl-Artikoli 5 u 6.***

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċertifikazzjoni minn partijiet terzi se tkun mod kif jiġi stabbilit standard komuni fl-UE għal produzzjoni li tkun effiċjenti fir-rigward tal-klima. Bl-istabbiliment ta' standards komuni, il-bdiewa u l-kooperattivi li jirnexxilhom jipproduċu aktar b'anqas, u b'hekk tiġi limitata l-impronta klimatika ta' unità ta' produzzjoni, se jiġu ppremjati. Madankollu, irid jiġi rikonoxxut li mhuwiex possibbli li jitneħħew għalkollox l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mis-settur agrikolu.*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999. | Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tal-operaturi ekonomiċi, tal-produtturi, tal-ħaddiema, tal-konsumaturi, u tal-organizzazzjonijiet tal-Unjoni u l-kooperattivi rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u għandha tassistihom fit-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rekord ta' dawk l-interazzjonijiet fi spirtu ta' trasparenza.*** Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar- |

Regolament (UE) 2018/1999.

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu mhux determinat taż-żmien li jibda minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** | |
| ***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħturin minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*** | |
| ***5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.*** | |

***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Stabbiliment tal-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u emenda tar-Regolament (UE) 2018/1999 (”il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) |
| **Referenzi** | COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.3.2020 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>11.3.2020 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Asger Christensen<br>4.5.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.9.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 35<br>–: 8<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Cristian Ghinea, Dino Giarrusso, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Maxette Pirbakas, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Manuel Bompard, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz, Christine Schneider, Marc Tarabella, Thomas Waitz |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 35 | + |
|---|---|
| EPP | Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Christine Schneider, Annie Schreijer-Pierik, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| S&D | Clara Aguilera, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Paolo De Castro, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Marc Tarabella |
| RENEW | Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Cristian Ghinea, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Ulrike Müller |
| GREENS/EFA | Anna Deparnay-Grunenberg, Martin Häusling, Tilly Metz, Bronis Ropė, Thomas Waitz |

| 8 | - |
|---|---|
| ID | Gilles Lebreton, Maxette Pirbakas |
| ECR | Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová |
| EUL/NGL | Manuel Bompard, Luke Ming Flanagan |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ID | Mara Bizzotto, Angelo Ciocca, Ivan David |
| EUL/NGL | Chris MacManus |
| NI | Dino Giarrusso |

Tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | Stabbiliment tal-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u emenda tar-Regolament (UE) 2018/1999 (”il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) | | | |
| **Referenzi** | COM(2020)0080 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 4.3.2020 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.3.2020 | | | |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>11.3.2020 | EMPL<br>11.3.2020 | ITRE<br>11.3.2020 | TRAN<br>16.4.2020 |
| | REGI<br>11.3.2020 | AGRI<br>11.3.2020 | | |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ECON<br>8.4.2020 | EMPL<br>6.5.2020 | | |
| **Kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>27.5.2020 | | | |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jytte Guteland<br>5.3.2020 | | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 28.5.2020 | 10.9.2020 | | |
| **Data tal-adozzjoni** | 11.9.2020 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 46<br>18<br>17 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Androulakis, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurelia Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Miriam Dalli, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Eleonora Evi, Agnès Evren, Fredrick Federley, Pietro Fiocchi, Andreas Glück, Catherine Griset, Jytte Guteland, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Joanna Kopcińska, Ryszard Antoni Legutko, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ștefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska | | | |

| | |
|---|---|
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michael Bloss, Manuel Bompard, Laura Huhtasaari, Christel Schaldemose, Inese Vaidere |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Johan Danielsson |
| **Data tat-tressiq** | 22.9.2020 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 46 | + |
|---|---|
| EPP | Bartosz Arłukowicz, Inese Vaidere, Pernille Weiss, Michal Wiezik |
| S&D | Nikos Androulakis, Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Miriam Dalli, Johan Danielsson, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Christel Schaldemose, Günther Sidl, Tiemo Wölken |
| RENEW | Pascal Canfin, Fredrick Federley, Martin Hojsík, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ştefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir |
| GREENS/EFA | Margrete Auken, Michael Bloss, Bas Eickhout, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Jutta Paulus |
| GUE/NGL | Malin Björk, Manuel Bompard, Petros Kokkalis, Silvia Modig, Mick Wallace |
| NI | Eleonora Evi, Athanasios Konstantinou, Ivan Vilibor Sinčić |
| **18** | **-** |
| EPP | Traian Băsescu |
| RENEW | Andreas Glück |
| ID | Simona Baldassarre, Aurelia Beigneux, Marco Dreosto, Catherine Griset, Laura Huhtasaari, Sylvia Limmer, Joëlle Mélin, Luisa Regimenti, Silvia Sardone |
| ECR | Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Ryszard Antoni Legutko, Rob Rooken, Alexandr Vondra, Anna Zalewska |
| **17** | **0** |
| EPP | Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Esther De Lange, Peter Liese, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Dan-Ştefan Motreanu, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Edina Tóth |
| RENEW | Jan Huitema |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni